

# DUN ĠORĠ

## 1880 - 1962

MEL
BQX
8345
.R5
M8

**"Jeħtieġ li intom tkunu tafuhom dawn il-ħwejjeġ, għax aħna m'aħniex separati minn xulxin. Aħna qalb waħda u spirtu wieħed."**

**Dun Ġorġ.**
**18. viii. 57.**

**Nihil Obstat,** Melitae, die 24 Junii; 1963, Prof. A. Tabone, Cens. Theol.
**Imprimatur,** Melitae, dei 3 Martii, 1964, Datum in Curia Archiep. † Em Galea, Ep. Trall in Asia.

Nistqarru li kulma hawn f'din il-kitba fuq Dun Ġorġ Preca nissottomettuh f'kollox lejn il-Knisja Kattolika li hi biss għandha s-setgħa li tagħmel ġudizzju fuq il-qdusija ta' l-ulied tagħha.

† Verbum Dei caro factum est.

B'tifkira

ta' egħluq il-mitt sena

mit-twelid ta'

# DUN ĠORĠ PRECA

is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija,

M.U.S.E.U.M.

qiegħda toffri dan il-ktejjeb

lil kull familja Maltija

b'xewqat ta' ġid spiritwali

12 ta' Frar, 1980.

Stampat Offset fil-Progress Press

*Xtaqna li matul is-sena 1980, li taħbat il-mitt waħda mit-twelid ta' Dun Ġorġ Preca, nagħmlu xi ħaġa biex infakkruh kif jixraq. Ma ridniex nagħmlu ħsejjes li jtiru bħad-duħħan mar-riħ għax dan ma kienx ikun jaqbel mal-qalb ta' Dun Ġorġ.*

*Ħsibna li l-aħjar ħaġa tkun li nagħtu lil kull familja Maltija ktejjeb bil-ħajja ta' Dun Ġorġ. Ma kinetx ħaġa ħafifa, iżda wasalna u għandna l-pjaċir nippreżentawlkom dan il-ktejjeb li nittamaw li jogħġobkom.*

*F'ħajtu Dun Ġorġ dejjem kien iħobb jinħeba u jibqa' mwarrab, iżda biex jieħu glorja Alla l-Imbierek jidhrilna li l-eżempji tiegħu għandhom jiġu fil-beraħ, biex il-Maltin jintebħu kif għex dan il-qassis Malti ħuhom biex isiru jixbhuh kif jistgħu.*

*Nittamaw li din il-ħajja taqrawha fil-familja tagħkom għax hija miktuba bi stil popolari u tiftiehem minn kulħadd.*

*Din il-ħajja nkitbet sewwa sew sena wara li miet Dun Ġorġ, u għalhekk fiha siwi kbir. Kull ma hemm fiha nġabar bir-reqqa mill-kittieba li kienu jafu lil Dun Ġorġ u għandha l-approvazzjoni u x-xhieda ta' dawk li wara sena mill-mewt ta' Dun Ġorġ kienu għadhom ħajjin. Għalhekk din il-ħajja fiha siwi li tibqa' dejjem l-ewwel ħajja li nkitbet fiż-żmien meta Dun Ġorġ kien għadu ħaj fil-memorja ta' min kien igħix miegħu u jafu personalment.*

*Jekk meta taqrawha ssibu xi ħaġa li biha tersqu aktar qrib lejn Ġesu' nkunu għamilna ħaġa li żgur togħġob lil Dun Ġorġ.*

*Francis Saliba,*
*Superjur Ġenerali.*

## Messaġġ ta' Monsinjur Arċisqof

## ĠUŻEPPI MERCIECA

## lill-Arċidjoċesi fl-Okkażjoni ta' Egħluq il-Mitt Sena mit-Twelid ta' Dun Ġorġ Preca

*Mitt sena ilu, fit-12 ta' Frar 1880, il-Belt Valletta twieled Dun Ġorġ Preca. Din id-data lilna l-Maltin għandha ġġegħelna naraw kemm huma ta' l-għaġeb triqat il-Mulej, kemm hu tassew minnu dak li ighidilna Missierna San Pawl, fl-ittra tiegħu lill-Efesin, li lilna "l-Mulej għażilna fi Kristu sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba . . . iddestinana għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu li biha mliena fil-Maħbub tiegħu". (Ef. 1, 4-6).*

*Fil-kobor ta' mħabbtu għalina, il-Mulej, bil-provvidenza tiegħu ħaseb fina, kif kien ħaseb fina mijiet ta' snin ilu u għażilna bħala wirt tiegħu meta bagħat l-Appostlu tiegħu fostna biex jiżra' ż-żerriegħa tal-fidi li matul iż-żminijiet kellha tikber u twassal il-friegħi tagħha 'l bogħod minn xtut gżiritna, kull fejn waslu l-Maltin u taw xhieda quddiem id-dinja tal-fidi li missirijietna laqgħu minn fomm San Pawl u għaddew bla mittiefsa lil uliedhom u lil ulied uliedhom saż-żmenijiet ta' lum.*

*L-irwiefen tal-ħażen ma naqsux li jonfħu fuqna biex iqaċċtu s-siġra tal-fidi li ħawwel San Pawl fi gżiritna, imma l-Mulej, tul iż-żminijiet, u skond iż-żminijiet, ħares b'imħabba din is-siġra li ħawwel fostna l-Appostlu tiegħu, u, għalkemm imħabbta u maħqura mill-irwiefen tal-ħażen, żammet sod u ma tqaċċtet qatt.*

*Fi żmenijietna wkoll il-Mulej minn kmieni ħaseb biex jirfed is-siġra tal-fidi mħawwla f'art Maltija, kontra l-irwiefen u t-tempesti qliel taż-żminijiet ta' llum. "Sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja", il-Mulej għażel għal din il-ħidma t-tarbija li twieldet mitt sena ilu, fit-12 ta' Frar.*

*Fost in-nies li għexu miegħu, fost in-nies ta' żmienu li kienu jafuh, min qatt basar li Dun Ġorġ kien il-bniedem li Alla, fil-providenza tiegħu, għażel biex iħares il-fidi tagħna l-Maltin kontra t-thedid kollu li ġej minn barra, l-irwiefen tal-ħażen u tal-permissività, li għalihom ma hemm ebda lqugħ madwar xtut gżiritna ħlief il-qawwa tal-fidi tagħna l-Maltin?*

*Il-Mulej saħħaħna kontra dawn l-irwiefen, mhux b'wiri ta' qawwa u ta' setgħa, imma fis-skiet, bil-ħidma umli u fqira taċ-ċkejknin tiegħu, ta' l-imwarrbin u l-mistmerra mill-għorrief u s-setgħanin ta' l-art. Immexxi mill-Ispirtu Qaddis ta' Alla, Dun Ġorġ, bħal Ġesù, mar ifittex lil dawk li d-dinja ta' żmienu kienet tistmerr u twarrab; kien jaqsam magħhom il-ħobż tiegħu, kien ikellimhom mhux bil-kliem għoli u tqil tal-għorrief tad-dinja, imma bil-kliem iebes u miftuħ li kienu jitkellmu huma. U kliemu kien isib it-triq li twassal għall-qiegħ ta' qalbhom, mhux bħall-kliem l-ieħor li kienu jisimgħu, kollu tiżjin u tlellix, li kien iħallihom kollhom mistagħġba għax ma kienu jifhmu xejn!*

*Ħafna ma fehmuhx, ħasbuh qiegħed "jitfa' l-ġawhar quddiem il-qżieqeż" u ippruvaw ifixkluh. Iżda hu ma qatax qalbu: laqa' kull tfixkil bħala prova biex il-ħidma tiegħu tgħaddi bħad-deheb min-nar tat-tiġrib ħa tissaffa u tissaħħaħ. Qalbu marbuta sħiħ mar-rieda ta' Alla, u sottomess għal kollox għax-xewqat ta' l-awtoritajiet tal-Knisja li fihom kien dejjem jara r-rieda ta' Alla, kompla l-ħidma li għaliha sejjaħlu l-Mulej u waqqaf is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, il-M.U.S.E.U.M.: kien dan l-ilqugħ kontra l-irwiefen ta' żminijietna, li l-Mulej ried itella' biex iħares il-fidi nisranija tal-Maltin, mhux biss ta' dawk li qed igħixu hawn Malta, imma wkoll ta' dawk li marru jgħammru 'l bogħod minn xtut gżiritna.*

*Dun Ġorġ ma għadux magħna; il-Mulej sejjaħlu għandu tmintax-il sena ilu; iżda l-ħidma li hu beda għadha sejra, l-ispirtu tiegħu għadu jħeġġeġ għadd kbir ta' rġiel u nisa, żgħażagħ, xebbiet u tfal li, b'ħeġġa liema bħalha, kuljum, għal sigħat sħaħ, flok ifittxu l-mistrieħ wara jum xogħol jew studju, jinġabru flimkien, jimmeditaw il-Kotba Mqaddsa, u jissaħħu fit-tagħlim nisrani biex igħadduh lit-tfal li jmorru fid-djar tal-Museum ħa jitgħallmu d-duttrina, biex iwassluh lil sħabhom fuq ix-xogħol, biex igħixuh f'ħajjithom, u hekk ikunu eżempju ħaj ta' xhieda nisranija. U dan bla ebda interess: "mhux bilfors, imma bil-qalb, kif irid Alla; mhux għall-qliegħ baxx, iżda mħeġġa mill-imħabba." (I Piet. 5, 3).*

*Il-Knisja Maltija għandha għax trodd ħajr lil Alla li għoġbu jagħtiha eżerċtu hekk kbir ta' qalbenin għal Kristu, għadd sabiħ ta' lajċi impenjati fl-appostolat għat-tixrid u l-kobor tas-Saltna ta' Kristu u għall-ħarsien tal-wirt għażiż li ħallilna San Pawl u writna minn għand missirijietna-*

*Inroddu ħajr għalhekk lil Alla bħala poplu u nitgħallmu, ilkoll kemm aħna, saċerdoti u lajċi, minn Dun Ġorġ biex, mimlijin bl-ispirtu tiegħu, inħabirku bla heda, bis-sabar u bil-qalb, għall-kobor tas-Saltna ta' Kristu, f'pajjiżna, imqanqlin mill-imħabba ta' Kristu, għat-tifħir u l-glorja tiegħu.*

*Mogħti llum, 10 ta' Frar, 1980, f'jum is-sollennità li tfakkarna fil-miġja ta' San Pawl fostna.*

† Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta.



# IL-ĦAJJA TA' DUN ĠORĠ PRECA

**DAĦLA**

It-tmiem tas-seklu XIX kien qiesu daħla għas-seklu XX li fih Malta kellha ġġarrab tibdil l-aktar kbir. Kien fl-aħħar nofs tas-seklu XIX li Malta rat nies kbar: Fra Diegu, l-Ajk Franġiskan li kien l-Anġlu tal-midinbin; Adelajde Cini, eżempju ta' mħabba lejn l-orfni; Dun Ġorġ Bugeja, li nefaq flusu fl-Istitut San Ġużepp biex irabbi l-iltiema; Vincenzo Bugeja, li bena l-Istituti għas-subien u l-bniet; u s-Sur Fons Marija Galea li barra l-Istituti li bena għall-Orfni, bil-pinna f'idu beda jdawwal imħuħ il-Maltin b'dawk is-sentimenti li jsebbħu l-bniedem. F'Malta kien beda dieħel ukoll in-nazzjonaliżmu; l-għajta għat-tmexxija ta' Malta mill-Maltin kienet tinstema' 'l hawn u 'l hinn. Min-naħa l-oħra bdew jitfaċċaw nies li t-tagħlim u l-ideat tagħhom kienu żgur imċappsin minn tagħlim qarrieqi u barrani għat-tradizzjonijiet reliġjużi u ħelwin tal-ħajja Maltija. Malta kienet dieħla bil-mod il-mod fi twelid ġdid, f'ħajja ġdida, li magħha kellha ġġib it-tajjeb u l-ħażin. Kien f'dan iż-żmien li twieled wieħed mill-aqwa Saċerdoti Maltin.

Malta kollha kienet tafu. Ma hemmx belt jew raħal li ma rax ġid minnu, li ma semax il-kelma tiegħu. Kont tarah għaddej, twil twil, rasu u spallejh dejjem inklinati lejn l-art, b'pass kbir iżda bil-mod, kultant iserraħ ma' spalla ta' xi raġel, għajnejh 'il quddiem inkella fl-art, rari biex iħares 'l hinn u 'l hawn. Ġbinu kbir u bla tikmix, fommu kważi dejjem jitbissem, u meta jidħak kont tisthajjel li dik id-daħka nofsha kienet bħal tat-tfal u n-nofs l-ieħor bħal ta' l-anġli. Imnifsejh b'toqob kbar minħabba n-niskata li kien jieħu biex iserraħ rasu. Kultant wiċċu kien juri serjetà kbira, l-aktar meta jkun għadu kif għamel xi lezzjoni serja, għalkemm dejjem ta' lewn roża u sabiħ, donnu jarmi s-safa. Spiss kien ikun b'leħja bajda ta' ġimgħa li ttih wiċċ ta' xwejjaħ li jisthoqqlu l-qima. Hafna kienu jxebbhuh ma' San Filippu Neri li fuqu fassal ħajtu. Idejh jitriegħdu, lesti biex ibierku u jmissu r-ras ta' min jersaq quddiemu. Is-suttana tiegħu qadima u turi xi tbajja', għalkemm nadifa. Iż-żarbun tiegħu kbir u bit-tromba bħal tas-suldati li minn meta daħal f'saqajh, qatt ma kien ra ftit tal-lostru fuqu.

**Estratt mir-Reġistru tal-Magħmudija, San Duminku — il-Belt.**

Februarii 1880.

Preca

Die decima septima: 17. ejusdem.
Ego Fr. Vincentius Cousin Vice-Parochus baptizavi infantem natum die duodecima (12) ejusdem hora 11¼ A. M.
in Via Ponente N.o 53 ex D.nis Vincentio Preca filio Georgii,
et Natala Ceravolo, filia quond. Antonii ortis in Parrocia
S. Pauli Vallettae, conjugatis vero in Parocia nostra, cui
imposita sunt nomina: Georgius, Paulus, Emmanuel, Joannes, Pius. Patrini fuere D.ni Joannes Cuppini, et Marianna
uxor ejusdem.



Is-Sur Viċens Preca, missier Dun Ġorġ.

Fost ħafna diffikultajiet kien jiġri ma' Malta kollha biex igħallem u jfarraġ, ikellem u jferraħ, ibierek u jqawwi. Lit-tfal iqassmilhom il-ħelu mbierek biex jevitahom mill-mard, lill-kbar iberkilhom il-kuruni u l-Kruċifissi, u lill-morda jberkilhom l-ilma u jgħidilhom li jiswa biex ifejjaq *"għax is-sinjal tas-Salib fih qawwa bla qies"*. F'kull post li kien ikun erħilu jiġbed lil dak fil-ġenb ikellmu f'widnejh u jserraħlu moħħu fuq ħsieb li kien ilu żmien itambar f'rasu, lil ieħor iħarislu ċass f'għajnejh u b'kelma qasira u ċara jurih x'inhi l-vokazzjoni tiegħu, lil ieħor iċanfru bla ebda rispett uman, lil ieħor igħajjat miegħu għax imur biex jiġbidlu ritratt, u lil dak iwiddbu biex jitlaq it-triq li qabad għax se twasslu f'qiegħ l-infern. Hekk kienet tafu Malta kollha, jiġri għal 55 sena sħaħ minn tarf sa tarf tal-Gżira, biex itemm fissatra l-missjoni li Alla kien tah.

## L-EWWEL SNIN

Dun Ġorġ twieled fil-Belt Valletta f'Nru. 53 Strada Ponente, nhar it-12 ta' Frar, 1880. Huwa kien is-seba' wieħed fost disa' aħwa, ħamsa bniet u erba' subien, li twieldu mill-familja tas-Sur Vinċenz Preca, merkant, li aktar tard sar spettur sanitarju, u s-Sinjura Natalina Ceravolo li kienet tgħallem l-iskola. Kien imgħammed minn Patri Vinċenz Cousin O.P. fil-Knisja tad-Dumnikani tal-Portu Salvu fis-17 ta' Frar u l-ismijiet li tawh kienu: Ġorġ, Pawlu, Piju, Ġanni u Manwel. Il-Parrinijiet kienu s-Sur Ġann Coppini u martu s-Sinjura Maria Anna oħt is-Sur Vinċenz Preca.

Meta kien għadu żgħir, darba, fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu, ħareġ passiġġata mas-seftura Filumen. Iċ-ċkejken Ġorġ baqa' jħares lejn il-baħar qiesu ħġieġ. Fettillu jitfa' siequ fil-baħar u f'kemm trodd salib kien wiċċu fl-ilma, idejh miftuħin beraħ, f'periklu tal-mewt. Is-seftura li ndunat wara ftit tal-ħin bdiet tgħajjat l-ajjut. Inzerta kien għaddej Mikiel il-barklor, li resaq malajr bid-dgħajsa u salva lil Ġorġ mill-għarqa. Mhux darba u tnejn xi soċji kienu jiċċajtaw miegħu u jgħidulu, "Dun Ġorġ, inti bħal Mose', meħlus mill-għarqa." Il-familja tiegħu, meta kien għadu żgħir, ġarret mill-Belt u marret toqgħod l-ewwel B'rkirkara fuq il-Pont, u wara l-Ħamrun.

Dun Ġorġ irċieva l-Griżma ta' l-Isqof nhar it-2 ta' Awissu 1888 mill-Isqof Buħagiar O.M.C. fil-Knisja ta' S. Gejtanu l-Ħamrun. Il-Parrinu kien Dun Karm Gatt D.D.

L-ewwel studji għamilhom fl-iskola tal-Gvern u billi kien intelliġenti lil missieru tawh il-parir biex iressqu għall-eżami tal-Liċeo. Dun Ġużepp Vella, qassis f'San Gejtanu ħa grazzja miegħu meta semgħu jkanta fil-Knisja u libbsu l-libsa ta' Abbati. Hekk baqa' Dun Ġorġ dejjem fil-Knisja, l-ewwel bħala abbati, imbagħad kjeriku, u fl-aħħar qassis. Hu stess ġie li stqarr li hu nnifsu lanqas biss jaf kif laħaq qassis.

Ta' tifel li kien, darba, fis-sagristija ra gandlier sabiħ, ħadu d-dar miegħu, naddfu u tgħidx kemm ġie jleqq. Meta mar iqerr qal lill-Konfessur, "Jiena ħadt gandlier mill-Knisja". Il-Konfessur wieġbu: "Mur qiegħdu

mnejn ħadtu." Dun Ġorġ kien igħid li dak il-gandlier qatt ma rah iżjed għax kien sabiħ wisq!

Ta' tfal li kien, kellu xewqa li jitla' sa fuq iċ-ċinta tal-knisja. Darba tela' u, waqt li kien ħemm fuq jiltaqa' ma' Wistin Pisani, żagħżugħ b'saħħtu. Dan, biex juri kemm jiflaħ, qabdu minn taħt dirgħajh u dendlu għal barra. Ġorġ twerwer u baqa' jsemmi l-impressjoni li għamillu dalfatt sakemm kiber.

Il-Liċeo kien dejjem għalih waħdu. Nies xjuħ li jiftakru 'l Dun Ġorġ kemm fl-iskola u kemm id-dar jixhdu li Ġorġ kien dejjem maqtugħ għalih waħdu: huwa stess kien igħid illi meta kien għadu student kien qisu tiġieġa mgħaxxa, kulħadd iballatlu fuq dahru. Meta xi darba t-tfal kienu jaqtgħu x-xorti biex jagħmlu l-partiti għal xi logħba, lil Ġorġ kienu jħalluh dejjem għall-aħħar, u xħin jispiċċaw it-tfal kollha, min kien imissu jagħżel kien idur fuq sħabu u jgħidilhom: "Lil Ġorġ ħuduh b'xejn!"



Meta kien għadu abbati kien imur igħallem id-duttrina fil-Knisja, kif kienet id-drawwa dak iż-żmien.

Bħala tifel abbati kien imur igħin il-Quddiesa lill-kappillan ta' l-Istitut Fra Diegu. Darba ltaqa' mat-twajjeb Fra Diegu li dana ħares lejh u qallu: *"Ġorġ, inti għad tikber u ssir qassis u għad tiġi tqaddes f'dan l-Istitut."*

Ta' sittax-il sena qara t-"Thejjija għall-Mewt" ta' San Alfons u tant nissel fih impressjoni dan il-ktieb li baqa' jirrakkomandah ħajtu kollha.

Meta kien għadu ġuvni Dun Ġorġ kellu profezija li tabilħaqq intemmet. Hu stess igħid:

*"Meta jiena kont il-Liċeo, darba, wara l-4 ta' wara nofs in-nhar, pass pass kont sejjer il-Ħamrun. Ma kienx, dak iż-żmien, żmien ta' kumdità; konna niġu bil-mixi u mmorru bil-mixi, xi omnibus... imma dejjem bil-mixi. Meta jiena wasalt il-Furjana, fil-Mall, qabel ma dħalt fil-Mall, nilmaħ lissurmastru tiegħi Dun Ercole Mompalao. Kien saċerdot edifikanti wisq u avanzat fl-età. Iltaqa' miegħi, qalli: 'Preca, sejjer il-Ħamrun lejn id-dar?' Għidtlu, 'Iva', u qalli, 'Immorru, nimxu ftit flimkien.' U jiena qgħadt innaħa tax-xellug biex nurih li jiena bravu, li naf kif imorru l-affarijiet, u mixjin, dħalna fil-Mall. F'nofs il-Mall sewwa sewwa waqaf — kelli xi sbatax-il sena dik il-ħabta, u kont magħlub, ma kontx tħallas sitt ħabbiet għalija, tafx, — waqaf b'tant serjetà, igħidlek: 'dan qed jaħseb li dalwaqt imut', u qalli: 'Preca, int għad tikber u nies li jirrispettaw 'l Alla jidħlu filfamiljarità miegħek u inti magħhom. Int għad issib xortik permezz tagħhom u huma għad isibu xortihom permezz tiegħek, b'mod li tista' tgħid mal-Profeta David, 'Funes ceciderunt*

Fonti tal-Magħmudija ta' S. Duminku, il-Belt.

*mihi in preclaris'.' Bqajt impressjonat u ma tajtx każ tagħha għax kull mument nistenna l-mewt."*

Mil-Liċeo għadda għas-Seminarju. Huwa kien dejjem minn ta' quddiem speċjalment fil-Latin. Fis-Seminarju waqt il-mistrieħ kien iħobb jersaq lejn sħabu u wara li jirrakkontalhom xi ċajta jew wara li jkunu lagħbu bil-ballun taċ-ċarruta kien jagħtihom xi tagħlima spiritwali qasira. F'dan iż-żmien Dun Ġorġ kien iqerr għand Saċerdot mill-aqwa, Dun Alwiġ Galea. Hu stess jirrakkonta: *"Dun Alwiġ Galea kien raġel għaref u ta' qdusija kbira. Miet fl-1905 meta jien kont suddjaknu. Kont inħobbu wisq lil dal-qassis u għalejt ħafna għalih. Mela isimgħu x'viżjoni: Nilmħu ġej bis-suttana, u jien għaraftu, u naf li hu mejjet. Mort fuqu u għidtlu, 'Is-Sinjur Ġesù Kristu li inti tant servejt u ħabbejt rajtu xejn?' Qalli. 'Fl-ewwel ċena ma rajtux, imma rajtu fit-tieni ċena' u għamilli silenzju biex ma nkellmux iżjed. Wara ftit għamilli hekk: 'Lilek Alla għażlek biex tgħallimlu l-poplu Tiegħu'. Ġiet dgħajsa ħadra, daħal fiha, mingħajr barklor, mingħajr imqadef, u sparixxa. Meta qomt, meta ġejt f'sensija, għidt, 'Fl-ewwel ċena ma rahx iżda ġie fit-tieni ċena.' Fhimt li huwa mar xi ftit, kemm kemm, il-Purgatorju u b'ħeġġa kbira mort ftaħt l-Iskrittura addoċċ, jinfetaħ il-Ktieb ta' l-Apokalissi, u nqiegħed subgħajja addoċċ, u naqra dal-kliem: 'Beati qui vocati sunt ad Coena Agni', 'Imberkin dawk li huma msejħin għaċ-Ċena tal-Ħaruf'. Imma li jiena ngħallem lill-poplu Tiegħu, bla kapaċità, bla saħħa, m'għandi xejn x'jaqlagħni fin-natura, din ma niblagħhiex, u kważi warrabtha fil-ġenb, ma tajtx każ tagħha."*

Meta ordna suddjaknu u kien ġej lura fil-karrozzin ma' missieru xħin waslu l-Furjana, instemgħet vuċi li tgħid: *"Illum jiena għarrastek mal-Knisja tiegħi."*

Bħala Djaknu Dun Ġorġ għadda minn waħda mill-aqwa provi tiegħu. Tistgħu taħsbu xi jħoss żagħżugħ li jkun wasal biex jieħu l-Quddiesa u jsib ruħu f'qiegħ ta' sodda bla saħħa ta' xejn. Missieru tgħidx kemm inkwieta u ġablu wieħed mill-aqwa tobba ta' dak iż-żmien, il-Professur Meli, li wara li eżaminah kemmex xofftejħ u lil missieru qallu: "Ċens, imutlek żgur, għax għandu pulmun wieħed diġà niexef. M'għandekx għalfejn tixtrilu u la pjaneta u lanqas missal." Dun Ġorġ stess stqarr, "Kif stajt, jiena, norbot qalbi mad-dinja meta minn ħin għall-ieħor kont nistenna l-mewt?" Iżda bla ma jaf kif, ftit qabel l-ordinazzjoni, irnexxielu jqum u jmur biex jordna Saċerdot ta' Kristu għal dejjem. Hu dejjem qal li dal-fejqan jafu 'l San Ġużepp. Meta kiber u kien xiħ sewwa kien spiss jiċċajta, *"U missieri miet, u l-Professur miet, u jiena b'pulmun wieħed għadni ħaj biex ingħallem."*



**West Street (Sda. Ponente) il-Belt, fejn kienet toqgħod il-Familja Preca meta twieled Dun Ġorġ.**

Bosta drabi Alla jinqeda bl-iskart tad-dinja biex jikkonfondi lis-suppervi u jsib mezzi mhux adattati biex juri li l-opra hija Tiegħu u mhux tal-



**Is-Seminarju tal-Furjana fejn Dun Ġorġ ħa l-formazzjoni tiegħu wara l-Liceo.**

bniedem. Kien għadu mhux qassis meta darba Dun Ġorġ mar fejn ftit ġuvintur li kienu qegħdin quddiem il-Knisja ta' San Gejtanu l-Hamrun, u talabhom sigarett. Dak iż-żmien il-wisgħa ta' quddiem il-Knisja kienet għadha għalqa kbira. Il-ħsieb tiegħu ma kienx is-sigarett iżda ruħhom. Indiehes magħhom, daħal b'tagħhom u ħareġ b'tiegħu. Beda bis-sigarett u spiċċa bir-rakkont tal-Passjoni.

### SAĊERDOT—FUNDATUR

Fit-22 ta' Diċembru tal-1906 Dun Ġorġ ħa l-Quddiesa. Iż-żgħażagħ li kien iltaqa' magħhom quddiem il-Knisja ta' San Gejtanu u li kienu saru jħobbuh sewwa ħasbu li issa, li Dun Ġorġ kien qaddes, ftit kien se jkollu ħin biex joqgħod igħallimhom, l-aktar u l-aktar meta huma kienu jiltaqgħu u jpoġġu bilqiegħda fuq xi ġebla ġo l-għalqa. Iżda Alla kien ħaseb mod ieħor. Dun Ġorġ jirrakkonta:

*"Is-Soċjetà tal-Museum, bdiet hekk. Meta jiena ħadt il-Quddiesa ma ridt naf b'xejn, assolutament b'xejn, nistenna l-ħin ta' filgħodu biex immur inqaddes. Wara l-Quddiesa dejjem kont immur id-dar. Ma tantx kellna kumditā d-dar, kellna kamra ta' fejn il-bejt, kont nitla' hemm u ngħid l-offiċċju u x'naf jien. Kif inkun fis-skiet ġietni l-ispirazzjoni minn Alla, — minix kuntent ngħidilkom biss imma rrid nipperswadikom — ġietni l-ispirazzjoni minn Alla li jiena nagħżel xi żgħażagħ, ngħallimhom biex igħallmu d-duttrina li fil-Knisja kienet imħarbta wisq, għax, meta konna tfal, aħna konna ngħallmu, l-abbatini, konna ngħallmu fil-Knisja. Wara l-Barka konna niġbru s-siġġijiet, niġbru t-tfal u konna ngħallmuhom, u s-sagristan kien ikun magħna... Darba s-sagristan kien qed igħallem id-duttrina u kien qed ikellimhom fuq Alla, li Alla ħalaq kollox, u wieħed mit-tfal qallu: 'Ġann, u Lilu min ħalqu?' Qabeż dan is-sagristan u*




ĠORĠ PRECA
F'JUM IT-TWELID TA'
ĠESU' KRISTU
1906
QADDES GHALL-EWWEL DARBA
FIT-TEMPJU TA' SAN GEJTANU
FIL-WAQT LI OFFRA TALB UMLI
LIL ALLA
LI JXERRED KULL ĠID
BIEX SAKEMM IGHIX
DEJJEM IFITTEX IL-ĠID
TAL-KNISJA MQADDSA
U S-SAHHA TAL-POPLU NISRANI


GEORGIUS PRECA
NATALI . DIE . JESU . CHRISTI
MCMVI
PRIMVM . SACRIS . OPERATVR
IN . TEMPLO . CAJETANIANO
DEO . OMNIVM . BONARVM . LARGITORI
HVMILES . FVNDENS . PRECES
VT . DONICUM . VIVAT
SEMPER . ECCLESIÆ . SANCTÆ . DECORI
ET CHRISTIANI . POPVLI . SALVTI
CONSVLAT

**Is-Santa (minn quddiem u minn wara) tifkira ta' l-Ewwel Quddiesa ta' Dun Ċorġ**





Is-Sur Ċużeppi Howard, ir-raġel tal-kuġina ta' **Dun Ċorġ,** li **fl-1921 sar l-ewwel Prim Ministru ta' Malta.** Is-Sur Ċorġ Preca, iz-ziju ta' Dun Ċorġ.



**Fra Diegu Bonanno: "Ġorġ, int għad tikber u ssir qassis."**

*qallu, 'Sar waħdu', li hija ereżija, għax Alla minn dejjem; tgħid li sar waħdu, kellu bidu... Allura qed nimmedita jien dan l-oġġett ta' dina l-ispirazzjoni, li jeħtieġ li min igħallem ikun ikkultivat fit-tagħlim, allura ġieni f'rasi li jiena niġbor ġuvintur, nieħu ħsiebhom, u ngħallimhom biex ikunu jistgħu jgħallmu d-duttrina lill-oħrajn. Isimgħu ftit. Għidt però dan il-pass ma nagħmlux issa; meta mmur għall-assoluzzjoni ngħidlu (lill-Konfessur) x'ġieni f'rasi u jekk igħidli 'Agħmel', nagħmel, u jekk igħidli ma nagħmilx, ma nagħmilx. U din id-dispożizzjoni fija għadni nħossha sa dil-ġurnata, li kieku qalli, 'Tagħmel xejn', żgur li ma kont nagħmel xejn. Imma hu, dal-Konfessur, kien Monsinjur Wiġi Attard, kont inqerr għandu, u dik in-nhar qararni f'nofs l-Oratorju tal-Ġiżwiti, tal-Kunċizzjoni, kien hemm pultruna fin-nofs, intefa' bil-qiegħda, u wara li tani l-assoluzzjoni għidtlu: 'Ha ngħidlek x'ġieni f'rasi.' U għidtlu kollox, u hu, bl-istess familjarità, ma qallix, 'Agħmel rikors lill-Isqof', imma qalli, 'Mur u iftaħ u agħmel mezzi'. U jiena, mingħajr ma għidt lill-Kurja xejn, krejt mezzanin numru sei u bdejt niġbor il-ġuvintur u ngħallimhom u bdejt nitkellem bl-ikbar serjetà fuq is-serjetà tal-mewt, li l-mewt titfagħna fit-tribunal ta' Kristu, mit-tribunal ta' Kristu sentenza jew ġenna jew infern; f'kelma waħda kont inħabbat wisq fuq il-meditazzjoni fuq il-mewt illi bosta u bosta nies kienu jimpressjonaw ruħhom. Wieħed raġel, darba, semagħni u qallhom lin-nies, 'Ma nerġax nisimgħu iżjed, kif għamilli qalbi daqs lewża!' U ma reġax ġie għax miet. Imma aħna komplejna. Bdejna mixjin..."*

Għall-ewwel Dun Ġorġ kien ilaqqa' ż-żgħażagħ tiegħu fil-Knisja ta' Nuzzu u jgħallmu fil-Parroċċa, iżda malajr raw illi hekk ma setgħux ikomplu. Dun Ġorġ ġietu l-idea li jikri post. Iż-żgħażagħ ħatfuh, u hekk għamlu, krew dar fi Triq Fra Diegu, Numru 6. Il-kappillan tiegħu, Dun Ġuż. Muscat, bierku u għamillu l-kuraġġ u l-ewwel laqgħa f'din id-dar saret nhar il-Ħamis 7 ta' Marzu 1907. Il-post li krew kien imneżża' minn kollox. Iż-żgħażagħ u n-nies kienu

**Dun Alwiġ Galea.**



jpoġġu fl-art fuq ħasira u Dun Ġorġ fuq kaxxa.

Hawn ix-xitan xtaq li jisfratta l-ġid billi jwaħħal f'moħħ Dun Ġorġ xewqa għal ġid akbar. Dun Ġorġ ħass is-sejħa li jsir Ġiżwita, iżda din ma kenitx vera sejħa għalih għax il-missjoni tiegħu kienet li jgħallem u jifforma lil min igħallem. Anki l-ewlenin żgħażagħ li kellu kollha bdew jitħajrulu biex imorru min il-Missjoni, min f'xi Kunvent, iżda Dun Ġorġ li rnexxielu jikxef l-ingann tax-xitan, kien jiddiriġihom b'deċiżjoni ċara li ftit kienu jissugraw imorru kontra tiegħu. L-ewwel wieħed li kien ġabar fosthom, Ewġenju Borg, li aktar tard sar l-ewwel Superjur Generali, u li lilu waħdu kien jieħdu spiss, anki qabel ma laħaq qassis, f'Santa Vennera, taħt ħarruba, biex igħallmu waħdu, tħajjar li jsir patri. Dun Ġorġ mar fuqu u bla tlaqliq qallu: "Jekk issir patri l-infern tmur."

Ftit wara li qaddes, Dun Ġorġ kellu ġrajja li wrietu biċ-ċar x'kellha tkun il-missjoni tiegħu bħala Saċerdot. Halli nisimgħuha minn fomm Dun Ġorġ innifsu din il-ġrajja li min jaf kemm-il darba rrakkontaha lis-soċji tiegħu. *"Niġu għall-viżjoni stupenda ta' Croce Marsa. Mela din il-viżjoni ġrat xi sentejn wara li ftaħna l-Oqsma u kont ġej hawn Raħal il-Ġdid biex inkellem lis-Superjura Ġenerali... Kienu xi l-5 ta' filgħaxija, kont ġej Raħal il-Ġdid bil-mixi. Minn Croce Marsa, tafu, dik il-ħabta kienu jgħaddu ħafna trammijiet, karrozzi tal-parroċċa tal-mejtin, karrozzini, triq pubblika u passiġġiera wkoll. Nilmaħ tifel, ta' tnax-il sena kkalkulajtu, qiegħed jiġbed karretta. Il-karretta kellha roti wesgħin u baxxi, mhux faċilment tinqaleb, u mal-karretta marbuta qoffa mimlija żibel, marbuta bil-ħbula, u qed iġġebbidha dan it-tifel. Nara 'l dan it-tifel, idur lejja, jiġbed għal fuqi, u bi kliem ta' imperju, bi kliem ta' kmand, qalli: 'Agħtini l-għajnuna!', b'jedd. In-natura tgħid, 'Dana x'pastas hu? dal-jedd kollu jitlob lili, qassis, biex ngħinu nimbuttalu l-karretta taż-żibel?' Imma, ħaġa tal-għaġeb, malli qalli dil-kelma, jiena ħassejtni tbiddilt f'mument u b'tant kalma u mingħajr biża' ta' xejn, — għidt bla biża' ta' xejn għax intom tafu, il-passiġġieri li jgħaddu minn dik in-naħa jaraw qassis bit-trespikos jimbotta karretta taż-żibel, kbira!, jgħidu 'Dan wasal*



**Is-Salib tal-Marsa, post għażiż għal Dun Ġorġ u l-Għaqda tiegħu.**



L-Oratorju tal-Knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt.

*dal-qassis, għal Wied Inċita!' — Dan nista' ngħid, malli jiena dort biex nimbuttalu l-qoffa, qigħedt idejja biex nimbotta, hu jiġbed u jiena nimbotta, malli qigħedt dawn idejja li qegħdin taraw mal-qoffa taż-żibel, inħoss ħlewwa tant kbira li sa issa ma nistax ingħid x'sar minni. U l-għada bdejt nirrifletti fuq din il-viżjoni. Bdejt ngħid, 'Imma safejn imbuttajtu? U minn liema triq għaddejna? Għal Ħal Qormi dritt? Għaddejna minn quddiem fejn hemm il-Knisja tal-Marsa? Ħadna t-triq ta' Ħal Luqa? Ma nafx, ma nafx!' Kont qed nirrifletti u għadda soċju tal-Museum u sejjaħtlu u rrakkuntajtlu l-viżjoni kollha. Malli spiċċajt nirrakontalu dil-viżjoni, dawl mis-sema ġie fil-menti tiegħi li ma nistax niddubita li ma kienx mis-sema. 'Il-karretta u l-qoffa mimlija biż-żibel fuqha huma s-Soċjetà tal-Museum. It-tifel Kristu Ġesù li ħa l-istess forma ta' meta kien jiddisputa mad-dutturi. Is-soċjetà qed jiġbidha Ġesù u inti, imma mhux waħdek, u s-soċji kollha subien u bniet kienu miegħek, jimbuttaw, għax din l-opra impossibbli li jagħmilha wieħed bniedem waħdu. Din hi t-tifsira ta' dil-viżżjoni' U pperswadejt ruħi illi hu hekk. Tant hu veru meta jinqala' xi għawġ dejjem moħħi kwiet, ingħid Ġesù qed jiġbidha. Min jimbotta jista' jagħlaq għajnejh. Jekk igħaddi minn fuq il-fjuri ngħaddi minn fuq il-fjuri, jekk igħaddi minn fuq il-ħama ngħaddi minn fuq il-ħama, eċċ. ħwejjeġ li bl-esperjenza nafuhom wisq tajjeb".*

Dun Ġorġ ma tantx kellu x'joffrilhom lil dawn iż-żgħażagħ tiegħu, iżda kellu l-aqwa ħaġa: imħabba kbira tixgħel f'qalbu u persważjoni fil-kelma tiegħu li weħedhom kienu biżżejjed biex iżommu lil dawk iż-żgħażagħ igħaddu ż-żmien liberu tagħhom bil-qiegħda fl-art jisimgħu dak it-tagħlim sabiħ li għalihom kien donnu ġdid.

L-injuranza li kellhom fuq affarijiet reliġjużi dawn il-ġuvintur kienet tgħaġġbek. Xi wħud lanqas biss kienu jafu l-Attijiet u oħrajn bil-kemm kapaċi jgħidu ħames posti Rużarju, u għalhekk meta sabu lil Dun Ġorġ b'sistemi ħfief u b'ħeġġa tal-għaġeb lest biex igħallimhom qabdu miegħu u ma riedu jitilquh b'xejn.

Ftit taż-żmien wara biddlu d-dar u marru f'oħra, fi Sqaq San Tumas Numru 3 (Ħamrun). Dun Ġorġ kien igħaddi dawn il-ġranet tiegħu waħdu f'talb l-iżjed profond u fil-għaxijiet biss kien joħroġ biex imur igħallem. Wara li spiċċa l-lezzjoni, darba, qallhom: *"Ma rridx aktar miżżewġin u romol; ġuvintur biss."* Kien hemm min ħa għalih għaliex ma xtaqx li jitlaq wara li issa kien daq it-tagħlim sabiħ ta' din ix-xirka ġdida. Imma Dun Ġorġ kien deċiż għaliex ma kien ikollu ebda dubju li l-idea tiegħu ma kenitx ġejja minn Alla wara tant talb u tgħakkis li kien jagħmel.

Minn ta' l-ewwel kien hemm Ewġenju Borg u Salvu Muscat. Lil dawn Dun Ġorġ ġabarhom miegħu u bla tlaqliq urihom li minnhom kien irid ħajja ta' sagrifiċċju. Dawn iż-żgħażagħ

intelqu f'idejn Dun Ġorġ li, bħala skultur famuż, ħallewh jonqox fihom l-ispirtu ta' Kristu. Iż-żewġ kolonni li fuqhom bena l-Għaqda tiegħu Dun Ġorġ kienu l-ħsieb tan-Novissimi u l-Imitazzjoni ta' Ġesu Kristu.

Dun Ġorġ xtaq jagħti isem lill-Għaqda tiegħu u għalhekk qallhom: "X'insemmuha lil din l-Għaqda tagħna?" Salvu Muscat, li kien wieħed miż-żgħażagħ dejjem ferrieħa, qallu: "Sinjur, insemmuha Mużew". Għoġbithom l-idea u tant ferħu li wara l-lezzjoni qabdu lil dan Salvu u mimlijin entużjażmu għollewh fuq l-ispallejn u b'qoxra ta' rummiena Salvu kiteb mal-ħajt il-kelma MUSEUM. L-idea li jissemma' Museum għoġbithom għal din ir-raġuni, għaliex f'Mużew għandek issib merfugħa ħwejjeġ għeżież u ta' siwi, u huma kienu kollha tal-fehma li f'dan il-post ta' Dun Ġorġ kienu sabu l-aktar ħwejjeġ għal qalbhom: it-tagħlim li jdawwal il-moħħ u l-paċi li sserraħ il-qalb. Dun Ġorġ stess din l-idea kitibha lis-Soċji, "veru Museum li fih jikkonserva u jgħożż l-iktar ħaġa prezzjuża fid-dinja, li hija l-paċi". Barra minn hekk Dun Ġorġ ta tifsira lill-kelma Museum bil-kelmiet Latini: *M*agister *U*tinam *S*equatur *E*vangelium *U*niversus *M*undus. Din il-kelma ma kenitx ħaġ'oħra ħlief l-espressjoni ta' l-unika u l-ikbar xewqa li kellu Dun Ġorġ: "Mgħallem, o li kieku d-dinja kollha timxi wara l-Evanġelju!"

Kurjuża kienet ukoll il-għażla tal-Qaddis Protettur. Dun Ġorġ, wara lezzjoni, kien tahom biċċa karta u talabhom iniżżlu fuqha l-isem ta' xi qaddis li xtaquh ikun il-Patrun tal-Għaqda ġdida tagħhom. Kien hemm ħafna li xtaqu jagħżlu lill-Madonna, oħrajn lil San Ġużepp jew lil San Gejtanu, iżda wieħed minnhom, Karmenu Darmanin, kiteb l-isem ta' San Ġwann Battista. Dun Ġorġ qabad il-karti kollha, qegħedhom f'kappell u sejjaħ tifel li nzerta għaddej mit-triq u talbu jtella' waħda minnhom. Alla ried li San Ġwann Battista, sekular, ġuvni, u iben Saċerdot, ikun il-Patrun tal-Għaqda l-ġdida li kienet iffurmata minn sekulari ġuvintur, ulied spiritwali ta' Saċerdot.



**Is-soċju Salvu Muscat mill-Ħamrun.**

## IL-KNEJJES MIFRUDIN

Għal qalb Dun Ġorġ kienet ukoll il-konverżjoni ta' nies protestanti, xiżmatiċi u Lhud, u għalhekk fl-ewwel snin tas-saċerdozju tiegħu nxteħet biex igħallem lil dawk in-nies barranin li kienu jidħlu hawn Malta fuq skejjen u vapuri. Erħilu jitlaqlek għax-Xatt bil-mixi u b'sistemi ħfief u ċari jgħallem u jikxef l-inganni li kienu jgħixu fihom dawn in-nies. Darba, il-Belt, għamel appuntament ma' qassis xiżmatiku. Kien hemm min innutah dieħel għand dan il-qassis u malajr kellu rapport. Il-Vigarju staqsieh fuq din il-ħbiberija tiegħu. F'din il-laqgħa x-xiżmatiku kien talab lil Dun Ġorġ biex jitlob miegħu iżda huwa ma aċċettax. Il-ħsieb uniku tiegħu kien li jikxef l-inganni u juri liema kienet il-vera Knisja ta' Kristu permezz tat-tagħlim. Waħda sinjura, darb'oħra, li kienet protestanta u li kienet ilha toqgħod żmien twil Malta, staqsiha għaliex ma tidħolx

fir-Reliġjon vera. Tkellmu bejniethom u meta Dun Ġorġ beda jikkwotalha l-Iskrittura hija qaltlu: "Tridx inlaqqgħek mal-Ministru tiegħi?" Dun Ġorġ aċċetta, iltaqgħu fil-ġurnata ffissata u l-Ministru ġie flimkien ma' martu. Il-Ministru qabbad sigarett u ħareġ fil-gallarija jpejjep u lil Dun Ġorġ ħallieh waħdu mal-mara tiegħu jitkellmu fuq l-Iskrittura. Dun Ġorġ beda jispjegalha u juriha bil-kwotazzjonijiet ta' l-Iskrittura kemm huma kienu verament fl-iżball. Imma meta ra li ftit kienet qed tagħti każ, Dun Ġorġ qabad il-kappell, sellmilha bil-Malti, u telaq 'il barra.

Għall-ewwel darba bħala Għaqda, għalkemm kienet għadha mhix magħrufa uffiċjalment mill-Knisja, ix-xirka ta' Dun Ġorġ ħadet sehem f'purċissjoni, u din ħabtet fl-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar f'Malta fl-1913 taħt it-tmexxija tal-Legat tal-Papa, il-Kardinal Domenico Ferrata. Din ix-xitla ta' Dun Ġorġ, li ħadd għadu ma kien jaf biha, ġibdet l-attenzjoni tan-nies. Mill-bieb tal-Belt ma kellu jgħaddi ħadd. Xħin il-pulizija żammithom, Karmenu Cutajar u Karmenu Callus ftehmu mal-pulizija u taw l-ordni lis-soċji kollha biex jilbsu l-pallju. (Dan kien jikkonsisti f'biċċa żigarella b'żewġ pendenti, ta' lewn isfar u abjad, għax sal-1932 Dun Ġorġ ried li x-xirka tiegħu tissejjaħ ix-Xirka ta' Ulied il-Papa [Societas Papidum]). Kulħadd obda u x'ħin il-pulizija rathom b'dik iż-żigarella mdendla ma' għonqhom ħalliethom igħaddu bl-unuri kollha. Lanqas bandalora ma kien għad għandhom. Kienet l-idea ta' Karmenu Callus li malajr kien irranġa libsa bajda ta' għarusa, qasqsu u waħħlu fuqha stampa ta' San Ġwann Battista, u hekk ħadu sehem f'din il-purċissjoni. Imma ħadd ma seta' jkun jaf min kienu dawk il-ġuvintur. Meta rawhom xagħarhom maqtugħ u mingħajr ingravata, għajnejhom lejn l-art, bi lbies sempliċi, mingħajr polki u ċrieket tad-deheb, in-nies bdew ħerġin bl-ideat tagħhom. Min qal li kienu tal-ħabs, oħrajn qalu li kienu s-sagristani, oħrajn it-Tripolitani, u ħadd ma ntebaħ li dik it-tibdila fil-bixra ta' barra ma kenitx ħaġ'oħra għajr sinjal żgħir minn barra ta' dik il-bidla kbira li Dun Ġorġ kien qed jaħdem fir-ruħ ta' kull wieħed minn dawk iż-żgħażagħ li sa ftit tas-snin ilu kienu jiġġerrew 'l hawn u 'l hinn mingħajr ħadd ma jagħti kashom. Fl-Erbgħa ta' wara, Dun Ġorġ, malli sab ruħu mdawwar bis-soċji, tahom ħasla bil-kif. "Suppervi! Ma stħajtux, mortu turu ruħkom, eh?! Imisskom tistħu, mortu tagħmlu 'show' biex kulħadd igħid 'Ara tal-Museum!"

Il-lezzjonijiet ta' Dun Ġorġ f'dan l-ewwel żmien kienu jdumu minn sagħtejn sa tliet sigħat il-waħda. Nhar ta' Ħadd kienu jinġabru jew iċ-Ċimiterju inkella tnejn tnejn imorru sa l-Isptar iduru mal-morda. Fuq il-qabar ta' Dun Alwiġ Galea, Dun Ġorġ kien jagħżel is-soċi ġodda li kellhom jaħdmu miegħu u hu jsejħilhom appostli għax ried li jibgħathom ixerrdu l-Vanġelu ta' Kristu. Fuq il-postijiet tax-xogħol dawn il-ġuvintur kienu diġà bdew igħallmu l-Kelma t'Alla fil-ħin tal-mistrieħ ta' nofs in-nhar. Ewġenju Borg kien joħroġ in-nies fit-triq u jkellimhom fuq Alla, iżda ma damux ma ftiehmu illi jikru post ġewwa Bormla u b'hekk infetaħ il-Museum ta' Bormla. F'dawn l-ewwel laqgħat Dun Ġorġ kien igħallimhom spiss il-"Leħen il-Maħbub", sentenzi meħudin mill-kliem ta' Kristu, u fuq il-Kempis, li kien wieħed mill-kotba li Dun Ġorġ kien jaqra spiss. Trid altru tkun bniedem t'Alla, bħalma kien Dun Ġorġ, biex żgħażagħ jaslu biex jobduk fi ħwejjeġ tant ibsin għan-natura tagħhom.

**IL-PROVA**

B'għaqal u prudenza kbira l-Knisja kienet qiegħda tħares fuq din l-Għaqda li f'dak iż-żmien kienet għal kollox ġdida. L-ebda għaqda oħra tas-sekulari ma kien għad hawn f'Malta. Dun Ġorġ kien il-pijunier ta' l-appostolat tas-sekulari. Anki l-ħsieb tal-Knisja fuq din il-kwistjoni kien għadu 'l bogħod. Għalkemm San Piju X mill-esperjenza tiegħu ta' kappillan, ta' isqof u ta' Patrijarka kien diġà qed iħoss li d-dinja kattolika kellha bżonn ta' dawn il-ġuvintur determinati, virtużi u mgħallmin, biex ikunu jistgħu jqaddsu s-soċjetà tal-lum, madankollu l-

hsieb ta' apostolat sekular organizzat kellu jitfaċċa għall-ewwel darba ħamsa u għoxrin sena wara, fil-pontifikat ta' Piju XI, li waqqaf l-Azzjoni Kattolika.

Il-Vigarju ta' dik il-ħabta beda biex jagħti każ ta' dak li beda jisma' fuq is-Soċjetà ġdida ta' Dun Ġorġ u *"bagħat għall-Kappillan tal-Ħamrun, u qallu: 'Hemm, Dun Ġorġ Preca x'inhu qed jagħmel il-Ħamrun, dawk il-folol ta' nies f'dik id-dar?' 'Safejn naf jien kien qed igħallem id-duttrina u x'naf jien', qallhom, "imma jiena qed nissorvelja fuqu'. 'Qalulna li għadu kemm iqum minn mardà, u moħħu ħfief'..."*

Il-Kappillan Muscat, li mill-ewwel intebaħ x'kien ġej, għamel ħafna kuraġġ lil Dun Ġorġ. Xi wħud li kienu ma' Dun Ġorġ, meta raw li kien ġej l-inkwiet warrbu, iżda Dun Ġorġ baqa' għax kien iħossu persważ li Alla kien sejjaħlu għal din il-missjoni L-ewwel daqqa kbira li ħa Dun Ġorġ kienet meta ra l-opra tiegħu taqa' biċċa biċċa f'mument. Ha nisimgħu minn fomm Dun Ġorġ innifsu l-każ kif kien. *"Imlewlu rasu lill-Vigarju Mons. Salv. Grech, u ma ttihomx ħtija, imsieken, u qatt ma nkurlajt għalihom jien, għax naf, jaħasra, li mhix ħtija tagħhom. Għamilli hekk il-Vigarju; qalli 'Inti għandek dawk l-Istituti: neħħihom kollha'....... Għidtlu: 'Intom is-superjuri, jiena sudditu tagħkom, għandi nobdikom. Inneħħihom kollha.' Għidtlu 'Benedicite' u ħriġt."*

Tgħid Dun Ġorġ ma kienx jaf u jħoss bla dubju, li l-opra tiegħu kienet minn Alla? B'danakollu, quddiem l-Awtorità tal-Knisja, baxxa rasu u flimkien ma' wliedu obda mingħajr raġunar. Hawn kienet ir-rebħa tiegħu. Alla kien qiegħed jimmarka s-Soċjetà ta' Dun Ġorġ bit-timbru tassema, il-prova. Fil-għaxija Dun Ġorġ fetaħ qalbu ma' l-ewwel żgħażagħ tiegħu u beda jagħlaq il-Mużewijiet.

Dun Ġorġ ma kienx bniedem li tiċċajta miegħu fil-ħajja spiritwali. Fil-lezzjonijiet li kien jagħmel fuq l-indifferenza li wieħed għandu jkollu fis-suċċess ta' l-opri tajba spiss kien igħid: "Jekk inti qed tfittex bl-opra tajba tiegħek li tagħti glorja 'l Alla, tirnexxi jew ma tirnexxix xorta waħda." U issa kien qiegħed jipprattika dak li għallem u juri li l-virtù tiegħu ma kinetx komuni. Id-deċiżjoni biex jingħalqu l-Mużewijiet kienet, skond l-espressjoni tiegħu, id-daqqa tal-mannara biex teqred is-Soċjetà mill-għerq, iżda, *"ilħaqt għalaqt Mużew wieħed biss. Ġbarthom is-soċji u rrakkontajtilhom kollox. U l-kappillani qamu u marru għand il-Vigarju: 'Kien qed jagħmel ħafna ġid, igħallem id-duttrina!' u bis-silenzju ħalla kollox miexi kif inhu."*

Dun Ġorġ kien bniedem ġej minn Alla għax kien ubbidjenti lejn il-Knisja. Il-glorja tiegħu kienet il-glorja tal-Knisja, u l-għaxqa tiegħu kienet l-ubbidjenza lejn dawk li Kristu qallhom: "Min jisma' lilkom jisma' Lili." Hu stess jirrakkonta kif il-Vigarju



**Id-dar fi Triq Rjali, Ħamrun, fejn Dun Ġorġ għex il-biċċa l-kbira ta' ħajtu, nhar 26-7-62.**

Mons. Salv. Grech faħħar l-ubbidjenza tiegħu: "*Dana Dun Salv Grech, Alla jaħfirlu, intelaq fis-sodda, kellu leżjoni mentali l-marda tiegħu... u mar ċertu qassis mill-Hamrun, Dun Edgar Santucci, biex jarah. Kif ra lil Santucci, jaf li mill-Hamrun, qallu: 'Santucci, Dun Ġorġ kif inhu?' Staqsa għalija: Qallu: 'Allright, miexi għall-affarijiet tiegħu.' Qallu: 'Dun Edgar Santucci, sibnieh ubbidjent u tassew minn Alla l-opra tiegħu għax ma għamilx reżistenza lis-Superjuri.' U Santucci qalha lili bi ħbiberija, biex jikkonfortani, għax konna ħbieb...*"

**TFIXKIL**

Din l-Għaqda ġdida bdiet tinħass ġo Malta, iżda t-triq li sabu Dun Ġorġ u l-ewlenin soċji quddiemhom ma kinetx triq ħafifa u miksija bil-ward. Ma setax jonqos li meta d-demonju ra li din l-għaqda qed tieħu s-sura, l-aktar fost il-ħaddiema, li hawn Malta kienu diġà bdew iduqu u jisimgħu l-kliem antiklerikali ta' Manwel Dimech, ma jagħmilx minn kollox biex jisfrattaha. Dun Ġorġ kien ra millbogħod li l-fidi ta' Malta qiegħda filperiklu għax nieqsa mit-tagħlim. Dun Ġorġ ħass il-polz ta' Malta u sabu li qed iħabbat bil-mod; għalkemm ilħajja reliġjuża minn barra kienet tidher f'saħħitha, iżda mikrobu minn ġewwa kien qed itemmha. Kien f'dan iż-żmien li tfaċċa Manwel Dimech li wara li ħareġ mill-ħabs ried iwaqqaf ix-Xirka ta' l-Imdawlin biex jiddu ma' Malta kollha. Dun Ġorġ bil-kwiet tiegħu, iżda bil-qawwa li qatt ma setgħet tieqaf, intebaħ ukoll li Malta kellha bżonn min idawwalha, u filwaqt li Manwel Dimech kien qed jimla lid-dixxipli tiegħu b'ideat rivoluzzjonarji u antiklerikali, Dun Ġorġ beda jdawwal ix-xirka tiegħu ta' Ulied il-Papa bit-tagħlim tal-Vanġelu, bl-Ittri ta' San Pawl u bil-Katekiżmu tal-Knisja biex igħallem lil kulħadd, l-aktar il-ħaddiema, u b'hekk Dun Ġorġ kien qed jagħmel l-isbaħ kontro-velenu għat-tagħlim qarrieqi li kien għadu kemm tfaċċa għall-ewwel darba fil-Gżira tagħna.

Dun Ġorġ ma ħalla lil ħadd u lil xejn ifixklu u qatt ma tilef il-kuraġġ għaliex l-ispirtu li kien igħajjex lilu u liż-żgħażagħ ta' madwaru kien spirtu li ma jafx igħejja u lanqas jibża', imma bħall-ilma kien jinfirex u bħad-dawl jixtered u bħall-ħmira jikber mingħajr ħadd ma jista' jwaqqfu. Imqar meta jkunu għaddejjin fit-triq kienu jagħtuhom fastidju u jagħmlu tliet swaba ħdejn rashom u jdawwruhom 'l hinn u 'l hawn biex juruhom li posthom kien il-Manikomju. Ma naqsux lanqas il-gazzetti. Il-Museum kien ikkritikat bla ħniena. Iżda ma naqsux min-naħa l-oħra xi qlub twajba wkoll illi ddefendewh. Hi x'inhi, ma kinetx polemika edifikanti u li kieku forsi ma rawx il-ħsara li kienet qiegħda tagħmel u kif xi wħud millgħedewwa tal-Knisja setgħu japprofittaw minnha, forsi lanqas ma kienet tieqaf malajr.

Fil-*"Malta Tagħna"* tat-23 ta' Mejju 1914 inkiteb hekk:

"...jekk 'il quddiem dan il-Museum irabbi l-għeruq sewwa (kif diġà jinsab kważi mxerred ma' Malta kollha), u forsi jibdew isiru xi abbużi, żgur li dawn l-appostli jitbiddlu f'demonji u jkollna xiżma Maltija, għaliex ma joqogħdux għall-korrezzjoni".

F'*"Is-Salib"* tas-6 ta' Ġunju 1914 dehret ittra ffirmata minn "Nisrani", li sejħet lil Dun Ġorġ "Patrijarka, bum!". Fiha hemm ukoll:

"(Tal-Museum)... huma suppervi u refrattarji. Jekk tneħħilhom il-baffi u l-ħmieġ, li huma aċċidentalità, ma għandhom xejn iżjed, xejn!... Mur ara kieku kellu jiġi San Filippu, San Ġwann ta' Salle u l-Venerabbli Bosco, kemm kienu jidħku meta jaraw lill-patrijarka, l-appostli u lil dawk il-povri tfal rashom mgħaddsa donnhom tiżiċi, impediti minn kwalunkwe divertiment onest li jagħti s-saħħa tant lir-ruħ kemm lill-ġisem."

Għalkemm Dun Ġorġ qatt ma ħaseb biex jiddefendi ruħu, iżda kien hemm min ma felaħx jissaporti dawk l-insolenzi kollha, u ħareġ jiddefendih. Fost kollox darba kitbu hekk: "Ma stajtux tagħtuh titlu isbaħ minn 'Patrijarka BUM', għax Dun Ġorġ huwa veru Patriarka *Buono, Umile, Mansueto.*"

Ħareġ biex jiddefendi s-Soċjetà b'wiċċu fil-beraħ u ffirma ismu mingħajr biża', is-Saċerdot G. Francalanza. Dan il-qassis prudenti, f'artikolu

li deher f'"*Is-Salib*" tal-20 ta' Ġunju 1914 talab lil dawn il-kittieba biex

"Isibu mezzi oħra li jikkoreġuhom (lil tal-Museum) bil-karità kif għallimna Ġesù Kristu fl-Evanġelju u jekk jaraw li dak li jidhrilhom difetti jibqgħu, għandhom l-Awtorità li għandhom jirrikorru għandha u mhux jitkellmu fil-ġurnali. ...... Alla sserva bit-tfal, bl-umli u bl-injuranti biex juri l-qawwa tad-driegħ Tiegħu. B'sempliċi sajjieda sserva biex akkwista d-dinja għas-Salib. B'sempliċi ġuvni mogħti għad-divertiment isserva biex jumilja s-suppervja u l-vanità tad-dinja bħal ma kien San Franġisk d'Assisi. B'sempliċi xbejba nqeda Ġesù biex ixandar id-devozzjoni versu l-Qalb Santissima Tiegħu u akkwistat l-isem ta' Appostla tal-Qalb ta' Ġesù, għalkemm l-għorrief u l-kbarat tad-dinja kkumbattewha u għaddewha ta' mbeċilli. B'sempliċi tfajla kampanjola injoranta sserviet Marija biex waqqfet is-Santwarju ta' Lourdes, mnejn ikkonfondiet l-għedewwa kollha tal-Knisja, Bernardina, li riedu jgħadduha ta' miġnuna u ppersegwitawha għall-mewt. Miġnuna Bernardina? B'sempliċi Fra Diegu injurant li ma kien jaf xejn isserva Alla biex twaqqaf Istitut li jagħmel unur lil Malta u tant u tant provi oħra li ż-żerriegħa ġiet mitfugħa b'mod l-iżjed sempliċi u forsi mingħajr ebda ordni u regula u mbagħad ipprogredew u għamlu ġid aktar milli wieħed kien jaħseb a dispett tal-persekuzzjonijiet kbar u kontinwi li jqanqal kontra tagħhom l-infern."

F'"*Is-Salib*" tat-30 ta' Mejju 1914, taħt il-firma ta' "P." insibu:

"Ħafna qabel ma daħlu l-Museum kienu tfal vagabondi mxerrdin qalb il-vizzju u l-eżempju ħażin, dejjem wara l-bieb ta' Kordin għax ħadd ma kien jista' jsib tarfhom. ... Kieku wieħed jistaqsih (lil min kiteb kontra l-Museum) xi jgħid għaċ-ċirka... tal-patrijiet kważi ma' rashom kollha? Igħid li ma jmisshomx jidhru fis-Soċjetà bħal ma qal għall-appostli tal-Museum? ... Smajt bosta xellugin jiftaħru bl-artikolu tal-"*Malta Tagħna*" għax il-protestanti fil-ħin li qegħdin ixerrdu elf karta moqżieża kontra t-twemmin tal-Knisja u kontra l-Papa, fil-ħin li bi flus il-mażuni sejrin iġibu f'Malta apostata biex iservihom għall-finijiet mudlama ta' moħħhom, imħallas biex jitqanżaħ u jaħdem, xejn ma jieħdu gost jaraw ma' Malta kollha mxerrdin ulied il-Museum bla ngravata u b'xagħrhom imġiżż bħal tal-ħabsin ixerrdu l-Evanġelju tal-Knisja ta' Kristu, imfisser bħalma trid il-Knisja, miġburin fit-talb t'Alla, jinħabbu ma' xulxin, bogħod mid-dnub, mentri dawn il-protestanti jridu jfehmuna l-Evanġelju kif jaqbel lilhom."

Il-membri qatt ma ħabblu rashom, u lanqas Dun Ġorġ, biex iwieġbu għall-insolenzi, għax wara kollox Dun Ġorġ u l-Għaqda tiegħu qatt ma taw fastidju lil ħadd u qatt ma għamlu xejn fil-moħbi. Haġa tal-għaġeb, dawn l-ewlenin żgħażagħ kienu jifirħu b'min imaqdarhom u jiddispjaċihom meta ma jkunx hemm min jikkritikahom, għaliex Dun Ġorġ kien igħallimhom u jġegħelhom igħidu kull fil-għaxija li huma jħobbu lil min imaqdarhom u li jixtiequ li bħal Kristu jkunu ddisprezzati għall-imħabba t'Alla.

Dun Ġorġ kellu sempliċità kbira li tixbah lil dik tat-tfal. Kien bniedem li fih ma kienx hemm ħażen, u din is-sempliċità ġie li kienet kawża li ġabitu xi ftit fl-inkwiet, kif ġralu sewwa sew ma' l-Isqof Dom Mauro Caruana O.S.B. Dan l-Isqof kien għadu kif ġej mill-Iskozja u malli rifes hawn Malta mlewlu rasu fuq Dun Ġorġ u l-Għaqda tiegħu. B'dik l-istess sempliċità li biha Dun Ġorġ kien jopra, jirrakkonta: "*...L-Isqof bagħat għalija, u jiena għidt imoħħu fija, jinsa tant l-Isqof! għandu tant x'jagħmel', u ma mortlux!... Imma ta każ! Nilmaħ lill-Monsinjur De Piro bil-karrozza tiegħu u qalli, "Ejja fil-Palazz ta' l-Imdina, għax l-Isqof inkurlat wisq għalik li ma obdejtux'. Qalli 'Imxi miegħi, immorru malajr, ħalli nippreżentak jiena, għax inkurlat wisq għalik.' Nidħol, u nsibu fis-sala, u ħares ħarsa lejja — dik ħarsa ta' ħlewwa! — 'Isma', qalli, 'inti l-kap, il-leader, ta' din is-Soċjetà.' Għidtlu: 'Eċċellenza, jiena m'inix il-kap, lanqas il-leader; jiena serv tiegħek, qassis serv tiegħek fid-djoċesi tiegħek.' Haġa tal-għaġeb! Minn tant qilla, inbidel f'ħaruf għal din il-kelma*".

Dun Ġorġ dam Randan sħiħ tiela' u nieżel fil-Kurja ta' l-Isqof u anki s-Superjur u s-Superjura Ġenerali

Mons. Salv. Grech faħħar l-ubbidjenza tiegħu: *"Dana Dun Salv Grech, Alla jaħfirlu, intelaq fis-sodda, kellu leżjoni mentali l-marda tiegħu... u mar ċertu qassis mill-Hamrun, Dun Edgar Santucci, biex jarah. Kif ra lil Santucci, jaf li mill-Hamrun, qallu: 'Santucci, Dun Ġorġ kif inhu?' Staqsa għalija: Qallu: 'Allright, miexi għallaffarijiet tiegħu.' Qallu: 'Dun Edgar Santucci, sibnieh ubbidjent u tassew minn Alla l-opra tiegħu għax ma għamilx reżistenza lis-Superjuri.' U Santucci qalha lili bi ħbiberija, biex jikkonfortani, għax konna ħbieb..."*

**TFIXKIL**

Din l-Għaqda ġdida bdiet tinħass ġo Malta, iżda t-triq li sabu Dun Ġorġ u l-ewlenin soċji quddiemhom ma kinetx triq ħafifa u miksija bil-ward. Ma setax jonqos li meta d-demonju ra li din l-għaqda qed tieħu s-sura, l-aktar fost il-ħaddiema, li hawn Malta kienu diġà bdew iduqu u jisimgħu l-kliem antiklerikali ta' Manwel Dimech, ma jagħmilx minn kollox biex jisfrattaha. Dun Ġorġ kien ra millbogħod li l-fidi ta' Malta qiegħda filperiklu għax nieqsa mit-tagħlim. Dun Ġorġ ħass il-polz ta' Malta u sabu li qed iħabbat bil-mod; għalkemm il-ħajja reliġjuża minn barra kienet tidher f'saħħitha, iżda mikrobu minn ġewwa kien qed itemmha. Kien f'dan iż-żmien li tfaċċa Manwel Dimech li wara li ħareġ mill-ħabs ried iwaqqaf ix-Xirka ta' l-Imdawlin biex jiddu ma' Malta kollha. Dun Ġorġ bil-kwiet tiegħu, iżda bil-qawwa li qatt ma setgħet tieqaf, intebaħ ukoll li Malta kellha bżonn min idawwalha, u fil-waqt li Manwel Dimech kien qed jimla lid-dixxipli tiegħu b'ideat rivoluzzjonarji u antiklerikali, Dun Ġorġ beda jdawwal ix-xirka tiegħu ta' Ulied il-Papa bit-tagħlim tal-Vanġelu, bl-Ittri ta' San Pawl u bil-Katekiżmu tal-Knisja biex igħallem lil kulħadd, l-aktar il-ħaddiema, u b'hekk Dun Ġorġ kien qed jagħmel l-isbaħ kontro-velenu għat-tagħlim qarrieqi li kien għadu kemm tfaċċa għall-ewwel darba fil-Gżira tagħna.

Dun Ġorġ ma ħalla lil ħadd u lil xejn ifixklu u qatt ma tilef il-kuraġġ għaliex l-ispirtu li kien igħajjex lilu u liż-żgħażagħ ta' madwaru kien spirtu li ma jafx igħejja u lanqas jibża', imma bħall-ilma kien jinfirex u bħad-dawl jixtered u bħall-ħmira jikber mingħajr ħadd ma jista' jwaqqfu. Imqar meta jkunu għaddejjin fit-triq kienu jagħtuhom fastidju u jagħmlu tliet swaba ħdejn rashom u jdawwruhom 'l hinn u 'l hawn biex juruhom li posthom kien il-Manikomju. Ma naqsux lanqas il-gazzetti. Il-Museum kien ikkritikat bla ħniena. Iżda ma naqsux min-naħa l-oħra xi qlub twajba wkoll illi ddefendewh. Hi x'inhi, ma kinetx polemika edifikanti u li kieku forsi ma rawx il-ħsara li kienet qiegħda tagħmel u kif xi wħud millgħedewwa tal-Knisja setgħu japprofittaw minnha, forsi lanqas ma kienet tieqaf malajr.

Fil-*"Malta Tagħna"* tat-23 ta' Mejju 1914 inkiteb hekk:

> "...jekk 'il quddiem dan il-Museum irabbi l-għeruq sewwa (kif diġà jinsab kważi mxerred ma' Malta kollha), u forsi jibdew isiru xi abbużi, żgur li dawn l-appostli jitbiddlu f'demonji u jkollna xiżma Maltija, għaliex ma joqogħdux għall-korrezzjoni".

F'*"Is-Salib"* tas-6 ta' Ġunju 1914 dehret ittra ffirmata minn "Nisrani", li sejħet lil Dun Ġorġ "Patrijarka, bum!". Fiha hemm ukoll:

> "(Tal-Museum)... huma suppervi u refrattarji. Jekk tneħħilhom il-baffi u l-ħmieġ, li huma aċċidentalità, ma għandhom xejn iżjed, xejn!... Mur ara kieku kellu jiġi San Filippu, San Ġwann ta' Salle u l-Venerabbli Bosco, kemm kienu jidħku meta jaraw lill-patrijarka, l-appostli u lil dawk il-povri tfal rashom mgħaddsa donnhom tiżiċi, impediti minn kwalunkwe divertiment onest li jagħti s-saħħa tant lir-ruħ kemm lill-ġisem."

Għalkemm Dun Ġorġ qatt ma ħaseb biex jiddefendi ruħu, iżda kien hemm min ma felaħx jissaporti dawk l-insolenzi kollha, u ħareġ jiddefendih. Fost kollox darba kitbu hekk: "Ma stajtux tagħtuh titlu isbaħ minn 'Patrijarka BUM', għax Dun Ġorġ huwa veru Patriarka *B*uono, *U*mile, *M*ansueto."

Ħareġ biex jiddefendi s-Soċjetà b'wiċċu fil-beraħ u ffirma ismu mingħajr biża', is-Saċerdot G. Francalanza. Dan il-qassis prudenti, f'artikolu

Cutajar, telgħu darba quddiem il-Kurja wkoll. Il-Kurja waqqfet Kummissjoni ta' tlieta min-nies, biex tinvestiga u tifli bir-reqqa l-imġieba u t-tagħlim tal-Għaqda ta' Dun Ġorġ.

Fost l-oħrajn, darba waħda, ġie għal għarrieda qassis u sab lil Dun Ġorġ imdawwar mal-ġuvintur tiegħu. Qallu: "Dun Ġorġ, qabbad wieħed jagħmel kelmtejn". Dun Ġorġ għażel soċju (Charlie Darmanin) u mingħajr tħejjija dan is-soċju ħareġ fin-nofs u quddiemhom għamel lezzjoni fuq it-tliet dmirijiet li kull bniedem għandu lejn Alla, lejn il-proxxmu u lejh innifsu. Spiċċa b'dik is-sentenza famuża ta' San Ġużeppi Benedittu Labrè: "Kull bniedem, biex jogħġob 'l Alla kif imiss, għandu jkollu fih tliet iqlub f'qalb waħda: qalb tan-nar għal Alla, qalb tal-laħam għall-proxxmu u qalb tal-bronż għalih innifsu." Dak is-saċerdot, kif intemm id-diskors tas-soċju, dar fuq Dun Ġorġ u qallu: "Dun Ġorġ, uliedek għad jitkattru daqs kemm hemm ramel fil-baħar u kwiekeb fis-sema."

Fiż-żmien li l-għaqda ta' Dun Ġorġ kienet għaddejja minn perijodu diffiċli, ma jistax jonqos li huwa ma kienx jitlob aktar mis-soltu u s-sema ma naqasx illi jfarrġu. Fil-festa ta' San Ġużepp, 19 ta' Marzu 1917, huwa lemaħ għal darbtejn lil San Vinċenz Ferreri. Huwa stess hekk kien jirrakkonta din il-ġrajja lis-soċji wliedu: *"Ta' kull filgħodu kont inqum għall-Quddiesa fil-5.30 a.m. Kont norqod f'sodda ta' wieħed, ftit 'il bogħod minn ta' missieri, u kien iqajjimni missieri għalbiex inqaddes. Mela kien nhar San Ġużepp tas-sena 1917. Ħabat it-Tnejn tar-Randan. Għal xi l-5.30 a.m. stenbaħt waħdi u nara maġenb is-sodda tiegħi Patri Dumnikan bil-barnuż u bil-baffi, li wara għaraftu bħala San Vinċenz Ferreri. Il-Patri Dumnikan newwilli ittra, iżda jiena ma ridtx naċċettaha u wrejtu b'idejja li ma ridtx, anzi li ridtu jwarrab biex niddisprezzaha minħabba l-biża' ta' xi inganni. Id-dehra spiċċat, imma fija ħassejt ferħ tassew kbir u baqgħet stampata f'moħħi d-dehra tal-Patri Dumnikan. Qomt biex nilbes għall-Quddiesa, ħriġt u mort l-Istitut Fra Diegu. Billi kien San Ġużepp indaqq l-armonju. Jiena u ħiereġ inqaddes, id-daqq ta' l-armonju u l-ħsieb tal-Patri Dumnikan kważi ħarġuni barra minni nnifsi u ma nafx kif ħriġt inqaddes. Wara l-Quddiesa ħassejt li kelli nirtira f'xi lok għall-kwiet biex nitlob. Qbadt it-triq u mort f'post* (fl-Istitut Vincenzo Bugeja) *miġbur nitlob. Waqt li kont nitlob, nerġa' nilmaħ ħdejja l-Patri Dumnikan u issa qalli x'kien fih dak il-messaġġ li ried jagħtini fil-għodu. Qalli: 'Il-Mulej ikun fil-leminija tiegħek jindukralek riġlejk biex ma tiġgarrafx... minħabba l-kultura tat-tagħlim'. Kellimni bil-Latin. Jiena mort f'dak il-post bla ebda ħsieb li dik il-kappella kienet dedikata lil San Vinċenz."*

**L-APPROVAZZJONI**

Neputi ta' l-Isqof Caruana, is-Sur Carlo Ghio, kien daħal soċju tal-Museum. Dan is-soċju ġie li tkellem ma' l-Isqof zijuh fuq dina l-Għaqda. L-Isqof, darba, ħabbat idejh fuq il-mejda li kellu quddiemu u qallu: "Sakemm indum Isqof jiena, din is-Soċjetà ma napprovaha qatt." Iżda Alla kien diġà qiegħed jaħseb biex iwitti t-triq li kellha twassal fit-tmiem tagħha din il-prova qalila li għaddiet minn fuq is-Soċjetà ta' Dun Ġorġ. Alla ried jinqeda b'saċerdot għaref u prudenti li fil-bidunett kien huwa wkoll jaħdem fit-tagħlim tad-Duttrina ma' Dun Ġorġ: il-Monsinjur Enrico Bonnici. Ħalli nerġgħu nisimgħu 'l Dun Ġorġ: *"Lejla waħda, (l-Isqof Dom Mauro Caruana), jiltaqa' ma' Monsinjur Enrico Bonnici — obbligati wisq lejh għax hu kien il-kawża ta' l-approvazzjoni — u qagħdu jitkellmu flimkien. Monsinjur Nerik Bonnici urieh is-sagrifiċċju tas-soċji, wara x-xogħol jinġabru f'dawk il-kmamar, sħana fis-sajf, u jgħallmu d-Duttrina u jagħmlu tant sagrifiċċju. U hu ħa idea oħra, biddel l-idea tiegħu, minn tant kuntrarju sar favorevoli dan l-Arċisqof. Qallu: 'Mela Monsinjur, għid lil Dun Ġorġ jagħmel abbozz tar-Regolamenti ħalli napprovahomlu'."*

L-Isqof approvalu r-Regolamenti kollha mingħajr eċċezzjoni. Is-Soċjetà kollha nġabret fil-Knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt, nhar il-Ħadd 1 ta' Mejju,



**Mons. Dom Mawru Caruana, O.S.B., G.C.O.J., K.B.E. Isqof ta' Malta (1915-1943) li approva l-Għaqda ta' Dun Ġorġ.**

1932, u flimkien ma' l-Isqof kantat Te Deum solenni ta' ringrazzjament lil Alla li wara 25 sena sħaħ ta' ħidma u tbatija, ta' qtiegħ il-qalb u ta' paċenzja, is-Soċjetà ġiet imwaqqfa kanonikament ġewwa l-Gżira ta' Malta. F'din l-okkażjoni Dun Ġorġ kien preżenti fil-Knisja, iżda bħas-soltu tiegħu l-umiltà kienet tiġbdu wisq lejn l-art u waqt il-Quddiesa Dun Ġorġ mar jinħeba u qagħad bil-qiegħda fl-art f'riġlejn l-Isqof.

Dawn kienu l-ewwel 25 sena ta' dina l-Għaqda li nistgħu ngħidu kienu snin ta' qtiegħ il-qalb, ta' formazzjoni, ta' xogħol iebes. Il-mezzi li kellu f'idejh Dun Ġorġ ma kinux ħlief il-ġenerożità tal-membri tiegħu, mill-bqija xejn. Biex jiftħu l-oqsma kienu jiġru minn qasam għal ieħor wara xxogħol, dejjem bil-mixi, mill-Ħamrun għal Bormla, minn Bormla għal Raħal Ġdid, minn Raħal Ġdid għal Hal-Tarxien, Żabbar, Imsida... sakemm is-Soċjetà xterdet kważi ma' Malta kollha.

Kollox kien kontra tagħhom. Ebda ktieb ma kellhom bil-Malti biex jinqdew bih. Kienu jiddubbaw bejniethom, Dun Ġorġ jikteb u huma jikkupjaw; il-flus kienu skarsi u b'sagrifiċċju kbir tagħhom kienu jikru postijiet u jixtru l-bżonnijiet kollha tal-Museum.

Is-Soċjetà kienet dieħla fi żmien ġdid. Dun Ġorġ kien diġà ppublika xi kotba; imma issa ried jinxteħet aktar għall-kitba li tgħin lis-Soċji fil-ħidma tagħhom. Kien jiktbilhom bil-Malti katekiżmi, sentenzi mill-Vanġelu u mill-Ittri ta' l-Appostli, kotba li jittrattaw fuq il-ħajja spiritwali u saħansitra anki kotba fuq kif għandhom igħallmu t-tfal, kollox miktub bi stil l-aktar ħafif u qawwi, b'espressjonijiet li huma oriġinali u li meta tismagħhom jibqgħu niżlin salqiegħ ta' 'qalbek, bħal: **"Jekk ma temminx fl-infern, għandek siġġu lest ġo fih. Jekk temmen urini l-opri.** Jew **"Kif tissogra tagħmel quddiem Alla dak li tistħi tagħmel quddiem bniedem?" "Dak li tħoss mhu xejn, imma dak li trid għandu l-premju jew il-kastig quddiem Alla."**

Il-kitba kienet saret għalih mezz biex jilħaq l-oqsma kollha. Il-kotba tiegħu trid tistudjahom u xi wħud timmeditahom biex tħoss il-ġmiel tagħhom, l-għerf li fihom, is-sens komun li jinħass f'kull paġna tagħhom. Fost il-kotba nsemmu l-PAĠNA TAX-XAHAR, ktieb li fih taqra paġna paġna matul is-sena kollha fuq suġġetti meħtieġa għall-ħajja tan-Nisrani u fl-istess ħin kull xahar ibiddel l-istil u s-suġġett tal-ktieb. Il-paġna hija kultant tagħlim, kultant meditazzjoni, kultant meditazzjoni u tagħlim f'daqqa. Il-ktieb huwa mqassam hekk: f'Jannar jistħajjel lill-Anġlu Kustodju qed ikellem lir-ruħ fuq suġġetti differenti; fi Frar jitratta fuq it-Talb; f'Marzu jitkellem fuq San Ġużepp; f'April hemm ir-Responsorju (katekiżmu fuq is-suġġetti ewlenin fid-Dommatika u Morali); f'Mejju jittratta mil-Liġi ta' l-Altissimu; f'Ġunju jistħajjel lil Ġesù jkellem lir-ruħ fuq l-Intenzjoni Retta; f'Lulju jitratta b'mod tassew qawwi fuq il-Lok tat-Turmenti (Infern); f'Awissu jistħajjel lil San Gabriel Arkanġlu jitkellem mar-ruħ fuq il-Verġni Mbierka (il-"Benedicta"); f'Settembru jitkellem fuq il-Penitenza; f'Ottubru hemm l-"Eku tal-Ħbieb", jistħajjel diversi qaddisin ikellmuna fuq il-virtù li f'ħajjithom dehret wisq tiddi; f'Novembru jistħajjel lil Ġesù jkellem lir-ruħ fuq il-Purgatorju; f'Diċembru hemm studju kbir fuq Kristu, il-"Verbum Caro". Il-PAĠNA TAX-XAHAR ħafna jqisuh bħala l-aqwa opra tiegħu, għalkemm diffiċli tgħid liema huwa l-isbaħ ktieb ta' Dun Ġorġ, għax għandu diversi kotba oħra kbar bħalma huma **l-Qagħdiet Museumini, Il-Kattedra, l-Intenzjoni Retta, Is-Sakrarju ta' l-Ispirtu ta' Kristu, l-Ittra Popolari fuq il-Manswetudni,** u tant oħrajn.

Dun Ġorġ għex fi żmien meta d-dinja kienet mitlufa wara l-propaganda u l-avviżi. 'Din il-propaganda tista' tagħmel ħafna ġid fil-ħajja tal-kummerċ, iżda bosta drabi hija ta' ħsara fil-ħwejjeġ tar-ruħ. Qegħdin ingħixu fi żmien ta' turija: statistiċi, numri, avviżi kbar, ritratti, reklami, listi ta' flus, kunċerti tal-karità. Il-Kattoliċi qed jagħmlu ħafna ħsejjes, festi, programmi u akkademji li ma jispiċċaw qatt.' Dun Ġorġ dawn il-

ħwejjeġ qatt ma għamlu bih. Qatt ma ried statistiċi, għax kien jibża' li n-numri setgħu jservuh biex jintefaħ. L-istatistiċi jħarsu lura u Dun Ġorġ kien dejjem iħobb iħares 'il quddiem lejn it-triq li għad fadallu jimxi. Ma ried l-ebda sodisfazzjon; lanqas biss kien jaf kemm kellu Mużewijiet miftuħin, jew f'liema postijiet qed isiru l-Qagħdiet fil-ħin tax-xogħol. Xi wħud jistgħu jaħsbu illi b'hekk Dun Ġorġ kien inaqqas l-okkażjoni li jikber il-ġid u li jkun jaf x'jista' jsir aħjar għal quddiem. Iżda għall-kuntrarju. Kull wieħed minn uliedu jistqarr li Dun Ġorġ kien ir-ruħ mhux biss tiegħu individwali, iżda anki tal-post fejn kien jitgħallem u jgħallem.

Dun Ġorġ kien irid li qabel ma l-Għaqda tiegħu tagħmel il-laqgħat fil-beraħ, l-ewwel trid tgħix dak li tgħallem, "mhux biss nippridkaw il-fidi, imma ngħixu l-fidi." U meta kienu jitkellmu fil-beraħ kien ibeżżagħhom li ħafna ħsejjes u ċapċip ma jiswewx ħlief biex iżidu l-vanità tal-kelliema. Qatt ma ħabbel rasu bin-numru u bil-folol. Kien jaf li bosta drabi l-ġid li jsir fl-istorbju jispiċċa f'daqqa bħalma jispiċċa l-istorbju nnifsu. Spiss kien igħid lill-membri tiegħu, *"Il-kwalità mhux il-kwantità"* U meta xi wħud kienu juru ras iebsa u ma jridux jobdu ma kienx jaraha bi kbira li jibgħathom 'il barra għax kien igħid li qed iħassru s-Soċjetà. Qatt ma ried li jieħu ritratti. Lil wieħed li mar quddiemu biex jeħodlu ritratt, qallu: "Jekk teħodli ritratt tmut." Wara, bin-nofs daħka, tkellem ma' qassis u qallu: "U anki li ma ħadlix ritratt imut ukoll!"

Darb'oħra, meta l-folla ma felħetx iżżomm l-entużjażmu u nfexxet iċċapċap, waqqafhom fil-pront u qallhom: *Għalfejn qegħdin iċċapċpu? Mela jiena xi ras kbira?"* It-turija fir-ritratti fil-gazzetti, il-listi ta' l-ismijiet ta' kull min jagħmel xi opra jew jagħti xi flus ma kienx iridhom għalih. Kien jitwerwer mit-tifħir u dejjem fittex li jinħeba. Is-soċji tiegħu ma kienx iridhom jieħdu ritratt mingħajr bżonn għaliex, kien igħid hu, *"dik il-poża fir-ritratt donnha trid tgħid: 'Look at me!' "*

Dun Ġorġ ma kienx kontra laqgħat li jħeġġu l-Fidi fil-beraħ, anzi hu stess ġie li laqqa' 'l uliedu biex joħroġhom u jgħaddu ġranet u ljieli flimkien fil-ferħ u l-għaqda ta' veri aħwa. Biss dejjem ried li l-id ix-xellugija ma tkunx taf xi tkun tagħmel il-leminija. Kien jibża' mmens minn dik is-sentenza tal-Vanġelu: "Ħadtuh il-ħlas tagħkom". Għalhekk kien javża lil kulħadd biex ma jdoqqux it-trombi quddiem in-nies. Famuż huwa l-fatt tas-Sur Ġużè. Dun Ġorġ kien qiegħed fis-sagristija tal-Ħamrun u sama' lis-Sur Ġużè jħabbat idejh fuq il-bankun u jisħon u jgħid. "Ħabba li hi ħabba minn għandi ma tiħux iktar!" Dun Ġorġ, li kien jaf ixomm mill-bogħod u jagħraf il-bniedem minn liema spirtu jkun imqanqal, qallu: Sur Ġużè, inti ngannat!" "Mela, mela?" wieġbu s-Sur Ġużè, "mingħalija Żeża xi mara tajba u mbagħad tmur tgħid kontra tiegħi!" "Sur Ġużè", qallu Dun Ġorġ, "l-ingann mhux hawn qiegħed. Għaliex inti kont taħseb li qed tagħmel karità għal Alla u mhi għal Alla xejn!" Is-Sur Ġużè aktar saħan, u beda jħaqqaq u jgħid: "Għal Alla, għal Alla!" Dun Ġorġ, li ma kienx jagħmlu bih is-saħniet u anqas ma kien jimpressjonah l-għajjat, bil-kalma ħares lejh u qallu: "Nirraġunaw ftit: Int għaliex kont tagħtiha karità? Għax kienet xbieha t'Alla? Forsi m'għadhiex xbieha t'Alla billi qalet kontra tiegħek? Jew għax kont tilmaħ fiha l-persuna ta' Kristu bħala Nisranija? Forsi m'għadhiex imgħammda? Jew għax kienet fqira? Forsi m'għadhiex fil-bżonn tal-għajnuna tiegħek? Mela, Sur Ġużè, int kont tagħtiha karità biex Żeża tfaħħrek man-nies tal-kerrejja u tgħid 'Is-Sur Ġużè ta' qalbu tajba' ". Ir-raġuni ma tridx forza. Is-sinjur ma satax imieri l-argumenti ħfief iżda qawwija ta' Dun Ġorġ. Dar lejh u qallu: "Allura x'irrid nagħmel Dun Ġorġ?" "Issa, la jagħlaq l-aħħar tax-xahar u Żeża tiġi għall-għajnuna, agħtiha l-karità bħas-soltu u ssemmilha xejn." Is-Sur Ġużè qallu: "Jekk nissaporti!" "Itlob 'l Alla biex fejn ma tiflaħx inti jgħinek Hu." Wasal l-aħħar tax-xahar u Żeża ħabbtet il-bieb. Is-Sur Ġużè fetaħ malajr il-kexxun, ħareġ il-flus, tahom lil Żeża bil-ġiri, u "Saħħa Żeż, il-Bambin igħinek." Te-

1932, u flimkien ma' l-Isqof kantat Te Deum solenni ta' ringrazzjament lil Alla li wara 25 sena sħaħ ta' ħidma u tbatija, ta' qtiegħ il-qalb u ta' paċenzja, is-Soċjetà ġiet imwaqqfa kanonikament ġewwa l-Gżira ta' Malta. F'din l-okkażjoni Dun Ġorġ kien preżenti fil-Knisja, iżda bħas-soltu tiegħu l-umiltà kienet tiġbdu wisq lejn l-art u waqt il-Quddiesa Dun Ġorġ mar jinħeba u qagħad bil-qiegħda fl-art f'riġlejn l-Isqof.

Dawn kienu l-ewwel 25 sena ta' dina l-Għaqda li nistgħu ngħidu kienu snin ta' qtiegħ il-qalb, ta' formazzjoni, ta' xogħol iebes. Il-mezzi li kellu f'idejh Dun Ġorġ ma kinux ħlief il-ġenerożità tal-membri tiegħu, mill-bqija xejn. Biex jifthu l-oqsma kienu jiġru minn qasam għal ieħor wara x-xogħol, dejjem bil-mixi, mill-Hamrun għal Bormla, minn Bormla għal Raħal Ġdid, minn Raħal Ġdid għal Hal-Tarxien, Żabbar, Imsida... sakemm is-Soċjetà xterdet kważi ma' Malta kollha.

Kollox kien kontra tagħhom. Ebda ktieb ma kellhom bil-Malti biex jinqdew bih. Kienu jiddubbaw bejniethom, Dun Ġorġ jikteb u huma jikkupjaw; il-flus kienu skarsi u b'sagrifiċċju kbir tagħhom kienu jikru postijiet u jixtru l-bżonnijiet kollha tal-Museum.

Is-Soċjetà kienet dieħla fi żmien ġdid. Dun Ġorġ kien diġà ppublika xi kotba; imma issa ried jinxteħet aktar għall-kitba li tgħin lis-Soċji fil-ħidma tagħhom. Kien jiktbilhom bil-Malti katekiżmi, sentenzi mill-Vanġelu u mill-Ittri ta' l-Appostli, kotba li jittrattaw fuq il-ħajja spiritwali u saħansitra anki kotba fuq kif għandhom igħallmu t-tfal, kollox miktub bi stil l-aktar ħafif u qawwi, b'espressjonijiet li huma oriġinali u li meta tismagħhom jibqgħu niżlin salqiegħ ta' 'qalbek, bħal: **"Jekk ma temminx fl-infern, għandek siġġu lest ġo fih. Jekk temmen urini l-opri.** Jew **"Kif tissogra tagħmel quddiem Alla dak li tistħi tagħmel quddiem bniedem?" "Dak li tħoss mhu xejn, imma dak li trid għandu l-premju jew il-kastig quddiem Alla."**

Il-kitba kienet saret għalih mezz biex jilħaq l-oqsma kollha. Il-kotba tiegħu trid tistudjahom u xi wħud timmeditahom biex tħoss il-ġmiel tagħhom, l-għerf li fihom, is-sens komun li jinħass f'kull paġna tagħhom. Fost il-kotba nsemmu l-PAĠNA TAX-XAHAR, ktieb li fih taqra paġna paġna matul is-sena kollha fuq suġġetti meħtieġa għall-ħajja tan-Nisrani u fl-istess ħin kull xahar ibiddel l-istil u s-suġġett tal-ktieb. Il-paġna hija kultant tagħlim, kultant meditazzjoni, kultant meditazzjoni u tagħlim f'daqqa. Il-ktieb huwa mqassam hekk: f'Jannar jistħajjel lill-Anġlu Kustodju qed ikellem lir-ruħ fuq suġġetti differenti; fi Frar jitratta fuq it-Talb; f'Marzu jitkellem fuq San Ġużepp; f'April hemm ir-Responsorju (katekiżmu fuq is-suġġetti ewlenin fid-Dommatika u Morali); f'Mejju jittratta mil-Liġi ta' l-Altissimu; f'Ġunju jistħajjel lil Ġesù jkellem lir-ruħ fuq l-Intenzjoni Retta; f'Lulju jitratta b'mod tassew qawwi fuq il-Lok tat-Turmenti (Infern); f'Awissu jistħajjel lil San Gabriel Arkanġlu jitkellem mar-ruħ fuq il-Verġni Mbierka (il-"Benedicta"); f'Settembru jitkellem fuq il-Penitenza; f'Ottubru hemm l-"Eku tal-Ħbieb", jistħajjel diversi qaddisin ikellmuna fuq il-virtù li f'ħajjithom dehret wisq tiddi; f'Novembru jistħajjel lil Ġesù jkellem lir-ruħ fuq il-Purgatorju; f'Diċembru hemm studju kbir fuq Kristu, il-"Verbum Caro". Il-PAĠNA TAX-XAHAR ħafna jqisuh bħala l-aqwa opra tiegħu, għalkemm diffiċli tgħid liema huwa l-isbaħ ktieb ta' Dun Ġorġ, għax għandu diversi kotba oħra kbar bħalma huma **l-Qagħdiet Museumini, Il-Kattedra, l-Intenzjoni Retta, Is-Sakrarju ta' l-Ispirtu ta' Kristu, l-Ittra Popolari fuq il-Manswetudni,** u tant oħrajn.

Dun Ġorġ għex fi żmien meta d-dinja kienet mitlufa wara l-propaganda u l-avviżi. 'Din il-propaganda tista' tagħmel ħafna ġid fil-ħajja tal-kummerċ, iżda bosta drabi hija ta' ħsara fil-ħwejjeġ tar-ruħ. Qegħdin ingħixu fi żmien ta' turija: statistiċi, numri, avviżi kbar, ritratti, reklami, listi ta' flus, kunċerti tal-karità. Il-Kattoliċi qed jagħmlu ħafna ħsejjes, festi, programmi u akkademji li ma jispiċċaw qatt.' Dun Ġorġ dawn il-

laq 'il ġewwa li ma tmurx tiżloqlu xi kelma u ma jobdix lil Dun Ġorġ. Ftit wara s-Sur Ġużè ltaqa' ma' Dun Ġorġ. "Sinjur", qallu, "għamilt ħafna karita f'ħajti iżda qatt ma ħassejtni kuntent daqskemm din id-darba." Dun Ġorġ kien kixef l-inganni tan-natura u għallem lis-Sur Ġużè jopra dejjem b'intenzjoni retta.

L-Intenzjoni Retta f'Dun Ġorġ kienet fl-aqwa grad. Kien biżżejjed li wieħed jiflih ftit fl-opri tiegħu biex jara kif lil Alla waħdu kien ifittex xhud ta' l-opri tajba tiegħu. Mhux biss kienet fih, iżda kien jipprova jnissilha fl-oħrajn. Kien iħobb isemmi spiss it-tweġiba li tah wieħed meta qallu: "Int x'vizzju għandek tfaħħar in-nies f'wiċċhom!? Ma tafx li l-Iskrittura tgħid, 'La tfaħħar qatt lill-bniedem ħaj'?" U l-ieħor pront pront wieġbu: "U ħallini minnek Sur Dun Ġorġ! Meta tfaħħar bniedem isir iħobbok u tieħu li trid minn għandu!" Wara din kien, imbagħad, jirrakkonta l-fatt ta' Eżopo kif volpi seraq biċċa ġobon minn ħalq ċawla. Il-volpi li xtaq jakkwista dik il-ġobon qalilha: 'Kieku l-vuċi tiegħek hija sabiħa daqs rixek, żgur li kieku m'hawnx tajra li tgħaddik.' Iċ-ċawla fetħet ħalqha biex issemma' l-vuċi tagħha, u l-ġobon waqgħet *direct hit* quddiem il-volpi li ħatafha u baqa' sejjer, u ħalla ċ-ċawla tkanta waħedha s-sol-fa. In-nies kienu jinfexxu jidħku malli jgħid il-kelma *'direct hit'*. *"Qegħdin tidħku, hux?"*, kien igħidilhom *"min jaf kemm id-demonju serqilkom mhux biċċa ġobon imma merti sħaħ bit-tifħir!"*

Il-ktieb tiegħu fuq l-Intenzjoni Retta huwa tassew ġabra komplita ta' tagħlim sod fuq din il-virtù. Biżżejjed wieħed jaqra l-eżempji li jġib fl-aħħar biex jintebaħ kemm Dun Ġorġ kien jidħol bir-reqqa fl-intenzjoni tiegħu biex jogħġob biss lil Alla. U min jista' jinsa b'liema aċċent kien igħid it-talb li kiteb hu stess: "Sinjur Alla, kemm nixtieq li *f'kollox* nogħġob il-maestà divina tiegħek."?

**IL-"VERBUM DEI"**

Dun Ġorġ kien iħoss rikonoxxenza kbira lejn Ġesù li ma staħax jistqarr li huwa wieħed mill-aħwa tagħna u l-isbaħ espressjoni li laqtet lil Dun Ġorġ bil-qawwa tagħha kienet is-sentenza għażiża: **Verbum Dei caro factum est,** (Il-Kelma t'Alla saret laħam). Kompliet kibret id-devozzjoni lejn dan il-kliem wara li qara l-ħajja tal-Ven. Swor Marija della Passione u fiha sab li s-Sinjur tagħna nnifsu kien kitbilha dan il-kliem fuq sidirha bħala għajnuna waqt it-tentazzjonijiet.

L-ewwel darba li Dun Ġorġ uża dan il-kliem kien fil-mewt ta' missieru li ġrat fil-5 ta' Diċembru 1917. Dun Ġorġ kien qabad karta. kiteb fuqha din is-sentenza u poġġiha fuq sider missieru li kien agunija. Wara li miet missieru deherlu u qallu: "Ġorġ nirringrazzjak ta' dik il-**Verbum Dei** li għamiltli fuq sidri għax minħabba fiha kelli ġudizzju ħelu wisq." Dun Ġorġ beda jxerred din id-devozzjoni ma' kullimkien. Beda jistampa kartun b'dawn il-kelmiet għeżież u jwaħħalhom f'kull rokna ta' Malta: wara l-bibien tad-djar, fuq il-karrozzi, f'postijiet tax-xogħol u fil-ħwienet. Dun Ġorġ ried ukoll li l-membri tas-Soċjetà tiegħu kollha jkunu mżejnin b'dawn il-kelmiet għeżież għax b'hekk ikunu jistqarru l-Fidi tagħhom fi Kristu biex Kristu jistqarr lilhom quddiem il-Missier tas-sema.

B'sempliċità li ma tħalli l-ebda dubju ta' xi suppervja jew vanaglorja, Dun Ġorġ kien igħid: "Mela ħa ngħidilkom kif ħadt il-fama ta' qaddis, jien. Darba, ċertu Robbie Mifsud Bonnici, waqt li kont qed niekol f'nofs in-nhar, ġie jħabbat il-bieb taddar. Kif rani qalli, jibki: 'Il-Professur qalilna biex nieħdu 'l Pija malajr l-isptar għal operazzjoni. Jekk jogħġbok, tini xi ħaġa tad-devozzjoni biex il-Bambin jagħtihielha tajba.' Jiena għidtlu, 'Ħaġa aktar prezzjuża minn din ma għandix', waqt li newwiltlu l-kliem stampat **Verbum Dei caro factum est.** Għidtlu biex igħidilha tqiegħdha fejn tħoss l-uġiegħ. Telaq malajr u taha lil oħtu. Oħtu għamlet kif għidtilha. Meta wassluha fejn kellhom jagħmlulha l-operazzjoni, Pija qalet lis-servjent li kien qed ilesti kollox għall-operazzjoni, 'Jiena mfejqa!' 'Imfejqa sabiħ, għandek serjetà bħal din!' weġibha dak. 'Operazzjoni ma nagħmilx jekk qabel ma jerġgħux jeżaminawni għax jiena nħossni mfej-

Id-dimostrazzjoni bil-Bambin ma' tul it-triqat ta' l-irhula u l-bliet f'lejlet il-Milied.



qa', reġgħet Pija. Billi baqgħet tinsisti reġa' eżaminaha l-Professur u jsibha perfettament imfejqa. Kemm morda fl-isptar li semgħu bil-biċċa bagħtu lil nieshom għandi biex nagħtihom xi ħaġa bħal dik li tajt lil Pija. Tant ġew nies li bit-taħbit tani attakk ta' bronkite u vinċejtu u fiqt għax ma kontx xiħ."

Dun Ġorġ igħid li b'dan il-fatt ħa l-fama ta' qaddis, però jidher li l-fama kienet għandu qabel, għax kieku x'kien li ġiegħel lis-Sur Robert Mifsud Bonnici jmur għandu u jitolbu xi ħaġa minn tiegħu kieku ma kenitx il-fiduċja li kellhom fih?

**Il-Verbum Dei** xterdet fil-kitba, fil-korrispondenza u fil-kotba kollha.

L-ispirtu tal-Milied hawn Malta ma tantx kien jinħass u Dun Ġorġ xtaq u ried illi jerġa' jqanqal u jixgħel ma' Malta kollha r-rikonoxxenza lejn Kristu li sar tarbija minħabba fina. Għall-ħabta tal-1921, kif kien darba miġbur mas-soċji tiegħu, qallhom: "Din is-sena rrid li tagħmlu dimostrazzjoni bil-Bambin tal-Milied."

**Ma tantx kienu mħejjijin għaliha,** imma Dun Ġorġ ma kienx jaqta' qalbu malajr. Wara ftit tal-granet kulħadd kien mimli b'entużjażmu għall-purċissjoni tal-Bambin. Marru jixtru Bambin u ma sabu mkien. Fl-aħħar iddubbaw wieħed minn għand Patri Franġiskan Konventwali tal-Belt. Lejlet il-Milied kulħadd beda ġej bil-fanali, min ġieb fanali tax-xemgħa, oħrajn ġiebu fanali tar-roti, jixgħelu bl-aċitilena, oħrajn ġiebu blalen tal-karti, weraq tal-palm, u bdew mexjin. Qajmu l-Ħamrun kollu, u l-Bambin żammu soċju f'idejh. It-tfal inġabru kollha kemm huma jkantaw l-"Adeste Fideles" u l-għanja tradizzjonali:

Ninni, la tibkix iżjed,
Ninni, Ġesù Bambin.
Ħallih għalina l-biki
Għax aħna midinbin.

U minn sena għal sena n-nies bdew jistennew il-purċissjoni tal-Milied tal-Museum u l-purċissjoni bdiet tieħu sura sakemm xterdet ma' Malta kollha u llum saret waħda mill-aktar tra-

dizzjonijiet ħelwin tal-Milied fil-Gżejjer tagħna.

Anki fid-dar tiegħu, sakemm xjieħ, ta' kull sena kien jarma l-presepju u l-għaxqa tiegħu li jdaħħal innies u jfakkarhom kemm ħabbna Ġesù meta sar bniedem bħalna. Kien minn ta' l-ewwel ukoll, meta ra dieħla d-drawwa illi jinxtegħlu s-siġar tal-Milied wara t-twieqi, li ordna Bambin kbir, għamillu maxtura tal-qasab, u rmah wara t-tieqa biex ifakkar lil kulħadd li l-Milied kienet qabel kollox festa reliġjuża. Kien Dun Ġorġ ukoll li ħajjar lis-soċji tiegħu kollha biex ma jgħaddix Milied mingħajr b'xi mod jew ieħor ma jkunu taw lil kull tifel xi Bambin ġol-grotta jew fil-maxtura biex it-tifel jieħdu d-dar u hekk ma jkunx hemm familja Maltija li ma jkollhiex il-Bambin armat f'xi post jew ieħor tad-dar.

**DEVOZZJONI LEJN IT-TRINITA'**

Dun Ġorġ kellu devozzjoni speċjali lejn is-Santissima Trinità. Kien irid li meta xi ħadd jiltaqa' miegħu jsellimlu billi jurih is-sebgħa werrej u huwa jwiegħbu billi jurih tlitt iswaba, u b'hekk jistqarru l-Misteru kbir ta' Alla Wieħed fi Tliet Persuni. Din l-istess tislima kien iridha anki missoċji tiegħu Museumini, mhux biss meta jiltaqgħu miegħu, imma anki meta jiltaqgħu bejniethom. Anzi missoċji kien jitlob li meta ma jkunux jistgħu jidħlu fin-ngħas bil-lejl jew jistembħu matul il-lejl, "iġibu quddiem għajnejhom 'l Alla, persuna, persuna, b'għajnuna tat-tixbihat li għandna fl-Iskrittura speċjalment ta' Missier, ta' Haruf u ta' Hamiema" F'kamartu kellu xbieha mdaqqsa tat-Trinità Mqaddsa b'dawl dejjem jixgħel quddiemha. Hdejn din l-istatwa kien iżomm ukoll statwa żgħira ta' Santa Ċeċilja V. u M., mixħuta flart, turi b'id waħda s-sebgħa l-werrej u bl-oħra tlitt iswaba, kif l-Insara kienu sabu l-ġisem tagħha wara l-persekuzzjoni, u li minnha hu twebbel biex jagħmel din l-istqarrija f'dal-misteru. Meta dan l-aħħar kellu permess iqaddes id-dar wieħed mis-soċji pinġielu kwadru tas-S.ma Trinità biex iqiegħdu fil-faċċata ta' l-altar. Malli wasallu ferħ wisq u malli rah l-ewwel darba qallu lil dak li għamilulu: "Li kieku bgħattli ċekk ta' elf lira ma kontx tferraħni daqshekk." U min jista' jinsa l-kwalità ta' adorazzjoni li kien jagħmel qabel ma jorqod fil-għaxija? Kien jinxteħet għal tliet darbiet wiċċu ma' l-art jadura l-Missier u l-Iben u l-Ispirtu Santu. Talba ħelwa u qasira li ħarġet minn qalbu u li spiss kien jgħidha kienet din: *"S.ma Trinità, għall-merti tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, agħtina l-grazzja Tiegħek, għax Inti ħlaqtna għalik."*

**DEVOZZJONI LEJN IL-MADONNA**

Fil-ħajja ta' Dun Ġorġ il-Madonna kellha post speċjali. Kemm kien ikun kommoss meta kien jitkellem fuqha! Ma kien jgħajja qatt jirrakkomanda devozzjoni kbira lejha. Kien iħobb igħid: "Ma għandu qatt għax wieħed jaqta' qalbu mis-salvazzjoni ta' ruħu. Għandna lil Marija S.ma, dejjem lesta biex tindaħal għalina quddiem Alla. Hija tħobbna, u għandha raġun li tħobbna, għax kieku ma kinetx il-miżerja tagħna l-bnedmin, kieku ma kienx ikollha dik id-dinjità hekk kbira, id-dinjità ta' Omm Alla!" Kien imbagħad jispjega l-miraklu tat-Tieġ ta' Kana u juri li f'dan l-episodju jidhru ċari s-setgħa kbira ta' Marija u l-qalb tenera tagħha li ma ħamletx tara żewġ għarajjes jinkisru quddiem il-mistednin billi naqashom l-inbid. Kien jirrakkonta ħafna lissemmiegħa tiegħu li jagħmlu tliet inkini lill-Verġni Mbierka, inkin għal kull privileġġ speċjali li Hija rċeviet mis-Santissima Trinità: Inkin f'ġieħ il-Konċepiment Immakulat Tagħha, inkin f'ġieħ il-Maternità Divina Tagħha, u inkin f'ġieħ it-Tlugħ Tagħha fis-sema. Kien igħid li min isellem lil Marija b'dawn it-tlitt inkini ma jistax ikun li ma jiġbidx fuqu l-protezzjoni qawwija tagħha.

Sa minn żgħożitu Dun Ġorġ kellu devozzjoni speċjali lejn il-Madonna tal-Bon Konsill. Hu nnifsu kemm-il darba rrakkonta lis-soċji tiegħu dan l-episodju li se nsemmu: "Meta kont saċerdot żagħżugħ il-Konfessur qalli, 'Kun devot tal-Madonna tal-Bon Kunsill'. Mela kont Hal Tarxien darba, f'xi l-għaxra u nofs ta' fil-għodu, u rajt f'ħanut ta' rigettier inkwatru

żgħir tal-Madonna tal-Bon Konsill. Għidtlu, 'Nagħtik erba' soldi u tagħtihuli?' Xtrajtu u dendiltu mal-ħajt id-dar. U kuljum meta ngħaddi minn quddiemu ngħidilha lill-Madonna, 'Mater Boni Consilii, ora pro me.' Darba, wieħed qajjem burraxka kontra tiegħi, u dħalt id-dar xi ftit imħawwad. Bħas-soltu, kif għaddejt minn quddiem l-inkwatru tal-Madonna, għidtilha: 'Mater Boni Consilii, ora pro me.' Kif ngħidilha hekk, vuċi sensibbli, ħelwa u serena, nismagħha ħierġa mix-xbieha: **'Serva silentium'.** Bqajt impressjonat; qlajtha minn fejn kienet u ħadtha quddiem id-dawl u bqajt affezzjonat lejha, u kuljum bqajt insellmilha b'dik il-ġakulatorja. Xi minn daqqiet meta nikser is-silenzju ngħidilha: 'Tajtni regola sabiħa bħal din, għinni ħa nżommha'."

Dun Ġorġ kien li xerred devozzjoni kbira lejn il-Madonna tas-Samra ta' Triq Atoċja, il-Ħamrun. Kien jippriedka fuq il-glorji ta' Marija kull 15 tax-xahar u kien hu li organizza pellegrinaġġi għal din il-Knisja kull 15 tax-xahar, devozzjoni li għadha qawwija sal-lum. F'dan il-jum ma jaqtgħux il-folol tan-nies li jmorru jżuru lil din il-Madonna.

Dun Ġorġ ukoll kellu devozzjoni kbira lejn il-Madonna Damaxxena, miqjuma fil-Knisja tal-Griegi, il-Belt. Anzi nistgħu ngħidu li kien huwa li reġa' xegħel id-devozzjoni tal-Maltin lejn din ix-Xbieha mqaddsa, li kienu ġiebu magħhom il-Kavallieri minn Rodi fl-1530. Il-priedki li kien jagħmel kull xahar fil-Knisja fejn hi miqjuma fil-Belt għenu mhux ftit biex wasslu għall-Inkoronazzjoni ta' din ix-Xbieha Mirakoluża fl-1931.

Imma aktarx Dun Ġorġ jibqa' mfakkar l-aktar għad-devozzjoni kbira li huwa kellu lejn il-Madonna tal-Karmnu u lejn il-Midalja Mirakoluża. F'Lulju tal-1918 huwa nkiteb Terzjarju Karmelitan, u pprofessa f'Settembru tas-sena ta' wara bl-isem ta' Patri Franco. Ma kien jixba' qatt isemmi l-privileġġi li jiksbu dawk kollha li jilbsu devotament il-Labtu tal-Karmnu. Huwa daħħal l-użanza li t-tfal kollha tal-Museum, wara l-Ewwel Tqarbina, jinkitbu fil-Labtu. Is-soċji tiegħu ħallielhom fir-Regola li jġibu fuqhom dejjem il-Labtu, u li jxandruh kemm jifilħu fis-Sajdiet Museumini. L-Ordni Karmelitan, bħala apprezzament ta' dan kollu, kien tah il-Filjolanza tiegħu.

Daqskemm xerred il-Labtu tal-Karmnu, xerred ukoll id-devozzjoni lejn il-Midalja Mirakoluża. Kien jappella lis-semmiegħa tiegħu fis-Sajdiet Museumini u l-priedki biex iġibu dejjem imdendla ma' għonqhom din il-Midalja, "ir-rigal li tatna Marija 'missema", għax min jilbisha jkollu fuqu l-protezzjoni speċjali ta' Marija kontra l-perikoli tar-ruħ u tal-ġisem. Kien imbagħad iħobb jirrakkonta ġrajjiet straordinarji li saru permezz tad-domna u li ltaqa' magħhom huwa stess.

Darba sejħulu biex jassisti mara qed tmut: kienet ħadet tbaqbiqa kbira wara ġlieda mal-ġara, u, billi kellha qalbha għajjiena, sabet ruħha f'tarf il-ħajja.

Billi kienu qalulu bil-biċċa, Dun Ġorġ staqsiha jekk kinitx lesta li taħfer lil l-għadu tagħha. Imma hi, b'sinjal b'rasha, urietu li ma riditx, għaliex kienet il-ġara li wasslitha f'dak l-istat.

Dun Ġorġ baqa' jinsisti magħha u jitobha taħfer, iżda hi baqgħet ostinata. Allura, meta kien għoddu qata' qalbu, qam qawma fuq tiegħu u qalilha: "Ara, inti se tidher għall-ġudizzju. Kun af li, jekk inti ma taħfirx, minn dis-sodda tibqa' sejra dritt fil-fjammi ta' dejjem, u jekk taħfer, tibqa' sejra dritt il-ġenna!" Taha ftit ċans imbagħad staqsiha mill-ġdid: "Taħfer?" U hi, b'sinjal b'rasha, urietu li kienet disposta li taħfer. Dun Ġorġ kien igħid li, meta kienu jkeffnuha, ra d-Domna Mirakoluża mdendla ma għonqha, u ħassu ċert li kienet hi li salvat lil dik il-mara.

Il-Kappella tal-Madonna tal-Midalja, il-Blata l-Bajda, nistgħu nsejħulha monument ħaj tat-tħabrik tiegħu biex, kieku kienet ħaġa li setgħet tkun, *"ma jkunx hawn Malti u Għawdxi li ma jilbisx il-Midalja Mirakoluża."*

Fost il-kitba sabiħa ta' Dun Ġorġ fuq il-Madonna hemm il-"Vestis Honoris", il-Libsa ta' Unur lill-Madonna, li s-soċji jkantaw għarkubbtejhom lill-Madonna, kull 7, 17 u 27 tax-xa-

har u fil-festi principali tagħha. Fil-"Vestis Honoris", li hija bħal litanija b'36 titlu differenti lill-Madonna, Dun Ġorġ isejjaħ lill-Madonna Sinjura tas-Sema, l-Art u l-Baħar, u ta' kull ma fihom. Il-Litanija tispiċċa bil-kant tas-"Salve Filia Patris", li s-soċji jkantaw ukoll kull nhar ta' Sibt fil-għaxija, qabel ma tintemm il-laqgħa, quddiem ix-Xbieha ta' l-Immakulata. B'żewġ xemgħat mixgħulin quddiemha, huma jsellmu lill-Omm tagħhom tas-sema: "Is-sliem għalik ja Bint il-Missier, sliem għalik ja Omm il-Kelma t'Alla, sliem għalik ja Għarusa singulari ta' l-Ispirtu Santu. Marija Verġni tassew li Int kbira għax għamlek kbira Dak li hu qawwi u li ismu huwa tal-biża' u qaddis."

Għas-soċji tiegħu huwa kiteb ukoll Programmi speċjali, li fihom ħafna sentenzi u riflessjonijiet fuq il-Madonna, u li s-soċji jagħmlu flimkien fil-festi kbar tal-Madonna. Fil-ktieb tat-Talb li kiteb għas-soċji, Dun Ġorġ itenni kuljum għal mitt darba "...et benedicta Virgo Maria" wara li jkunu, qabel, bierku 'l-Iben divin tagħha. Il-laqgħat tas-soċji ried li jibdew bil-kant tal-"Gaude Maria Virgo" li, bil-Malti, din it-talba sabiħa hija hekk: *"Ifraħ, o Verġni Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla, int li emmint għall-kelmiet ta' l-Arkanġlu Gabrijel, waqt li fil-ħin li bqajt xebba nissilt Alla u bniedem u wara li tajtu lid-dinja, bqajt xebba bla mtiefsa; Omm Alla, idħol għalina."*

Lis-soċji tiegħu Dun Ġorġ ħalla wkoll fir-Regola li kuljum igħidu ħames posti tar-Rużarju, u fil-festi ewlenin tal-Madonna jgħidu ħmistax-il posta għarkubbtejhom.

Nhar ta' Ġimgħa fil-għaxija Dun Ġorġ kien igħaddi ftit tal-ħin jaħseb fuq il-Madonna x'għadda minn għaliha matul il-lejl ta' bejn il-Ġimgħa u s-Sibt wara li kienet rat quddiem għajnejha t-traġedja kollha ta' Binha. Il-frott tal-ħsieb tiegħu Dun Ġorġ kitbu f'erba' paġni u stampahom bl-eluf biex ixerred din id-devozzjoni ma' Malta kollha. Meta wieħed jagħmel dan l-eżerċizzju jidħol tassew fi spirtu ta' mogħdrija, u Dun Ġorġ jaħtaf il-bniedem kif ikun f'dik il-ġabra ta' ħsebijietu u b'kelmtejn qawwija jgħidlu, *"Inti, o midneb, tista' ma tarax kemm hu ikraħ id-dnub u kemm għandek raġun tħobb lil dina l-Omm li permezz tagħha ġie mogħti lilna l-Feddej u s-Salvatur tal-bnedmin? Jista' jkun li ma titgħallimx quddiemha sabiex tapprezza s-sofferenzi li jissieħbu neċessarjament mal-ħajja ta' kull bniedem?"* L-Eżerċizzju ta' l-Addolorata, imbagħad, jagħlaq b'talba lil Marija: *"O Verġni Mbierka, bil-potenza tiegħek agħmel li l-Passjoni u l-Mewt ta' Kristu Ibnek u li d-Duluri tiegħek ma jkunux bla frott għalija. Amen".*

Id-devozzjoni speċjali li kellu Dun Ġorġ lejn il-"Verbum Dei" ma setgħetx issib sfog aktar addattat milli f'devozzjoni l-aktar kbira lejn il-Madonna. Dun Ġorġ stess darba spjega lis-Segretarju Ġenerali, Ġużeppi Schembri, kif kien jixtieq xbieha tagħha, b'idejha miftuħin, bil-kelmiet Verbum Dei Caro Factum Est fuq sidirha u fuq ras il-Madonna l-kelmiet "Terror Doemonum". Is-Segretarju pinġa din ix-xbieha u għoġbitu ħafna lil Dun Ġorġ. Iżda wara żmien qasir, fl-1936, Dun Ġorġ mar għand il-pittur Kav. R. Bonnici Calì fl-istudju tiegħu fi Triq San Pawl, il-Belt u talbu biex ipinġilu dil-Madonna, *"daqs in-natural, età ta' xbejba taħt l-għoxrin sena, libsa sal-bidu t'għonqha u l-kmiem sal-polz, mant fuq rasha jinżel fuq spallejha jaħbilha xagħarha kollu, idejha miftuħin bħal qassis fid-Dominus Vobiscum u dija fuq sidirha dwar salib bil-vertikal ħamra (Missier Etern) u l-orizzontali kaħla (Iben Etern) waqt li ħamiema tittajjar fuq rasha (Spirtu Santu). Mas-salib jidher il-kliem VERBUM DEI CARO FACTUM EST bil-kelma CARO fuq l-orrizzontal blu tas-salib."* Dun Ġorġ stess fetaħ idejh u mejjel rasu kif ried il-poża tal-Madonna minn irkubbtejha 'l fuq. Wara li ra l-buzzett u kkoreġih, Dun Ġorġ żied żigarella bil-kelmiet "Salve Gratia Plena, Salve Virgo Mater, Salve Dulcis Maria", u spjega lill-pittur kif f'din il-pittura kienu jidhru l-misteri tat-Trinità, ta' l-Inkarnazzjoni u l-Maternità tal-Madonna. Wara dil-pittura ġiet irregalata lill-Museum ta' Sant'Ursola l-Belt waqt

li l-buzzett sab postu fil-Museum ta' West Street, il-Belt.

Milli jidher Dun Ġorġ baqa' jaħseb fuq din il-Madonna, għax fl-1949 reġa' talab lill-istess pittur ipinġilu xbieha oħra, mhux kopja ta' dik ta' qabel. Reġa' qallu d-dettalji kollha, b'differenzi żgħar. Dun Ġorġ ikkorreġa l-buzzett u talab lill-pittur biex ipinġiha daqs in-natural. Iż-żigarella din id-darba tħalliet barra fuq ix-xewqa ta' Dun Ġorġ stess. Dun Ġorġ approva l-pittura u wara xi xhur laqa' bil-ferħa l-offerta tal-pittur biex ix-xbieha tingħata lill-Museum ta' Ħal Tarxien, il-parroċċa tal-Lunzjata. Fl-4 ta' Awissu 1950, Dun Ġorġ bierek din ix-xbieha u l-pittur kiteb l-istorja tagħha wara l-pittura.

Qabel ngħalqu din it-taqsima fuq id-devozzjoni ta' Dun Ġorġ lejn il-Madonna ta' min isemmi li fl-1954 (Sena Marjana) huwa kkonsagra 40 soċju lill-Madonna fil-Kappella ta' l-Ursolini, Msida, "Bħala monument ħaj tas-sena Marjana". Għalkemm dak in-nhar huwa kkonsagra biss 40 soċju (għax l-ideja ta' din il-konsagrazzjoni kienet ġietu nhar il-festa ta' l-40 Martri ta' Sebaste) madankollu wera x-xewqa tiegħu li kull soċju jkun ikkonsagrat lill-Madonna.

**UMILTA'**

Dun Ġorġ kien jaf li jekk irid jibni fil-għoli jeħtieġ li jkollu pedamenti sodi u li jekk hu stess ma jkunx qawwi u sod ma jkunx jista' jsaħħaħ lill-oħrajn. Il-virtù ta' l-umiltà u d-disprezz, għalih, kienu l-akbar xewqa. Kien igħid li lanqas biss kien jaf x'riħa fihom l-unuri. Hafna nies għadhom jiftakruh jinżel b'wiċċu ma' l-art u jbus riġlejn ta' xi wħud. Dan kien tassew att kbir ta' umiltà li saħansitra beda jaqlagħlu l-fama li kien moħħu ħafif; iżda Dun Ġorġ qatt ma ta każ x'qalet id-dinja; quddiemu ma kienx jara ħlief l-eżempji ta' l-umiltà ta' Kristu u meta kien jagħmel ħwejjeġ bħal dawn hu, li tant kien jagħraf lil Kristu, ma kienx iħoss li qiegħed jagħmel ħwejjeġ straordinarji, u dan jidher ċar għaliex dawn l-atti ta' umiltà tiegħu kienu kollha jieqfu malli kien ikun hemm xi ubbidjenza minnaħa tas-superjuri tiegħu.

L-umiltà ta' Dun Ġorġ kienet tidher fil-mixja tiegħu, fil-kelma tiegħu, u fl-għemil tiegħu kollu. Kien iħobb ħafna jinħeba. Kien jitwarrab minn dak kollu li seta' jkun għalih kawża ta' tifħir. Fil-kortej ta' Kristu Re, jew f'xi ċirkustanzi oħra li fihom is-Soċjetà tiegħu kienet tieħu sehem, huwa qatt ma deher li ma jmurx jieħu l-unur ta' Fundatur. F'diskors li sar fil-Knisja tar-Raħal Ġdid fl-okkażjoni tal-festi ġubilari tas-Soċjetà, Mons. Carm. Bonnici, li kien l-Assistent Ekklesjastiku Ġenerali qal: "Ma ngħidlux (lil Dun Ġorġ) Fundatur għax ma jridx... imma nsejjaħlu Fundatur jekk ma jridx insejjaħlu San Pawl... għax *hu* Fundatur, u hu jgħid li l-Fundatur hu San Pawl, mela allura Dun Ġorġ hu San Pawl!" Aktar tard, meta tkellem Dun Ġorġ fl-istess laqgħa, qal: *"Jiena m'inix il-Fundatur ta' dina s-Soċjetà. Il-Fundatur tagħha San Pawl Appostlu, kif hu stess kiteb lill-isqof Timotju 'Il-ħwejjeġ kollha li smajt minni b'bosta xhieda, għallimhom lil nies fidili li jkunu kapaċi jgħallmuhom lill-oħrajn'. Istitutur nista' ngħid li jien, iżda Fundatur le. Għandkom tipperswadu ruħkom li l-Fundatur hu San Pawl Appostlu. Hawn hu l-fundament... is-Soċjetà hija Apostolika..."*

Qatt ma fittex l-unur ta' Fundatur, lanqas meta s-Soċjetà tiegħu għalqet ħamsin sena mit-twaqqif tagħha. Min-naħa tiegħu ma riedx li jsiru festi esterni. Meta mbagħad il-festi ġubilari saru, kif kien jixraq li jsiru, huwa lanqas ried li jieħu sehem fil-Quddiesa Pontifikali li saret mill-E.T. Mons. Arċisqof f'San Ġwann għax beża' li dik l-okkażjoni setgħet tkun għalih kawża ta' vanaglorja. Meta mbagħad ipperswadewh li l-assenza tiegħu setgħet tiftiehem ħażin, allura huwa warrab fehemtu u mar San Ġwann, imma fittex kemm seta' li jinħeba.

L-umilta' tiegħu kienet il-kawża li ħafna nies, ta' kull kundizzjoni, inġibdu lejh, u għarfu li Dun Ġorġ kien ifittex biss il-glorja t'Alla u l-ġid tagħhom. Dun Ġorġ tbaxxa iżda Alla għollieh. Il-fama ta' qaddis xterdet minħabba l-umilta' kbira tiegħu.

Ma kienx jaraha bi tqila li jkellem lil kulhadd anki lil dawk ta' kundizzjoni baxxa u umli. Wiehed Ingliż li nzerta għaddej minn Putirjal ra lil Dun Ġorġ (bla ma kien jaf min hu) ikellem lil wiehed kennies. Qal lil raġel li nzerta wkoll kien għaddej minn hemm, "He is a humble priest", waqt li wera b'sebgħu lil Dun Ġorġ. Darb'oħra, meta Dun Ġorġ kellu xi 36 sena, flimkien ma' Dun Nikol Zammit kienu għaddejjin minn Strada Rjali l-Hamrun u f'daqqa waħda Dun Ġorġ għolla idu u b'leħen għoli qal: "Stenna boy" u b'pass ħafif telaq biex igħin lil tifel ta' xi 12-il sena li kien hemm wieqaf fit-triq jistenna lil xi ħadd igħinu jerfa' fuq spalltu xkora tad-demel li kienet fl-art u li dak it-tifel ma felaħx jerfa' waħdu. Malli wasal fejn it-tifel Dun Ġorġ qabad l-ixkora u qal: "Għalina boy! Wiehed, tnejn, tlieta" u b'salt wiehed ma' l-aħħar kelma, it-tifel kien pront dar u sab l-ixkora fuq spalltu, u kollu ferħan telaq għal triqtu.

Ma kienx jitlef okkażjoni waħda ta' umiltà. Waqt li kulħadd jisthi jidher quddiem in-nies b'libsa mraqqa', Dun Ġorġ għamel żmien jilbes overall tal-alpaka ġdid fjamant, u li fuqu qiegħed roqgħa ħadra ta' xi erba pulzieri kwadri fuq wara n-naħa t'isfel fuq il-lemin, xi tmien pulzieri 'l fuq mit-tarf tal-keffa tal-overall. Din naturalment kienet roqgħa finta, għax min aċċidentalment iċarrat l-overall isewwih bis-sengħa, b'roqgħa pulita minn taħt, li bil-kemm tkun tidher. Imma r-roqgħa ta' Dun Ġorġ xejn ma kienet hekk, kif wiehed jista' malajr jifhem. Għal kuljum kien jilbes firjol ħafif, imma meta jidhirlu li kien se jsib ruħu quddiem nies ta' klassi għolja kien jilbes dan l-overall taddekorazzjoni ħadra.

L-umiltà tiegħu kienet iġġiegħlu joqgħod għal dak li jgħidlu ħaddieħor, bla ebda argument, għax kien jistma lilu nnifsu l-inqas. Wiehed saċerdot żagħżugħ kien ra lil Dun Ġorġ jitlob b'idejh miftuħa sewwa. Billi deherlu li kien fetaħhom wisq, qal lil Dun Ġorġ: "Dun Ġorġ, idejk għandek tiftagħhom hekk", waqt li wrieh kif. Dun Ġorġ wieġbu u qallu: "Mela għallimni ibni, għax jiena ma naf xejn."

Qatt ma ried li jidher ismu fil-ħafna kotba li kiteb; anzi meta xi ħadd kien ifaħħarlu l-opri tiegħu kien igħid li dawk kienu "kotba minn kotba" u mhemm xejn oriġinali. Dan naturalment kien jagħmlu biex ma jeħux unur mill-bnedmin. Kien iħobb igħid: *"Il bene non fa chiasso e il chiasso non fa bene"* (Il-ġid ma jagħmilx ħsejjes, u l-ħsejjes ma jagħmlux ġid). L-umiltà tiegħu kienet iġġiegħlu jinħeba f'okkażjonijiet ta' unur għalih, bħal meta tbierket l-ewwel ġebla ta' St. Michael's School minn Mons. Arċisqof, u huwa mar jinħeba wara ħajt tas-sejjieħ waqt li Mons. Arċisqof kien qiegħed ifaħħar l-opra ta' Dun Ġorġ. Imma waqt li huwa kien iżomm ruħu lura, aktar in-nies kienet tfittxu u tqimu, għax l-umiltà tiġbed lejha n-nies aktar minn kull ħaġ'oħra. L-espressjoni li ngħadet fuq xi ħadd li "tant kien żgħir li ma setax ma jkunx kbir" toqgħod tabilħaqq tajjeb fuq Dun Ġorġ.

**MANSWETUDNI**

Kien iħobb igħid Dun Ġorġ li Ġesù jridna nimitawh b'mod speċjali fl-Umiltà u fil-Manswetudni. "Itgħallmu minni, għax jiena għandi qalbi mansweta u umli" (S. Matt. XI, 30). Dun Ġorġ ried li l-Manswetudni tkun il-virtù speċjali tiegħu. Kulħadd għadu jiftakar b'liema ħeġġa kien jippriedka fuq il-maħfra tal-għedewwa u jagħfas fuq il-pont li "Alla jaħfer kif aħna naħfru, ħniena bi ħniena, u vendetta b'vendetta". Fil-priedki tiegħu kien jagħfas fuq din il-virtù u jgħid lis-semmiegħa tiegħu: "Tissugrawx tgħidu l-**Missierna** jekk qabel ma tkunux ħfirtu minn qalbkom lil dawk li għamlulkom id-deni, għax flok maħfra, il-kastigi t'Alla tkunu qegħdin tiġbdu fuqkom." Fuq din il-virtù Dun Ġorġ kiteb wiehed mill-isbaħ kotba tiegħu; mhuwiex xi ktieb twil, imma l-mod kif inhu miktub iqiegħdu f'post għalih. **L-Ittra Popolari fuq il-Manswetudni** ħarġet f'diversi edizzjonijiet u hija waħda mill-kitbiet li l-aktar imxew. Hija miktuba fi stil ta' ittra bħall-Epistoli tal-Ġdid Testment. Wiehed Kappillan qal fuqha: "Nisthajjilha xi ittra ta' l-Appostli. Fuq kull ftit

paragrafi tagħha jiena tajt priedki sħaħ f'irtiri lis-sorijiet."

Dun Ġorġ kellu diversi okkażjonijiet ta' manswetudni. Kienu ħafna dawk li kkalunjawh, li għaddewh b'miġnun, li kitbu kontra tiegħu fil-fittex sodisfazzjon kontra tagħhom, ġurnali, li ppruvaw jeqirdu l-opra tiegħu. Imma huwa mhux talli qatt ma talli lanqas biss kien jiddefendi ruħu minnhom. Huwa nnifsu stqarr li kien jiskużahom u jagħdirhom u jitlob għalihom. Meta l-kalunji kontra Dun Ġorġ u s-Soċjetà tiegħu kienu fl-aqwa tagħhom permezz ta' ittri anonimi fil-ġurnali, ħabta tal-1914, huwa ġietu l-idea famuża li jagħmel il-vot tal-manswetudni li jorbot lill-membri tiegħu taħt ħtija gravi jew venjali, skond il-materja fiċ-ċirkostanzi kollha tal-Liġi Divina, li ma jeħdux vendetta mill-proxxmu tagħhom. Dan il-vot isir kuljum mis-soċji għall-jum tal-għada. L-ewwel darba li kien sar kien mis-superjuri partikulari kollha tal-Oqsma tas-Soċjetà, fil-preżenza tal-Fundatur, fil-Katidral ta' l-Imdina, quddiem Kruċifiss Mirakoluż, fl-1914.

Huwa stess jirrakkonta li darba kellu okkażjoni jitħarreġ fil-manswetudni u li lilu serviet ta' ġid kbir. Huwa jgħid li darba, waqt li kien imħasseb ħafna fuq il-Ġustizzja Divina li ma tħallix l-iċken nuqqas bla ma tfittex sodisfazzjon għalih, ġiġi fuqu pulizija li talbu jaħfirlu. Dun Ġorġ staqsieh: "Ta' xiex, ibni?" U dak wieġbu li f'ħanut mimli bin-nies beda jgħid ħafna gideb kontra tiegħu, u issa meta mar iqerr, il-konfessur tiegħu qallu li kien jeħtieġ li jgiddeb ruħu quddiem min semgħu. Billi huwa raha bi kbira, il-konfessur tah il-parir li jmur għand Dun Ġorġ innifsu u jitolbu jaħfirlu u b'hekk ikun meħlus minn dan id-dejn. Dun Ġorġ, kif sema' dan kollu, ħafirlu minn qalbu u bagħtu fil-paċi. Huwa u tiela' t-taraġ wara dan l-att kbir ta' maħfra, iħoss ġo fih bħal vuċi tgħidlu: "Jekk int ħfirt lil bniedem ieħor għax talbek, kemm aktar Alla jaħfer lil min jitolbu maħfra?" U dan il-ħsieb neħħielu kull biża' u qtiegħ il-qalb li kien iġiblu quddiem il-menti tiegħu l-ħsieb fuq il-Ġustizzja Divina.

Dun Ġorġ kien bniedem sensibbli ħafna. Kien iħoss meta xi ħadd jonqsu għax hu kellu qalb tassew nobbli li qatt ma naqset lil ħadd. Darba wieħed kien għamillu azzjoni ħażina kbira u waqt li kien qiegħed iqaddes, proprju fil-"Pater Noster", Dun Ġorġ ftakar fil-persuna li nġurjatu malli kien fil-kelmiet "Aħfrilna dnubietna bħalma aħna naħfru lil min hu ħati għalina." Dun Ġorġ ħassha l-azzjoni ħażina, għax kien bniedem normali bħalna, u ħass ukoll il-ġibda li jivvendika ruħu. Imma hu ħares lejn Ġesù Ostja li kien preżenti fuq l-artal, u kif kien idejh miftuħa, tbissem tbissima lill-Ostja u qal lil Ġesù: *"Sinjur, għar-rispett tiegħek, naħfirlu!"* Vera lezzjoni l-iżjed ħelwa li tagħtik ir-raġuni għaliex il-bniedem għandu jaħfer lill-għadu tiegħu: għar-rispett ta' Kristu li ħafer u li jaħfer lilek stess.

## SPIRTU TA' TALB

Dun Ġorġ kien bniedem ta' orazzjoni. Kull min għamilha miegħu jista' jixhed kemm kien jinġabar waqt l-orazzjoni u b'liema aċċent kien igħid kelma kelma t-talbiet tiegħu. Kien jemmen ħafna fil-qawwa tat-talb u ħajtu nistgħu ngħidu li kienet talba kontinwa. Hekk ukoll ried li tkun il-ħajja tas-soċji tiegħu. Dan kien l-iskop li għalih kitbilhom l-"Arloġġ Museumin", talb imqassam f'ħinijiet (kull kwarta) u b'sistema li matul ġimgħa sħiħa tgħaddi minn quddiem is-soċju l-figura ħelwa ta' Kristu li għandu jkun l-oġġett tal-qalb ta' kull Nisrani u wisq iżjed tas-soċju.

Dan l-Arloġġ kien igħid li nebbħu bih San Mikiel Arkanġlu. Meta kien għad kellu biss xi ħames snin, kien passiġġata mas-seftura tagħhom Filumena u f'daqqa waħda ra żagħżugħ ta' ġmiel kbir li ġie ħdejh, għalaqlu jdejh wara li poġġielu fihom arloġġ tad-deheb u sparixxa. Iċ-ċkejken Ġorġ beża' u mar jistkenn ma' Filumena li ma kienet rat xejn minn dik id-dehra. Meta kiber kien staqsa lil ommu u 'l missieru jekk qatt xi ħadd tahx arloġġ tad-deheb. Huma qalulu li le. Hu allura fehem li dak l-arloġġ kien simboliku u kellu jfisser l-Arloġġ ta' Talb li huwa kellu jikteb għall-membri tiegħu biex f'kull ħin

jiftakru f'Alla. Darba, f'waħda mil-Laqgħat Ġenerali, lis-soċji tiegħu osservalhom li anki kunjomu għandu jfakkarhom fit-talb, Preca, bħal *prega*: itlob.

Jekk mill-kwalità ta' talb u l-mod kif jingħad wieħed jista' jagħraf il-kobor tal-perfezzjoni f'dak li jkun, allura jkollna nikkonkludu li l-qdusija f'Dun Ġorġ kienet fi grad mhux komuni. Ħafna għadhom jiftakruh kif kien igħid il-*Gloria Patri,* b'rasu baxxuta f'adorazzjoni profonda lis-S.ma Trinità. It-talb li kien daħħal qabel il-laqgħat ġenerali lis-soċji tiegħu, bħat-"*Tu qui es, esto nobis unus Deus...*" "*Deus Noster, Deus unus in essentia...*" u oħrajn jikxfu kemm tabilħaqq Dun Ġorġ kien bniedem ta' orazzjoni. B'espressjoni li tqanqal u bid-dmugħ f'għajnejh kien jispiċċa l-laqgħa billi jkanta d-"Deus Noster" u kien jinfexx f'bikja malli jisma' s-soċji jwieġbu: "Deus Sanctus!" U jerġa' minn qalbu: "Deus Noster" u huma: "Deus Fortis!" "Deus Immortalis, Ipsi soli imperium, laus et jubilatio, per infinita saecula saeculorum". (Lilu biss is-setgħa, it-tifħir, u l-unur għal dejjem ta' dejjem.)

Qabel ma kien jagħti xi deċiżjoni jew xi parir lil dawk li kienu jmorru għandu — u dawn ma kenux ftit — huwa kien jieqaf bħal ftit jaħseb jew jitwarrab kemm kemm minn dak li jkun u jidħol sa ġewwa jitlob id-dawl t'Alla biex jiddiriġih Huwa. Fil-għodu, malli jqum, l-ewwel talba li kien jagħmel kienet "Sinjur Alla, iddiriġini Int f'kull pass tiegħi", u qabel joħroġ mid-dar, "Sinjur Alla, dawwarli għajnejja biex ma jarawx il-frugħa tad-dinja."

Huwa kiteb ukoll għadd kbir ta' kotba u fuljetti fuq it-talb. L-**"Orazzjoni"** (Qari għax-xahar ta' Frar) huwa trattat qasir li bi kliem ħafif u sod juri kif għandu jkun it-talb u l-qawwa tiegħu. Kiteb ukoll tliet Salmi li kollha kemm huma jikxfu l-intimità li kien hemm bejn Dun Ġorġ u Alla. Wieħed minnhom, imsejjaħ is-**"Salm ta' Patri Franku",** Dun Ġorġ kitbu bil-qiegħda jħares lejn il-Kruċifiss u soċju jikteb dak li jgħidlu, jiġifieri dak is-Salm m'huwiex ħaġ'oħra ħlief il-ftuħ tal-qalb ta' Dun Ġorġ ma' Alla l-Imbierek. Biżżejjed insemmu xi paragrafi minnu biex naraw il-kunfidenza li biha Dun Ġorġ kien jitkellem ma' Alla: *"Hija fis-setgħa ta' kull bniedem li jagħrfek, o Alla; u jekk huwa ma jagħrfekx huwa ma jridx jagħrfek. — Meta qatt inti nqast u ma tajtx id-dawl biex bih wieħed jagħraf il-veru dawl, li huwa Inti Nnifsek? — Min hu li għamel dak li seta' biex jagħrfek u Inti ma tajtux biex jagħraf dak li ma setax? — Min qatt, o Sinjur Alla, talbek xi ħaġa għall-ġid ta' ruħu jew għall-ġieħ tiegħek, u Inti ċħadthielu? — Mhux lilna Mulej, mhux lilna; iżda lill-Isem tiegħek agħti ġieħ: lilna agħti l-grazzja li nagħmlu dejjem ir-rieda tiegħek..."* (Parag. 30/34)

Biex jaqla' dak li kien jitlob Dun Ġorġ kien dejjem igħaqqad it-talb tiegħu mal-merti ta' Kristu, u speċjalment joffri 'l Alla l-Pjagi tas-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu li lejhom kellu devozzjoni l-aktar kbira. Darba stqarr li huwa kien iħoss li kellu jkun dak li jxerred ma' kullimkien il-messaġġ li Ġesù fada f'idejn il-Ven. Swor Marija Martha Chambon dwar is-siwi ta' l-Offerta tal-Pjagi. Fuq dawn il-Pjagi ta' Kristu huwa kiteb ħafna biex isaħħaħ il-fehma tiegħu li dawn "huma bħal munita f'idejn merkant li jrid jixtri."

## IMFITTEX GHALL-PARIRI

Dun Ġorġ kien igawdi fama ta' qaddis mill-poplu, li lejh kien jirrikorri għall-pariri fi ħwejjeġ spiritwali u temporali. Kemm fid-dar tiegħu, kemm fl-Istitut Fra Diegu, kif ukoll il-Oqsma Mużewmini li kien imur fihom, in-nies ma kienu jaqtgħu xejn sejrin għandu biex igħidulu fuq id-diffikultajiet tagħhom u huwa bis-sabar kollu jismagħhom u jagħtihom il-fehma tiegħu f'dak li kienu jeħtieġu. Min kien imur għandu minħabba l-mard, min minħabba xi nkwiet fuq ix-xogħol jew fil-familja, min minħabba l-għażla ta' l-istat, u l-bqija. U d-deċiżjoni li kien jagħti huwa, bla tlaqliq u ċert minnu nnifsu, kienet isserraħ moħħ dak li kien imur għandu. Dwar każi li jirrigwardjaw l-

jiftakru f'Alla. Darba, f'waħda mil-Laqgħat Ġenerali, lis-soċji tiegħu osservalhom li anki kunjomu għandu jfakkarhom fit-talb, Preca, bħal *prega*: itlob.

Jekk mill-kwalità ta' talb u l-mod kif jingħad wieħed jista' jagħraf il-kobor tal-perfezzjoni f'dak li jkun, allura jkollna nikkonkludu li l-qdusija f'Dun Ġorġ kienet fi grad mhux komuni. Ħafna għadhom jiftakruh kif kien igħid il-*Gloria Patri,* b'rasu baxxuta f'adorazzjoni profonda lis-S.ma Trinità. It-talb li kien daħħal qabel il-laqgħat ġenerali lis-soċji tiegħu, bħat-"*Tu qui es, esto nobis unus Deus...*" "*Deus Noster, Deus unus in essentia...*" u oħrajn jikxfu kemm tabilħaqq Dun Ġorġ kien bniedem ta' orazzjoni. B'espressjoni li tqanqal u bid-dmugħ f'għajnejh kien jispiċċa l-laqgħa billi jkanta d-"Deus Noster" u kien jinfexx f'bikja malli jisma' s-soċji jwiegbu: "Deus Sanctus!" U jerġa' minn qalbu: "Deus Noster" u huma: "Deus Fortis!" "Deus Immortalis, Ipsi soli imperium, laus et jubilatio, per infinita saecula saeculorum". (Lilu biss is-setgħa, it-tifħir, u l-unur għal dejjem ta' dejjem.)

Qabel ma kien jagħti xi deċiżjoni jew xi parir lil dawk li kienu jmorru għandu — u dawn ma kenux ftit — huwa kien jieqaf bħal ftit jaħseb jew jitwarrab kemm kemm minn dak li jkun u jidħol sa ġewwa jitlob id-dawl t'Alla biex jiddiriġih Huwa. Fil-għodu, malli jqum, l-ewwel talba li kien jagħmel kienet "Sinjur Alla, iddiriġini Int f'kull pass tiegħi", u qabel joħroġ mid-dar, "Sinjur Alla, dawwarli għajnejja biex ma jarawx il-frugħa tad-dinja."

Huwa kiteb ukoll għadd kbir ta' kotba u fuljetti fuq it-talb. L-**"Orazzjoni"** (Qari għax-xahar ta' Frar) huwa trattat qasir li bi kliem ħafif u sod juri kif għandu jkun it-talb u l-qawwa tiegħu. Kiteb ukoll tliet Salmi li kollha kemm huma jikxfu l-intimità li kien hemm bejn Dun Ġorġ u Alla. Wieħed minnhom, imsejjaħ is-**"Salm ta' Patri Franku",** Dun Ġorġ kitbu bil-qiegħda jħares lejn il-Kruċifiss u soċju jikteb dak li jgħidlu, jiġifieri dak is-Salm m'huwiex ħaġ'oħra ħlief il-ftuħ tal-qalb ta' Dun Ġorġ ma' Alla l-Imbierek. Biżżejjed insemmu xi paragrafi minnu biex naraw il-kunfidenza li biha Dun Ġorġ kien jitkellem ma' Alla: *"Hija fis-setgħa ta' kull bniedem li jagħrfek, o Alla; u jekk huwa ma jagħrfekx huwa ma jridx jagħrfek. — Meta qatt inti nqast u ma tajtx id-dawl biex bih wieħed jagħraf il-veru dawl, li huwa Inti Nnifsek? — Min hu li għamel dak li seta' biex jagħrfek u Inti ma tajtux biex jagħraf dak li ma setax? — Min qatt, o Sinjur Alla, talbek xi ħaġa għall-ġid ta' ruħu jew għall-ġieħ tiegħek, u Inti ċħadthielu? — Mhux lilna Mulej, mhux lilna; iżda lill-Isem tiegħek agħti ġieħ: lilna agħti l-grazzja li nagħmlu dejjem ir-rieda tiegħek..."* (Parag. 30/34)

Biex jaqla' dak li kien jitlob Dun Ġorġ kien dejjem igħaqqad it-talb tiegħu mal-merti ta' Kristu, u speċjalment joffri 'l Alla l-Pjagi tas-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu li lejhom kellu devozzjoni l-aktar kbira. Darba stqarr li huwa kien iħoss li kellu jkun dak li jxerred ma' kullimkien il-messaġġ li Ġesù fada f'idejn il-Ven. Swor Marija Martha Chambon dwar is-siwi ta' l-Offerta tal-Pjagi. Fuq dawn il-Pjagi ta' Kristu huwa kiteb ħafna biex isaħħaħ il-fehma tiegħu li dawn "huma bħal munita f'idejn merkant li jrid jixtri."

## IMFITTEX GHALL-PARIRI

Dun Ġorġ kien igawdi fama ta' qaddis mill-poplu, li lejh kien jirrikorri għall-pariri fi ħwejjeġ spiritwali u temporali. Kemm fid-dar tiegħu, kemm fl-Istitut Fra Diegu, kif ukoll fl-Oqsma Mużewmini li kien imur fihom, in-nies ma kienu jaqtgħu xejn sejrin għandu biex igħidulu fuq id-diffikultajiet tagħhom u huwa bis-sabar kollu jismagħhom u jagħtihom il-fehma tiegħu f'dak li kienu jeħtieġu. Min kien imur għandu minħabba l-mard, min minħabba xi nkwiet fuq ix-xogħol jew fil-familja, min minħabba l-għażla ta' l-istat, u l-bqija. U d-deċiżjoni li kien jagħti huwa, bla tlaqliq u ċert minnu nnifsu, kienet isserraħ moħħ dak li kien imur għandu. Dwar każi li jirrigwardjaw l-

għażla ta' l-istat insemmu xi ħaġa fil-qosor.

Dun Ġorġ ma kienx ħafif jagħti d-deċiżjoni tiegħu dwar il-vokazzjoni. Kien jistudja 'l dak li jkun u jara xi jkun li jqanqlu jaħseb li għandu din jew dik is-sejħa. "Irrid insir Patri, Sinjur," qallu wieħed. "Għax ma tidħolx ajk?" staqsieh Dun Ġorġ. Iż-żagħżugħ kien pront wieġeb: "Mela! biex inkun seftur tal-patrijiet!" — "Allura int trid issir reliġjuż biex ikollok l-unuri u l-istimi u mhux għal Alla!" issokta Dun Ġorġ. B'nitfa ta' mistoqsija jew osservazzjoni kien malajr jikxef l-inganni.

Lil żagħżugħ ieħor li ried imur reliġjuż qallu: "Tidħol xejn, ibni, ibqa' d-dar." Iż-żagħżugħ qallu: "Tista' ma tgħidli xejn, għax patri nsir żgur." Dun Ġorġ bil-kalma kollha kien pront wieġbu: "Ibni, kelli ftit tad-dubju fuqek, neħħejtu. Il-vokazzjoni tiegħek hija ħaġa tan-natura li meta trid ħaġa tridha bil-fors. Għalfejn ġejt għall-parir?

Bosta kienu jiġġudikawh li jtellef il-vokazzjonijiet. Veru li ma tantx kien ħafif japprova vokazzjonijiet tardivi ("late vocations") u kien jgħarbilhom sewwa, imma dan għax kien jaf tajjeb li d-demonju nganna lil bosta bil-ħsieb tal-ġid biex itellef il-ġid li kienu qed jagħmlu. Iżda Dun Ġorġ kien jaf jinkuraġġixxi l-veri vokazzjonijiet. Min kien isegwi l-ġrajja jista' jagħti xhud kemm iż-żmien kien jagħti raġun lil Dun Ġorġ. Bosta bkew għax ma obdewx il-pariri tiegħu. Wieħed miż-żgħażagħ li semmejna reġa' mar isibu wara xi sentejn fil-Knisja ta' San Gejtanu u qallu: "Sinjur, donnok kont profeta, għax erġajt lura!"

Ħafna ċirkustanzi li jidhru ftit straordinarji juru li Dun Ġorġ kien ikollu bosta dawl minn Alla f'ċerti każi minħabba l-għaqda kbira tiegħu ma' Alla. Lil wieħed li mar iwasslu sal-bieb wara li Dun Ġorġ kien mar jara lil ħuh marid, qallu: "Ibni, inti għad issir reliġjuż." Dak qal f'qalbu: "Jekk Dun Ġorġ dejjem jaqtagħha, din id-darba żgur li lè!" Ftit ġimgħat wara ħabbat il-kunvent tad-Dumnikani u llum huwa saċerdot magħruf fl-Ordni ta' San Duminku.

"Dun Ġorġ, nidħol is-seminarju?" staqsieh żagħżugħ. "Iva, ibni, mur is-seminarju għax volontà t'Alla li tidħol hemm; iżda inti ma ssirx qassis." Dak, kollu miblugħ, qal lil sħabu tas-seminarju: "Ara x'qalli Dun Ġorġ: Jekk inhi volontà t'Alla li nidħol is-seminarju, kif ma nsirx qassis? Hemm għalhekk biss nidħlu." Sħabu, iżda, fehmu kliem Dun Ġorġ meta dak iż-żagħżugħ darba ħassu ħażin u miet kjeriku. Alla riedu biss seminarista.

Dun Ġorġ kien misterjuż ħafna fl-imġieba ma' l-erwieħ. Ma kellux ħafna priedki u lanqas ħafna studji li ma jispiċċaw qatt ta' psikoloġija u fatti bħal dawn. Kien jagħtik daqqa ta' għajn, jaqralek qalbek u jagħtik tweġiba li proprju tolqtok u li sserraħlek moħħok. Wieħed li kien inkwetat x'jaqbad jagħmel fil-ħajja kien ilu disat ijiem jagħmel novena lil Sant Antnin ta' Padova biex inebbħu x'kellu jagħmel. Kif kien jitlob għarkubbtejh quddiem l-istatwa ta' dal-qaddis, bla ma jaf kif, jilmaħ lil Dun Ġorġ għaddej fil-Knisja ta' San Gejtanu, il-Ħamrun, poġġa jdejh fuq spalltu u qallu "Manwel, qaltlek ommok, qis li tidħol il-Museum għax il-Bambin hemm iridek." Ommu kienet ilha mejta xi ftit taż-żmien. Dak il-bniedem ħadha minn Alla dik il-kelma li permezz tagħha wrih ċar u tond għalfejn kien riedu, qabad ir-rotta u dak in-nhar fil-għaxija baqa' sejjer il-Museum mingħajr ebda dubju li mhux dik kienet il-vokazzjoni tiegħu li Alla għarrafhielu permezz ta' Dun Ġorġ.

Kull okkażjoni li kien isib kien japprofitta ruħu, igħallem u jikkorieġi. Fost dawk li kienu jmorru għandu għall-pariri, darba, waħda mara marret għandu fil-għodu għal xi parir. Dun Ġorġ raha ġejja pulita u mdandna, u qalilha: "Binti, inti miżżewġa?" — "Le, jiena xebba, Għarusa ta' Ġesù Kristu." — "Iva?" qalilha, "tidher int! Għarusa ta' Ġesù Kristu...! Ġesù Kristu bix-xewk f'rasu u inti xagħarek kollu nokkli; Ġesu Kristu mċappas kollu bid-demm u msawwat f'wiċċu, u inti kollok irranġata biddeheb u bil-kuluri! Kif jista' jkun li Għarusa ta' Ġesù Kristu tippermetti dan? Għarusa tassoċja ruħha mal-Għarus." — "Iva, Sinjur," qaltlu, "imma jiena rrid inżomm il-kondizzjoni

tiegħi. Jiena bint Barunissa!" Weġibha Dun Ġorġ, "Ġesù Kristu żammha l-kundizzjoni tiegħu, avolja kien l-Iben t'Alla?" Dik ix-xebba ħarset lejn l-art; in-natura ma tridx wisq sabiex tifhem fejn hi s-sewwa; libset l-iswed, neħħiet id-dehbijiet, u minn dak in-nhar bdiet tassew tkun Għarusa ta' Ġesù Kristu.

Darb'oħra, waqt li kien qed iqarar fil-Knisja ta' San Gejtanu, wieħed raġel għadda bis-siġġu fil-għoli u laqat waħda mara li bid-devozzjoni kollha kienet qegħda tgħid ir-Rużarju. Il-mara ħadet tant għaliha u bdiet tgħajru kemm kien bla grazzja, li lanqas jara fejn jimxi, u ħwejjeġ oħra bħal dawn. Dun Ġorġ ħareġ mill-kunfissinarju, u "Ċett, xi ġralek?" staqsieha.

— Rajtu Sinjur? X'daqqa ta' siġġu lagħabli? Jgħaddi qiesu skantat..."

— Iva, u anki lilek smajtek x'erba' kelmiet għidtlu!... Isma' Ċett, int x'kont qed tagħmel meta qlajt id-daqqa?

— Kont qiegħda ngħid ir-Rużarju, Sinjur.

— Għidtha l-'Qaddisa'?

— Da żgur li għidtha!

— Ħa nara, għidha.

— Qaddisa, Marija Omm Alla, itlob għalina midinbin...

— Żomm, ieqaf hawn. X'għidt li int? Midinba? U min hu midneb x'ħaqqu? Mhux xi daqqa ta' siġġu fuq rasu?!..."

U Dun Ġorġ, bil-ħlewwa u bis-sempliċità, ġiebha f'sensiha. Hu kien iħobb igħid li l-insara għandhom ħafna inganni, jistqarru pubblikament li huma midinbin, imbagħad allaħares tħares lejhom; igħidu "Aħfrilna dnubietna bħalma naħfru", u mbagħad jivvendikaw ruħhom; jistqarru li huma dixxipli ta' Kristu, imbagħad jimitaw id-dinja u mhux lil Kristu.

## KONFESSUR

Il-missjoni ewlenija ta' Dun Ġorġ kienet dik li jgħallem lill-poplu, bl-eżempju, bil-kelma u bil-kitba. Madankollu kien imfittex ħafna wkoll għall-qrar u d-direzzjoni. Sigħat sħaħ kien jagħmel fil-konfessjonarju jisma' l-qrar ta' ħafna li kienu jiġu minn kull rokna ta' Malta. Il-mod li bih kien iqarar kif ukoll id-direzzjoni li kien jagħti fil-qrar huwa magħruf mill-bosta Maltin u Għawdxin li kellhom ix-xorti jqerru għandu. Fil-qrar kien jara d-dispożizzjoni tal-penitent u jekk kien jara li din kienet tkun nieqsa kien jagħmel rimarki biex din titnissel fih. Lil wieħed li jakkuża ruħu fuq dnubiet tal-mistħija, ġeneralment magħmulin fl-imwarrab, kien igħidlu: "Quddiem missierek jew bniedem ieħor ta' suġġizzjoni żgur li ma kontx tagħmel din id-diżordni! U quddiem Alla għamilt dak li għamilt! Urini l-fidi tiegħek mill-opri tiegħek!" Lil ieħor li ma riedx jaħfer lil sieħbu li kien naqsu, u li beda jinsisti li ma riedx jaqa' għalih, qallu: "Ma tridx taħfer, ma tridx taqa' għalih, hux? Mhux bħal Kristu li ħafer u li jaqa' għalina kull meta noffenduh billi jagħtina l-grazzja ta' l-indiema!" Bosta qlub iebsa huwa rattab bil-ħsieb tal-mewt u ta' l-inċertezza tal-futur.

## IFARRAĠ

Ħafna kienu jmorru għand Dun Ġorġ u kienu tassew joħorġu mfarrġin. Omm wieħed li kien marid ħafna bl-istonku tiegħu u ma seta' jżomm xejn, marret għand Dun Ġorġ u qaltlu bil-każ ta' binha. Dun Ġorġ irrakkomandalha illi fl-10 ta' fil-għodu tagħmillu platt smid b'werqa tar-rand ġo fih. Hekk għamlet. Tatu lil binha u żammu. Reġgħet għamlitlu ieħor fil-għaxija u żammu wkoll. U hekk baqa' sejjer sakemm beda jżomm kollox. U hekk kibret il-fiduċja tan-nies fih.

Każi bħal dawn nistgħu nsemmu ħafna, u mhux wieħed u tnejn għandhom stejjer x'jirrakkontaw, għalkemm mhux kollha jkunu denji temminhom. Għall-kuntrarju, lil oħrajn li kienu jmorru għandu għal xi parir dwar saħħithom kien jibgħathom lura u jgħidilhom: "Jiena m'inix tabib."

Waħda mara minn Ħaż-Żebbuġ kellha tewmin bniet fi żmien li Malta kien hawn epidemija kerha li qatlet ħafna trabi. Meta semgħet li firraħal tagħha kien hemm Dun Ġorġ, bagħtet iż-żewġ uliedha, li kellhom

madwar tliet xhur, fil-Museum tal-Bniet, biex Dun Ġorġ iberikhom. Dun Ġorġ berikhom bil-qalb, u qal lil dawk li ġibuhomlu: "Dawn ma jmutux, u għad ikunu reliġjużi." Illum waħda hi Superjura mas-Sorijiet Dumnikani, u l-oħra Superjura mas-Sorijiet Franġiskani.

Billi l-poplu malajr kien jimla rasu u kien jaħseb li Dun Ġorġ kellu l-ktieb tal-ħajja ta' kulħadd miftuħ quddiemu u li l-mirakli kienu qieshom ġo xi xkora u meta jrid joħroġ wieħed, kienu jmorru għandu u jistaqsuh domandi illi ftit fihom sens. Imma Dun Ġorġ kien dejjem iweġibhom bl-akbar sens komun. Lil waħda li marret għandu u riedet tkun taf minn għandu jekk it-tifel tagħha kienx se jgħaddi mill-eżami jew le, Dun Ġorġ weġibha xott xott: "Jekk studja jgħaddi, jekk ma studjax ma jgħaddix." Lil oħrajn kien jagħtihom tagħlima żgħira u malajr jiftħilhom quddiem għajnejhom l-iżball li jkunu fih. Waħda marret għandu u qaltlu: "Sur Dun Ġorġ, itlob għalija biex nitwal, għax ħadd ma jridni qasira!" Dun Ġorġ weġibha: "Binti, min ħalqek qasira? Mhux Alla, li jaf x'inhu l-aħjar għalina? Mela għax ma tkunx kuntenta bix-xorti tiegħek?"

## ŻMIEN IL-GWERRA

Fl-1939 faqqgħet il-Gwerra, u Dun Ġorġ mar igħix mas-Soċi Interni, Ħaż-Żebbuġ. Matul il-gwerra, minħabba l-perikoli ta' l-attakki mill-ajru, l-attività u l-ġiri minn qasam għall-ieħor ma baqax regulari bħal qabel. Madankollu, il-Laqgħa Ġenerali li kien jagħmel lis-soċji tiegħu kull nhar ta' Erbgħa ma riedx jaqtagħha għal kollox. Kien jorganizza darba fix-xahar, il-Ħadd, laqgħa ġenerali għas-soċji li setgħu jattendu fl-Istitut San Ġużepp, il-Ħamrun.

Għalkemm l-attività fl-Oqsma kellha tabilfors tonqos, imma Dun Ġorġ ma baqax fil-għażż. Hafna millħin tiegħu okkupah fil-kitba u nistgħu ngħidu li ħafna mill-kitba tiegħu li ġiet stampata hekk kif spiċċat il-Gwerra nkitbet f'dan iż-żmien qalil li minnu għaddiet Malta.

Dun Ġorġ qatt ma ħolom b'organizzazzjoni u bi twaqqif ta' soċjetajiet, iżda xtaq biss li jgħallem lil xi erba' ġuvintur. Iżda Alla kien ħaseb mod ieħor. Nhar it-28 ta' Ottubru 1942, Festa ta' Kristu Re, is-Soċjetà kollha kienet miġbura fil-Knisja ta' l-Istitut San Ġużepp, il-Ħamrun, biex tiltaqa' ma' Mons. Isqof Emm. Galea, Vigarju Ġenerali, fl-okkażjoni tat-tqassim tar-Regola li kienet għadha kif ġiet stampata l-ewwel darba. F'din iċ-ċirkustanza Dun Ġorġ kellu jagħmel kelmtejn u bħas-soltu tiegħu ħares ħarsa madwaru u mbagħad, biex donnu jumilja l-opra tiegħu, beda: "Patist il-Buttar kien sagristan..." Kulħadd infexx jidħak, ibda mill-Vigarju, u Dun Ġorġ malajr kiser is-serjetà li kien hemm f'dik il-laqgħa u daħal fi spirtu ta' familjarità l-aktar kbira, u kull min kien hemm ħass fih bħal mewġa ta' ferħ għaddejja minn fuqu, u f'demmu ċaqliqa ta' entużjażmu għax setgħu tassew f'dik il-laqgħa jaraw id-driegħ t'Alla fuq is-Soċjetà.

Wara li ntemm kollox, Dun Ġorġ daħal fis-sagristija u hemm iltaqa' ma' Ewġenju Borg, is-Superjur Ġenerali, l-ewwel wieħed li miegħu kien iltaqa' u ħareġ u għallem individwalment, għannqu miegħu u b'ton imqanqal qallu: *"Qatt kont tobsor, eh, Ġeġe' x'kien ried Alla minna?"*

Matul il-Gwerra Dun Ġorġ ra l-ftuħ ta' diversi oqsma. Billi ħafna soċji tal-Museum, minħabba l-gwerra, kellhom jevakwaw f'diversi postijiet ta' Malta, xi parroċċi li kienu għadhom mhux milħuqin mis-Soċjetà, issa li fihom kienu evakwati diversi soċji, setgħu jkollhom il-Museum tagħhom. F'Għawdex ukoll, fl-1941, ġie miftuħ l-ewwel qasam tas-Subien, dak tar-Rabat.

Kulħadd jiftakar il-kefrija tal-ġuħ li sofrejna fl-aħħar Gwerra. Wieħed Soċju, ammiratur kbir ta' Dun Ġorġ, offrielu li jagħtih xi ħobża jew tnejn fil-ġimgħa biex ikun jista' jtaffi ftit il-ġuħ. Għal din l-offerta, Dun Ġorġ wiegbu: "Ibni, jiena nirringrazzjak għall-offerta tiegħek. Imma tinsiex li l-gwerra bl-inkonvenjenzi kollha tagħha, bagħtha Alla b'kastig għall-poplu, u jien biċċa mill-poplu u għandi nsofri miegħu."







Fl-1946 Dun Ġorġ kellu l-ferħa li jara s-Soċjetà takkwista b'kiri lokal biex fih jibdew igħammru s-soċji li ma jkollhomx familja. Din kienet "Villa Violette", il-Marsa, li huwa taha l-isem ta' "Mons Domini".

Tliet snin wara (13 ta' Settembru 1949) Dun Ġorġ ħa sehem fiċ-ċerimonja tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Qasam ta' Ħal Tarxien. Kull preżenti osserva l-wiċċ hieni li deher f'Dun Ġorġ dak in-nhar. Waqt diskors ta' l-okkażjoni huwa fakkar lill-preżenti li dak il-post kien qiegħed jinbena "sabiex id-dnub jiġi meqrud, u sabiex id-dnub ma jsirx," għax dan kien il-ħsieb li dejjem kien itambar f'moħħ Dun Ġorġ, il-glorja t'Alla u l-ġid ta' l-erwieħ permezz tal-qerda tad-dnub.

Dun Ġorġ kien igħid li jixtieq li soċji tiegħu kienu kollha 'teachers' u għalhekk ma jistax ikun li ma feraħx u ma approvax l-idea ta' xi soċji qalbiena li xtaqu jibdew skola li fiha t-tfal setgħu jiġu nfluwenzati mill-ispirtu tas-Soċjetà. L-iskola bdiet wara ħafna qtiegħ il-qalb, kif jiġri dejjem f'kull opra t'Alla, u wara xi snin li kienet ilha taħdem fid-dar "Mons Domini" l-Marsa, b'sagrifiċċju kbir tannies li kienu jgħallmu fiha, dejjem immexxija 'l quddiem u mgħejjuna bid-direzzjoni u l-pariri siewja tal-Fundatur Dun Ġorġ, l-iskola kisbet biċċa art kbira ħafna n-naħa ta' Fleur de Lys, biex fiha jitla' l-post modern u adattat għaż-żmenijiet tal-lum.

Fid-19 ta' Mejju 1951, Dun Ġorġ resaq kollu entużjażmu biex iqiegħed l-ewwel ġebla. Fil-kwiet u l-ħemda ta' dik il-kampanja kbira Dun Ġorġ talab u bierek u kiteb "Ġesù, Ġużeppi, Marija" fuq dik l-ewwel ġebla, u l-iskola bdiet tiela' u Dun Ġorġ qatt ma abbandunaha. Kien imur sikwit u meta ma kienx jiflaħ imur kien jieħu interess u jsaqsi fuqha għax, skond l-espressjoni tiegħu, "St. Michael's School", kif inhi magħrufa din l-iskola, "kienet il-għaxqa ta' qalbu." Rari kien joħroġ Dun Ġorġ biex iqaddes barra fil-pubbliku, imma qatt ma kien mitlub li jqaddes fl-iskola u rrifjuta.

**Dun Ġorġ jikteb, ibierek u jkaħħal l-ewwel ġebla ta' l-iskola St. Michael.**

## HABB IL-FAQAR

L-għana u l-ġid ta' dina l-art qatt ma għamlu bih. Biżżejjed kont tidħol sad-dar jew fil-kamra tiegħu biex tinduna li Dun Ġorġ kien igħix f'faqar l-aktar kbir. Minn kulma jiddobba kien iżomm biss in-neċessarju biex igħix, il-bqija jqassam kollox, b'mod speċjali kien jagħti lill-Mużewijiet tal-Bniet, li xi wħud minnhom ma kienx ikollhom biex iħallsu l-kera, jew inkella, meta kien ifaddal xi ħaġa, kien jitfagħha ġo bott u malli jġemma' ftit xelini jew xi ftit liri, erħilu jmur għand l-istampatur biex jistampalu xi erba' paġni biex ikun jista' jqassamhom lis-soċji fl-ewwel laqgħa li jagħmlilhom.

Il-kamra tiegħu, li fiha għadda l-biċċa l-kbira ta' ħajtu, kienet kamra żgħira ħafna.

Kien fiha sodda b'saqqu kollu ħotob, mejda naqra kbira bi ftit kotba fuqha, għax lanqas librerija tiegħu ma kellu, u gradenza bix-xbieha tat-Trinità Mqaddsa maħduma bit-tafal, u xi erba' nkwatri tal-qaddisin preferiti tiegħu mdendlin mal-ħajt. Il-kamra kien fiha tieqa waħda li quddiemha kien hemm ħajt iswed u għoli. L-art kienet ħarxa u t-tibjid qadim. Hawn Dun Ġorġ qatta' l-bi..a l-kbira ta' ħajtu jitlob, jikteb u jqarar. Lanqs elettriku ma kellu fid-dar u li kieku s-Soċjeta' ma bagħtitx soċju biex jagħmillu d-dawl kieku forsi lanqas qatt ma kien iħabbel rasu biex ikollu l-elettriku.

## "MONSINJUR"

Dun Ġorġ qatt ma ħabbhom l-unuri. L-għaxqa tiegħu meta jkun minsi u disprezzat.

Iżda l-Knisja, li kellha ammirazzjoni kbira lejn dan is-Saċerdot xwejjaħ li għadda ħajtu jaħdem għall-ġid ta' Malta, xtaqet kieku bħal turih is-sentimenti tagħha ta' vera omm twajba ta' mħabba u rikonoxxenza. Kien it-Tnejn, 20 ta' Ottubru 1952, meta Dun Ġorġ irċieva telefonata minn għand Monsinjur Arċisqof biex imur jarah il-Kurja. Billi Dun Ġorġ qatt ma ħaseb f'unuri lanqas biss waqgħet f'moħħu għalfejn kien bagħat għalih l-Arċisqof. Hu stess igħid "malli rċevejt dak il-messaġġ bdejt ngħarbel il-kuxjenza biex nara nqastx f'xi ħaġa, jew inkella, bdejt naħseb, forsi xi soċju minn tal-Museum għamel xi nuqqas." Kera lightcar malajr, qaxxar il-leħja, u telaq lejn il-Kurja. X'ħin daħal il-Palazz, l-Arċisqof laqgħu bit-tjubija kollha u qallu: "Dun Ġorġ, meta konna s-Seminarju dejjem niftakrek delettant tal-Latin. Ara x'għandi hawn", waqt li urih parċmina. Kien fiha n-nomina tiegħu bħala Kamrier Sigriet tal-Qdusija Tiegħu bit-titlu ta' Monsinjur. X'ħin Dun Ġorġ beda jara ismu miktub b'ittri kbar bit-titlu ta' Monsinjur quddiem tgħidx kif ikkonfonda! Qal lill-Arċisqof: "Eċċellenza, neħħejtli l-felicità li kelli." Inzerta dak il-ħin kien hemm Monsinjur Isqof Galea, Vigarju Ġenerali, dar fuqu u qallu: "Eċċellenza, ara kif sewwidli qalbi l-Arċisqof!" Il-Vigarju, b'nofs daħka, qallu: "Dun Ġorġ, mhux sewwidlek qalbek, imma ħammarhielek, għax issa tista' tilbes ta' Monsinjur!" u t-tlieta nfexxew jidħku.

Dun Ġorġ telaq lejn id-dar u ħalla warajh fuq il-mejda l-parċmina bit-titlu ta' Monsinjur. X'ħin reġa' lura lejn id-dar, ħutu kienu jistennewh, u malli daħal staqsewh: "X'inqala', Ġorġ?" u huwa qallhom: "Ilħaqt Monsinjur!..." U kollha nfexxew jidħku għal din il-bxara għax qatt ma setgħu jimmaġinaw lil Dun Ġorġ b'dak iż-żarbun daqshiex, bis-suttana qadima, u bil-kappell imqaxxar mill-pil, jieħu t-titlu ta' Monsinjur. B'hekk intemmet ix-xewqa ta' ħuh Bertu li biċ-ċajt, spiss kien igħidlu: "Ġorġ, sħabek kollha laħqu xi ħaġa, min Kappillan, min Monsinjur, u inti qatt ma tilħaq xejn? Mank Sagristan Maġġur qatt ma għamluk!"

Dun Ġorġ kien jaf u jħobb jiċċajta u darba minnhom wara l-Laqgħa tas-soċji ġie jkellem lill-membri tiegħu wieħed qassis missjunarju fl-Indja. Fost id-diskors qallhom: "Kif qalilkom Dun Ġorġ..." Fil-ħin Dun Ġorġ kien maġenbu, tah daqqa ta' għajn u mifqugħ bid-daħk qallu: "Isma', jekk jogħġbok, jiena Monsinjur!" Is-soċji kollha nfexxew f'daħka bla

qies u Dun Ġorġ u l-qassis bdew jitgħannqu bħat-tfal.

Meta kien jiġi bi spirtu ferrieħi ħadd ma kien iżommu u ma kienx ikun hemm wieħed li ma jidħakx. Erħilu meta xi wieħed mis-soċji tiegħu jagħti xi tweġiba tajba għal xi mistoqsija li jkun għamillu, jistaqsih: "Ruħi, x'jisimha ommok?" U dak bittjubija kollha jgħidlu: "Mananni, Sinjur." Iħares lejh u jgħidlu, "Ta' Mananni, mille prosit", u mbagħad iġiegħel lis-soċji kollha b'vuċi waħda jirripetu: "Ta' Mananni, mille prosit." Meta mbagħad kien jara lil xi ħadd jidħak, jaħtfu u jgħidlu, "Int għaliex qed tidħak bih lil dan? Stajt kont int..." Wara kien idur fuq ta' Mananni u jistaqsih: "Inti taħfirlu 'l dan talli qed jidħak bik, hux veru?" "Iva, Sinjur." "Xi trid taħfirlu?", kien iwieġbu Dun Ġorġ, "dak qed jidħak għax qed jiggustak!"

Mhux darba u tnejn kien idaħħal lis-soċji f'dilemma. Lil wieħed staqsieh: "Ġann, issa ngħidulek prosit?" Ġanni kien jaf li jekk igħidlu 'iva', Dun Ġorġ igħidlu "Supperv!" U jekk iwieġbu 'le', igħidlu: "Umiltà falza!" Ġanni allura ħares lejn Dun Ġorġ u qallu: "Agħmel kif jogħġbok, Sinjur". Dun Ġorġ infexx jidħak għax kien ra li Ġanni ntebaħ li Dun Ġorġ ried iqiegħdu fil-prova u hu rnexxielu jiżloq minnha.

Xi wħud ma setgħux iqabblu lil Dun Ġorġ tal-priedki ma' Dun Ġorġ tal-pariri, lil Dun Ġorġ tal-pulptu ma' Dun Ġorġ tal-Konfessjonarju. Kien jippriedka mod u jmexxi ieħor. Kien ibeżża' ħafna fil-priedki iżda jferraħ aktar bil-pariri. Ħafna nies kienu jmorru għandu wara li jkunu semgħuh jitkellem, forsi xi ftit imbeżżgħin, iżda hu, b'deċiżjoni qasira u li ma tħallilek l-ebda dubju, kien jaqbad lil dik il-persuna, jew iqararha, inkella jagħtiha parir u jibgħatha d-dar ferħana.

Dun Ġorġ kien ibeżża' għax hu kien igħid li min jibża' joqgħod attent u min joqgħod attent ma jiżbaljax. L-iskop ta' Dun Ġorġ kien dejjem wieħed, li jara n-nies jibżgħu minn Alla u jirritornaw għall-ħajja tajba, u l-priedki u l-kitba tiegħu kienu dejjem iwasslu għal dan l-iskop. Dun Ġorġ kien jemmen illi meta l-bniedem jeħodha kntra Alla, Alla jikkastigah, u ma kien jitlef ebda okkażjoni li meta jkun hemm xi ġrajja ta' kastigi, bħal gwerer, mard, ġuħ, terremoti, kien joħroġ fil-beraħ u jvenven bil-qawwa kollha ma' kullimkien l-għajta bħal ta' l-Anġlu ta' l-Apokalissi: "Ibżgħu mis-Sinjur u agħtuh l-unur, għaliex waslet is-siegħa tal-ġudizzju Tiegħu."

Dun Ġorġ kien iħoss ħafna l-kruha tad-dnub u għalhekk kien jagħti piż ir-rivelazzjonijiet illi fihom kien ikun hemm xi theddid ta' kastig għall-poplu li ma jkunx qiegħed jogħġob 'l Alla.

**IS-SOĊJETA' TINFIREX**

Is-Soċjetà ta' Dun Ġorġ ġralha bħaż-żerriegħa żgħira li nibtet, kibret u xterdet, imma aktarx ħadd ma kien jobsor li din ix-xitla kellha tifrex il-friegħi tagħha anki barra mill-Gżira, sa ġewwa l-Awstralja. Imma min kien se jinqala' minn Malta u jitlaq il-post tax-xogħol li kellu, jinfired mis-Soċjetà li fiha kien trabba sa minn ċkunitu, biex jitlaq f'pajjiż ma jafux u hemmhekk jara jkunx jista', f'diffikultajiet li forsi lanqas kien joħlom bihom, biex hemm idaħħal l-ispirtu ta' Dun Ġorġ? Kien hemm ħafna li tħajjru, imma ħadd ma seta' jasal li jieħu d-deċiżjoni. Kellu jkun Dun Ġorġ innifsu, li, bħal Kristu ieħor, bagħthom fil-bogħod.

Fl-1952, f'waħda mil-laqgħat ta' nhar ta' Erbgħa għamel avviż li kull min kellu ħajra li jmur l-Awstralja biex jiftaħ il-Museum hemmhekk, il-Ħadd ta' wara jiltaqa' miegħu fil-Knisja ta' Sarrija. Dun Ġorġ kellimhom. X'ħin għadda minn quddiemhom tahom ħarsa li biha qralhom qalbhom. Imbagħad b'sebgħu beda jagħżel wieħed minn ieħor, u, "wieħed, tnejn, tlieta, erbgħa, ħamsa...", b'deċiżjoni li ma kienet tħalli ebda dubju li ġejja minn Alla, "...intom aħsbu ħalli tmorru l-Awstralja!"

Ftit ġimgħat wara Dun Ġorġ għamlilhom laqgħa biex fiha jagħtihom l-addio. Berkilhom is-Salib, għażel wieħed minnhom Superjur, u bagħathom f'isem il-Mulej biex jaħdmu fl-għalqa ġdida li l-Provvidenza kienet kixfet quddiemhom.

Ġo Melbourne, l-Awstralja, diġà kienet inbdiet il-ħidma tas-Soċjetà. Fis-27 ta' Ġunju 1952, kien wasal ħemm is-Soċju Ġużi Abela, illum qassis u delegat tas-Superjur Ġenerali fl-Awstralja, b'mandat iffirmat minn Dun Ġorġ, mill-Monsinjur Carm. Bonnici u mis-Superjur Ġenerali, biex jagħti bidu għall-ħidma Musewmina. Qabel ma telaq minn Malta dan is-Soċju kellem lil Dun Ġorġ meta dan kien fil-Museum tal-Imsida. U Dun Ġorġ bierku u x'ħin taptaplu fuq spalltu qallu: "Mur l-Awstralja ibni, u għallimhom lin-nies, għax in-nies jagħmlu d-dnubiet għax m'għandhomx tagħlim."

Ma setax ma jkollhomx bidu diffiċli, imma għal dawk li f'widnejhom kienu jħossu tvenven is-sejħa ta' Kristu permezz ta' Dun Ġorġ, ma kienx jagħmel bihom il-biża' jew it-tfixkil. Ħabbtu wiċċhom mad-diffikultajiet li sabu quddiemhom, issagrifikaw ħinhom, buthom, saħħithom, saħansitra anki l-impjegi tagħhom għoljin, u bl-għajta *"Mgħallem, o li kieku d-dinja kollha timxi wara l-Vanġelu tiegħek"* għadhom sal-lum jikbru u jixterdu ma' dan il-kontinent kbir u llum ilaħħqu aktar minn ħamsin soċju 'l fuq minn 18-il sena, u għandhom magħhom ruxxmata tfal Maltin, Taljani, Pollakki, Awstraljani, imxerrdin fi tmien Mużewijiet ġewwa Melbourne, Sydney, Adelaide u Hobart fit-Tażmanja.

Kien jaf bih dan il-progress Dun Ġorġ u fl-ittri li s-Superjuri kienu jiktbu lil Dun Ġużepp Abela dejjem kienu jgħidulu kemm kien ferħan bihom. Kitiblu s-Superjur C. Cozzo, l-aħħar Assistent Superjur Ġenerali, Alla jaħfirlu, "Lilkom ta' l-Awstralja (speċjalment lilek), iħobbkom wisq, dejjem jibagħtilkom il-barka qaddisa u saċerdotali tiegħu."

Ftit qabel ma miet Dun Ġorġ xeħet għajnejh fuq l-Amerika Latina għaliex ix-xewqa tal-Papiet kellha seħer kbir fuq qalb Dun Ġorġ. L-ittri li kien jirċievi minn għand seminaristi li qabel kienu membri tal-Museum kienu jkomplu jħeġġuh biex jersaq lejn id-deċiżjoni tiegħu u jibgħat soċji lejn din l-art kattolika iżda niexfa mill-ispirtu Nisrani. Iżda l-mewt laħqet ħakmitu u fuq is-sodda tal-mewt tiegħu, xħin mar jarah wieħed mis-saċerdoti wliedu li kien tant għal qalbu, Dun Ġorġ Zammit, li kien iddeċieda li jitlaq lejn dan il-pajjiż, Dun Ġorġ bierku b'idejh it-tnejn u qallu: "Ġorġinu, ħu miegħek tnax-il soċju biex jiftħu Museum il-Brażil:" Bħallikieku ried igħidlu, "Ix-xogħol li ma ħallitnix nagħmel il-mewt, qis li tagħmlu int, għax il-Mulej lilek għażlek biex miegħi timbotta l-karretta taż-żibel meta deherli fi Croce Marsa". U mhumiex ftit is-soċji li qegħdin imorru fuq il-qabar ta' Dun Ġorġ biex jitolbuh igħinhom fid-deċiżjoni tagħhom u ma jdumux ma jingħaqdu mas-saċerdoti tas-Soċjetà li qegħdin jaħdmu f'dan il-pajjiż iħejjulhom l-art, biex imorru fl-għalqa tas-Sinjur.

Is-Superjur Camillo Cozzo flimkien ma' Dun Ġorġ u s-Superjur Ġenerali — Blata l-Bajda, 23-2-58.





Nhar Santa Marija 1954, Dun Ġorġ bierek l-art li kienet ċimiterju, il-Blata l-Bajda, fejn kellha titla' d-Dar Ċentrali.

## DAR ĊENTRALI

Nhar Santa Marija tas-Sena Marjana, Dun Ġorġ bierek l-art li s-Soċjetà kienet akkwistat biex fuqha tinbena d-Dar Ċentrali. Kienet ilha tinħass il-ħtieġa li s-Soċjetà Musewmina jkollha l-Qasam Ċentrali tagħha, li minnu tiġi ko-ordinata l-attività kollha tas-Soċjetà. Il-post providenzjali kellu jkun fejn qabel kien hemm iċ-Ċimiterju tal-Blata l-Bajda, fejn ħafna snin qabel Dun Ġorġ spiss kien jieqaf jagħmel talba għal dawk li kienu midfunin hemm, u aktarx li t-talb ta' l-erwieħ suffragati minn Dun Ġorġ qalgħu lis-Soċjeta' dan il-post ċentrali, f'waħda mill-arterji prinċipali tat-traffiku ta' Malta, wara ħafna diffikultajiet li kienu jidhru impossibbli li jitwarrbu. Fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-Qasam Ċentrali Dun Ġorġ wera x-xewqa tiegħu lis-soċji li kull darba li jidħlu f'dak il-lokal jagħmlu l-Offerta tal-Pjagi għas-suffraġju ta' l-erwieħ.



## L-EWWEL ĠEBLA TAD-DAR ĊENTRALI

L-ewwel ġebla tad-Dar Ċentrali tqiegħdet minn Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi, fit-2 ta' Ottubru 1954, u, għall-okkażjoni, kien preżenti Dun Ġorġ. Il-Parrinijiet kienu l-Mons. Enrico Bonnici, l-ewwel Assistent Ekklesjastiku tas-Soċjeta' u l-Onor. Louis Galea Q.C.

Wara li ntemmet iċ-ċerimonja kollha u kulħadd beda jitferrex, Dun Ġorġ qabad il-microphone u, kif soltu kien itenni f'kull Laqgħa Ġenerali tas-soċji, talab il-barka ta' Alla tinżel fuq il-preżenti kollha: **"Ut Deus infundat super nos rorem suae gratiae. Amen."**

F'Ġunju 1956, parti mill-bini tlesta u fiha Dun Ġorġ kien jista' jibda jagħmel il-Laqgħat Ġenerali lis-soċji wliedu. Fis-17 ta' l-istess xahar huwa nnifsu bierek dik il-parti lesta u qal li dak il-lokal kien "forġa fejn jinqered id-dnub".







## ISTITUT "SAGRA FAMILJA"
## ŻABBAR

Fl-4 ta' Settembru, 1955, Dun Ġorġ bierek u qiegħed l-ewwel ġebla ta' l-Istitut Sagra Familja, Żabbar, li nbena bit-tħabrik tal-Kappillan, il-W. Rev. Dun Ġużepp Zarb, u li fih kellhom imorru s-Soċji Interni tal-Museum biex igħallmu s-snajja lit-tfal. Meta, ftit qabel ma nxteħet fis-sodda li minnha ma qamx aktar, Dun Ġorġ mar jara l-bini li tlesta f'dan l-Istitut li tant kien għal qalbu, baqa' meraviljat bil-progress li kien sar fih.

B'għajnejh merfugħin lejn is-sema u b'idu 'l fuq, imdawwar b'dak il-grupp żgħir ta' Soċji Interni huwa beda jitlob b'vuċi ċara u mħeġġa: "*Santissima Trinità, jiena Saċerdot ta' Kristu fil-Knisja tiegħek, inbierek dan l-Istitut b'kull ma fih, speċjalment lill-operarji preżenti u lil dawk li għad iridu jiġu, flimkien mat-tfal li għad jgħammru f'dan l-Istitut, lil dawk li ħadmu u li għad jaħdmu fih u lil dawk li b'xi mod jew ieħor igħinu din l-opra qaddisa.*" Ftit sekondi ta' ġabra u kompla: "*Soli Deo honor et gloria in saecula saeculorum. Amen*". Wara, mal-preżenti, qal tlett darbiet il-*Gloria Patri* u ħareġ mill-Istitut iħares lejn il-portiku u jfaħħar din l-opra t'Alla. Qabel ma rikeb il-karozza biex jitlaq, dar fuq il-preżenti u qallhom: "*Dan l-Istitut għad jiffjorixxi.*"

---

**Megħjun mill-Kappillan D. Ġużepp Zarb, Dun Ġorġ ibierek u jagħlaq parċmina fl-ewwel ġebla ta' l-Istitut Sagra Familja, Żabbar.**



Dun Ġorġ għarkubtejh flimkien mas-soċi tiegħu li mlew San Ġwann fl-okkażjoni ta' ringrazzjament 'l Alla f'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tas-Soċjeta'.
1907 — 1957



## EGHLUQ IL-HAMSIN SENA

Iż-żgħażagħ li ta' kull sena kienu jingħaqdu fis-Soċjeta' kienu dejjem jiżdiedu u s-snin kienu għaddejjin minn fuq din l-Għaqda u magħhom iħallu esperjenza li swiet biex l-Għaqda aktar tieqaf fuq saqajha.

Fl-1957 is-Soċjetà għalqet ħamsin sena mit-twaqqif tagħha. Biex tfakkar din il-ġrajja, is-Soċjetà ħasbet li tagħmel festi ġubilari. Li kien għalih Dun Ġorġ ma ried isir xejn, "biżżejjed Te Deum ta' ringrazzjament" kien qal.

Il-festi ġubilari saru l-Ġimgħa, s-Sibt u l-Ħadd, 16, 17 u 18 ta' Awissu. Is-Sibt, wara Quddiesa mill-Mons. Carmelo Bonnici, Dun Ġorġ organizza laqgħa straordinarja għas-soċji kollha, fil-Qasam Ċentrali, fl-10.30 a.m. F'din il-Laqgħa kellem lis-Soċji tiegħu fuq Alla, u dan għamlu billi, kif ġie li għamel drabi oħra, qajjem xi soċji, li wara xulxin bdew jaqraw kollokwi l-aktar sbieħ fuq Alla, miktubin minnu.

Dawn il-festi laħqu l-aqwa tagħhom il-Ħadd 18 ta' Awissu meta s-Soċjeta' kollha, maskili u femminili, inġabret bi ħġarha ġewwa San Ġwann għall-Pontifikal sollenni, ċelebrat minn Monsinjur Arċisqof. L-Arċisqof, fid-diskors tiegħu, feraħ u ta ħajr lis-Soċjeta' għall-għajnuna fit-tagħlim reliġjuż li tat u li qiegħda tagħti lill-gżejjer tagħna. Dawn il-festi tal-ġublew waslu fit-tmiem tagħhom il-Ħadd wara nofs in-nhar, fil-Knisja l-kbira ta' Raħal Ġdid. Hemmhekk fil-preżenza ta' Mons. Carmelo Bonnici, li ppresjieda l-laqgħa, u ta' bosta saċerdoti u sorijiet ex-membri Musewmini wara l-kelma ta' merħba mill-Kappillan tal-Parroċċa, tkellem is-Superjur Ġenerali u warajh il-Fundatur, li ħa bħala suġġett, "Is-Soċjetà, Opra t'Alla", u fakkar il-ġrajjiet ewlenin tas-Soċjetà u kemm il-membri kellhom raġun jiżżuħajr 'l Alla għall-grazzji li ta lil kull wieħed u kull waħda minnhom.

Din il-laqgħa grandjuża ngħalqet b'kelmtejn kollha ħeġġa ta' Mons. Bonnici.



**Mons. Arċisqof ikellem il-ġemgħa ta' soċi u mistednin wara ċ-ċerimonja tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Kappella tal-Midalja Mirakoluża — Blata l-Bajda — 23-ii-58.**

## IL-KAPPELLA TAL-MIDALJA MIRAKOLUŻA

Ftit aktar minn tliet snin wara t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tad-Dar Ċentrali, Dun Ġorġ assista għat-tberik u t-tqiegħid tal-ġebla angulari tal-Kappella ta' l-istess Dar Ċentrali, u li kellha sservi wkoll għan-nies li jabitaw fl-inħawi tal-Blata l-Bajda. Din tqiegħdet il-Ħadd, 23 ta' Frar, 1958. Iċ-ċerimonja mexxiha Mons. Arċisqof Gonzi. Kienu preżenti s-Soċji subien kollha, flimkien ma' rappreżentanza tas-Sezzjoni femminili, u ta' għaqdiet oħra.

It-titular ta' din il-Kappella huwa dak tal-Midalja Mirakoluża, li lejha l-Fundatur kellu tant devozzjoni u li ħabrek kemm felaħ biex f'Malta u f'Għawdex, kieku jista' jkun, ma jkunx hawn wieħed li ma jġibhiex imdendla ma' għonqu.

Dun Ġorġ ma kellux ix-xorti li jara mitmuma din il-Kappella, għalkemm sakemm kien għadu jattendi l-Laqgħat Ġenerali tas-Soċji kien hemm il-parti kbira tagħha diġà lesta.

Ftit qabel ma miet, wara waħda mil-Laqgħat ta' nhar ta' Erbgħa li kien jagħmel lis-soċji tiegħu, Dun Ġorġ niżel fis-sotterran tad-Dar Ċentrali biex ibierek l-istatwa tal-ġibs li kienet se sservi ta' mudell biex fuqha tinħadem dik li llum hemm indurata fid-deheb fuq il-koppla ta' din il-Knisja.

Kif Dun Ġorġ sab ruħu quddiem din l-istatwa kbira ta' Kristu, wiċċu bħal ivvampa u l-imħabba li kellu f'qalbu lejn il-Feddej ma setax jaħbiha, infexx jibki hu u jħares lejn il-wiċċ maestuż ta' l-istatwa fil-waqt li berikha fil-preżenza ta' ħafna soċji.

Il-ġisem tiegħu jinsab jistrieħ preċiż taħt l-altar ta' din il-Kappella fil-Kripta mibnija taħt l-istess Kappella.

## HIDMA BLA MISTRIEH

Is-snin kienu għaddejjin ġmielhom, u Dun Ġorġ, avolja ta' età kbira, baqa' mill-aħjar li seta' jkompli l-missjoni tiegħu, igħallem bil-kelma, bil-kitba u fuq kollox bl-eżempju. Il-ġiri tiegħu minn qasam għalieħor ma setax jibqa' bħal qabel, madankollu, meta kien ikun jiflaħ, kien imur issa f'dak il-qasam u issa fl-ieħor ikompli t-triq li kien beda. Fis-Sajdiet Museumini ma kienx ifalli waħda; ġie li kien għajjien ħafna, imma kien jagħmel sforz u jmur u jtambar dejjem fuq l-istess ħaġa: *"Uliedi, tagħmlux id-dnub, u Alla jkun favur tagħkom... Id-dnub iġib saħta fuq min jagħmlu u jiġbed il-qilla tal-ġustizzja t'Alla..."* In-nies kienet tistenniha l-priedka tiegħu fis-Sajdiet. Meta kienet tiġri l-aħbar li kien ġej Dun Ġorġ jippriedka, erħilhom jimlew il-postijiet minn kmieni, u avolja jiżdiedu l-bankijiet u s-siġġijiet, il-folol kienu tant jikbru li kont tara ħafna nies bil-wieqfa jew bil-qiegħda fuq bankina.

Il-laqgħat ta' nhar t'Erbgħa lis-soċji tiegħu ma kienx ifalli waħda jekk mhux verament minħabba bżonn kbir. Kien jiġi, dan l-aħħar, imkaxkar, jidher għajjien mejjet, mistrieħ fuq spallejn xi soċju jew tnejn, u jagħmel il-lezzjoni tiegħu tas-soltu. Kien igħid li hemm kien jieħu saħħtu, u hekk kien ikun jidher, għax ma kienx jinżel minn fuq il-mejda qabel siegħa. Madankollu dawk il-priedki tiegħu kienu jkidduh, għax wara, bil-lejl, ma kienx jagħlaq għajn ma' għajn.

Xi sena qabel ma miet, Dun Ġorġ kellu jħalli d-dar ta' quddiem il-Knisja ta' San Gejtanu, li fiha għadda l-biċċa l-kbira ta' ħajtu, u mar joqgħod f'post ġdid fil-parroċċa ta' Santa Venera. Kien post arjuż ħafna, u jiġbdek, fejn Dun Ġorġ kien għal qalbu u kien jidher li qed jieħu r-ruħ. F'din id-dar, imbiegħda mill-istorbju tat-traffiku, Dun Ġorġ kien qisu f'irtir twil igħaddi l-aħħar xhur ta' ħajtu f'għaqda intima ma' Alla.

Il-vokazzjoni ta' Dun Ġorġ kienet b'mod speċjali li jgħallem. Qatt ma waqaf mit-tagħlim, lanqas meta kien ikun marid ħafna, ħlief meta kellu l-ubbidjenza tat-tabib jew tal-konfessur. Meta kien jibda l-lezzjoni ma kienx ikollu aptit jispiċċa u ma kienx ikun irid jispiċċa mhux biex juri kemm kien jaf, lanqas għax kien igħid xi ħaġa speċjali imma għax kien jisker jitkellem fuq Alla. Kien iħobb igħid: *"Għallmu, għallmu, għallmu, xi ħaġa dejjem tibqa'."* Wara li kien ikun ilu jgħallem siegħa, kien iħares lejn l-arloġġ u *"Dis-siegħa ta' bejnietna ttir... M'għandniex żmien bizżejjed biex nitkellmu fuq Alla."*

Bosta drabi kien jiskorri l-ħin u malli jara lil xi ħadd jiċċaqlaq biex joħroġ kien jaħtfu, jew inkella kien jagħti l-avviż li min kien sarlu l-ħin jitlaq, ħalli huwa jkompli jgħallem. It-tagħlim kien l-unika għaxqa tiegħu, kien ir-rikreazzjoni tiegħu, u kien jinsa li quddiemu kien ikollu sala żgħażagħ li għadhom ġejjin minn ġurnata xogħol u li xi wħud minnhom lanqas biss għad ma marru d-dar biex jitrejqu. Meta darba qalulu li jkunu għajjenin Dun Ġorġ wieġeb li min iħobb ma jixba' qatt jisma' u jagħmilha ma' dak li jħobb.

Alla u Ġesù kienu kollox għalih. Tneħħi 'l Alla mill-ħajja ta' Dun Ġorġ ma jibqax ħlief l-akbar traġedja. Lil Alla, Dun Ġorġ sabu bil-mezzi li tana Hu stess, permezz ta' Ibnu Ġesù Kristu li warajh kien mitluf, li fuqu kiteb, li lilu għallem u li skond l-espressjoni tiegħu "għandu jkun l-uniku oġġett tal-qalb tagħna". Biżżejjed insemmu s-**Sakrarju ta' l-Ispirtu ta' Kristu** li fih, b'għaqal u b'sengħa ta' bniedem li pprattika dak li kiteb u b'ħeffa li jista' jifhimha anki l-bniedem tat-triq, imexxi lill-bniedem pass pass biex jagħraf u jħobb u jimita lil Kristu. Ma setax Dun Ġorġ jikteb dak li kiteb li kieku fih ma kienx hemm l-ispirtu ta' Kristu fi grad l-iżjed għoli. Dun Ġorġ dejjem fittex li moħħu jkun bħal moħħ Kristu biex jaħseb bħal Kristu, li qalbu tkun bħal qalb Kristu biex iħobb bħal Kristu, li lsienu jkun bħal ilsien Kristu biex igħallem bħal Kristu. Dun Ġorġ kien mimli bi Kristu tant hu veru li kull min kien jersaq lejh kien ikollu jistqarr li reġa' lura xi ftit aktar qrib lejn Kristu milli kien qabel. U l-aħħar kotba tiegħu ma ke-

nux ħaġ'oħra ħlief sfog ta' l-akbar xewqa li kellu f'ħajtu li jagħmel wirja kbira bil-kitba u bil-kelma fuq Alla u l-attributi Tiegħu u fuq Ġesù Kristu li Huwa bagħat fid-dinja. Fl-aħħar lezzjonijiet tiegħu kull min kien jarah kien jinduna li Dun Ġorġ kien wasal biex imur fejn Alla l-Imbierek għax xejn ma kien jippriedka ħlief dejjem l-istess ħaġa: l-għaqda tal-bniedem ma' Alla. Malli kien isemmi l-isem ta' Alla jew ta' Ġesù Kristu wiċċu kien donnu jixgħel u jivvampa.

Meta kien jirripeti, il-lezzjonijiet tiegħu qatt ma kienu jeqdiemu. Iżda kliemu kien kultant bħan-nar iħeġġeġ jew bħall-ilma jagħtik il-ħajja, bħassajjetti jbeżżgħek jew bħall-balzmu jfarrġek. Qatt ma kien jixba' jirrakkonta l-istorja ta' Sander u l-Gabinetti li kien jivvinta u n-nies qatt ma kienu jixbgħu jisimgħuh għax fi kliemu kien hemm il-ħajja. Ma kienx hemm kliem studjat u pożi artifiċjali iżda espressjonijiet ħerġin minn persważjoni fuq ħwejjeġ tal-fidi li kien igħixhom qabel ma jippriedkahom. Tant kien ipinġih ċar u tant kien iġiegħlek tħoss il-figura ħelwa ta' Kristu li wara xi priedka tiegħu kont toħroġ mis-sala deċiż li tibda timita lil Kristu.

Meta kien jippriedka kien igħid li kien jieħu r-ruħ. Mhux l-ewwel darba li kien ikun qiesu mejjet id-dar, ħadd ma kien jobsor li dik il-għaxija jqum u malli kien isir il-ħin għal-laqgħa tas-soċji tiegħu tal-Museum, erħilu jqum, jilbes, ifittex il-kappell u joħroġ biex igħallem. Ġie li reġa' lura d-dar għajjien mejjet, imma dik il-laqgħa ġenerali kull nhar ta' Erbgħa lis-soċji tiegħu ma kien jitlifha qatt. Darba, waqt li kien qed jagħmel priedka fi Knisja, wara siegħa mar xi ħadd fuqu u biex iwaqqfu qallu: "Dun Ġorġ, forsi għejjejt." "U le, ma għejjejtx, anzi qed nieħu gost", qallu u kompla l-lezzjoni.

Il-priedki tiegħu ma kenux jgħajjuk għax kienu qishom taħdita bejn tnejn, bejnek u bejnu, u kultant kien iżewwaqhom b'xi ċajta jew b'xi pawsa biex jiġbed l-attenzjoni tas-semmiegħa. Fil-lezzjonijiet tiegħu rari kien iżomm suġġett. Wara priedka, darba, mar fuqu wieħed sagristan, u "Dun Ġorġ", qallu, "qisek spiżjar kemm tħawwad!" Dun Ġorġ ma kienx jistenna prosit. Ħares lejh bid-daħka u qallu: "Sieħeb, hemm xi belgħa kafè?"

X'ħin kien isibu mdawwar b'dawk in-nies lesti biex jisimgħu l-Kelma t'Alla kien itir bil-ferħ u meta dan l-aħħar saħħtu kienet iżżommu d-dar, kien jibki u jitqanqal meta kienu jgħidulu li n-nies marru bil-kotra għal-lezzjonijiet, u erħilu jbierek il-ħelu u d-domni biex jitqassmu lin-nies.

**LEJN IT-TMIEM**

Dun Ġorġ kien riesaq lejn it-tmiem ta' ħajtu iżda donnu kien għad baqagħlu x'jagħmel. Il-ġranet kien igħaddihom f'ġenna ta' l-art, f'kalma li ma seta' jitlifha b'xejn. Kien iħossu tant żgur f'idejn Alla li xejn ma seta' jtellfu l-paċi ta' qalbu. Fil-għodu kien iqum iqaddes id-dar tiegħu stess. Hu qatt ma ħabbel rasu għal xejn, għalkemm tant kien jitpaxxa bis-sabiħ u bl-ordni. Dik il-kappella tiegħu armata, kollox nadif u pulit, kienet tħajrek. Meta kien jidħol fiha kien igħid: *"Dan il-Katedral tiegħi!"* Min qatt ma raħ iqaddes ma jistax jifhem u japprezza biżżejjed il-Fidi u l-Imħabba li kellu Dun Ġorġ lejn l-Ewkaristija. Ġie li dam bejn siegħa u siegħa u nofs iqaddes. Il-Brevjar kien igħidu bil-mod il-mod, ġie li dam madwar sagħtejn. Dun Ġorġ qatt ma kien jirripeti kliem waqt l-orazzjonijiet, iżda d-dewmien kien ġej mir-riflessjoni, mill-biki u mill-ferħ li kien iġarrab fl-għaqda tiegħu ma' Alla.

Fil-bidu ta' Lulju 1962 taħ l-ewwel attakk gravi tal-marda li wasslitu għall-qabar, imma l-għada għadda ġurnata mistrieħa Lil wieħed saċerdot li mar jarah wara l-attakk, bis-sempliċità kollha tiegħu Dun Ġorġ qallu: *"Kont se nara lil Ġesu' bla ħsieb! U kieku taf kemm ħassejtni ferħan li kont se narah! Meta jeħodni miegħu jhennini!"*

Qrib nofs Lulju, il-marda bdiet tidher li qed taggrava. Dun Ġorġ kien jidher li qed inaqqas. Staqsewh jagħmlulux il-Griżma tal-Morda. *"Molto volentieri"* (b'qalbi kollha) wieġeb. Il-Griżma għamluhjelu l-

Ħadd fil-għodu tat-8 ta' Lulju. Is-Sibt 21 ta' Lulju reġa' ħassu ħażin, iżda l-għada għadda jum mistrieħ. It-Tnejn 23 tax-xahar beda jnaqqas. Dak in-nhar in-nifs kien ħażin wisq. It-tabib Dr. Lawrence Mifsud Bonnici ordnalu l-ossiġenu. Għall-ewwel Dun Ġorġ bħal beża' mill-maskra, iżda malajr ra l-ġid tiegħu. It-tabib talab lis-sorijiet li kienu marru biex jarawh, Swor Aldegonda u Swor Domitilla tal-Karità ta' S. Vinċenz, biex jibqgħu hemmhekk.

Dun Ġorġ beda jongħos u d-dubbien beda jdur fuq wiċċu. X'ħin Swor Domitilla ratu mistrieħ ma xtaqitux li jqum, għalhekk bdiet tkeċċilu d-dubbien. F'ħin wieħed Dun Ġorġ bħal beda jidħak u jibki: *"Xi ġralek, Dun Ġorġ?"* — *"Rajt lil Ġesù u qalli: 'To me and not to you'."* Is-Soru weġbitu: *"Mela l-Bambin bl-Ingliż ikellmek?"* *"Hu jaf kollox"* weġibha. Is-soru tgħid li hu ma setax kien jaf li hi keċċietlu d-dubbien, anzi hi keċċitulu biex ma jqumx, u Dun Ġorġ ried igħallem lil dik is-soru li l-karità mal-proxxmu tiswa daqs li kieku qegħdin nagħmluha ma' Kristu stess.

Dun Ġorġ kien iħobb immensament it-tfal. Dak in-nhar xtaq ukoll illi jara ż-żewġt itfal li kienu joqogħdu miegħu u li issa kienu qegħdin għand is-Sorijiet. Malli daħlu ħdejh, Dun Ġorġ bit-tbissima staqsa lill-kbir: *"Where have you been George?"* U t-tfal dejjem tfal, anki waqt is-serjetà, ħdejn is-sodda tal-mewt wieħed minnhom qabad rixa u beda jilgħab bħas-soltu ta' suldat. "Stick 'im up, Father George!" U Dun Ġorġ jerfa' jdejh 'il fuq u jiċċajta mat-tfal, bħas-soltu. Il-kbar ħasbu li aħjar ineħħuhom minn maġenbu għax forsi jgħejjuh. Malli ntebaħ Dun Ġorġ bil-ħsieb tagħhom, ħares lejn it-tfal u qal: ***"Hallu t-tfal żgħar jiġu għandi..."***

Il-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Lulju ma tantx raqad. Dak in-nhar fil-għaxija mar jarah it-tabib. Dun Ġorġ fetaħ qalbu miegħu, *"Dott, iridu jagħmluli funeral kbir,"* qallu bi swied il-qalb. ***"Dun Ġorġ, issa ma għidtx kollox lill-Kappillan u lil Nellie? Issa serraħ moħħok. F'ħajtek kont responsabbli int, wara mewtek jagħmlu huma"*** qallu t-tabib, u donnu kkwieta.

Dun Ġorġ, li qatt ma ħabb l-istorbju, wisq inqas xtaqu f'mewtu. L-ordnijiet tiegħu għall-funeral kienu sempliċi: tebut mill-orħos, lanqas il-Knisja ma xtaq li jeħduh biex ma jkunx osservat *"biżżejjed is-saċerdot miegħi, u nixtieq nindifen ma' ħuti"*. Dun Ġorġ sema' wkoll li xtaqu jibbalzmawh, u *"Dawn kollha ħmerijiet"*, qallhom Dun Ġorġ, u beda jitkellem ma' dawk ta' ġewwa fuq il-mewt tiegħu qisu qed jitkellem fuq xi passiġġata. Is-Soru stess, wara li telaq it-tabib, qaltlu: "Kos, Dun Ġorġ, dawn xi ħwejjeġ huma? Aħna lill-morda nibżgħu ngħidulhom għall-Griżma u miegħek qed niddiskutu anki l-funeral!" *"Mela, mela! x'kull waħda tassew!"* weġibha jidħak Dun Ġorġ.

Fil-marda tiegħu Dun Ġorġ mar jarah fost oħrajn l-E.T. Mons. Arċisqof M. Gonzi, li sabu mhux ħażin. Ma setax ma jifraħx biż-żjara u quddiem il-preżenza ta' Ragħaj hekk maħbub ma setax isib kliem biex jesprimi dak li kien qed iħoss u b'dik it-tbissima tiegħu bħal tat-tfal beda jgħidlu: ***"Skużani, Eċċellenza, għax, taf int. jiena ma nafx inkompli, ma nafx kif imorru l-affarijiet, kif naqbad nilqgħek u nirringrazzjak."***

It-Tlieta, 24 tax-xahar, mar jarah ukoll is-Superjur Ġenerali li kif rah f'dik is-sura beda jitħassru u beda jibki. Dun Ġorġ intebaħ, u ***"Ġeġe', isa, ħallina mill-biki issa"***, qallu. Qabel ma ħallieh dik in-nhar, Dun Ġorġ wara li kellmu fuq xi ħwejjeġ tas-Soċjeta' bierku u qallu: *"Fik jiena nbierek is-Soċjeta' kollha."*

L-Erbgħa, 25 ta' Lulju, fil-11 ta' fil-għodu kien ħażin ħafna, iżda fil-għaxija stejqer. Wara nofs in-nhar reġgħu marru s-Sorijiet u sabuh jaqra l-Vanġelu bit-Taljan. Forsi kien qed jiftakar f'dawk l-ewwel laqgħat li kien jagħmel taħt il-ħarruba ta' Santa Vennera mas-Superjur Ġenerali. "Dun Ġorġ, ma tgħejjix taqra?" staqsietu s-Soru. *"Le, le, qed nitpaxxa bil-Vanġelu ta' Kristu."*

Dun Ġorġ baqa' dejjem b'dik il-kalma, bla biża' tal-mewt. Hu stess min jaf kemm kien jirripeti lis-soċji.

"Min iħobb lil Ġesù jixtieq imut biex imur ħdejn Ġesù". U issa kien wasal il-ħin tiegħu biex jiltaqa' ma' Ġesù, ma' dak Ġesù li għaliH biss kien għex, u li għaliH biss kien ħadem, tant li ma kien jara xejn prezzjuż fuq dina l-art ħlief l-għaqda ma' Kristu, u għalhekk kien spiss igħid: "Min jagħraf lil Ġesù jkollu jirrassenja ruħu jistenna l-mewt biex tgħaqqdu ma' Ġesù."

Il-lejl tal-25 kienu fil-kwiet weħedhom imdawrin mas-sodda ż-żewġ Sorijiet u Nellie Bartolo, soċja tal-M.U.S.E.U.M. li għal ħafna snin ħadet ħsiebu bl-ikbar kura, u qagħdu hekk f'dik l-intimità u f'dik il-ħemda jitkellmu miegħu. "Dun Ġorġ, nixtieq nisma' quddiesa tiegħek", qaltlu Swor Domitilla. *"L-ewwel quddiesa għalikom nagħmilha, biex Alla jkattarkom fil-kwalità u mhux fil-kwantità"*. Wara ftit bdew jitkellmu fuq Gloria Gerson, studentessa Ingliża tal-Mediċina, konvertita xi sena qabel, li kienet hawn Malta għal xi ġimgħat għall-vaganzi. *"Kemm ħadt gost"* qal Dun Ġorġ lis-soru, *"meta semmejtli dik ix-xebba. Jekk tiktbilha għidilha biex tgħid dejjem hekk: 'I remain united with the Pope, the Head of the Catholic Church'. Għax l-Ingliżi"*, kompla Dun Ġorġ, *"jemmnu f'Ġesù Kristu u jemmnu li Huwa Alla u bniedem, u allura suppost li jemmnu d-duttrina tiegħu għax Alla ma jigdibx, u Hu qal li l-Knisja Tiegħu ħadd ma jista' jfarrakha. Kif tista' temmen f'Alla u mbagħad tfarrak il-Knisja Tiegħu?"*

Is-sodda tal-mewt tiegħu kienet saret pulptu. *"Meta tridu tonoraw lill-Madonna sejħulha "Mother of God", u meta tridu tonoraw lil Ġesù onoraw lid-Divinità Tiegħu..."*

"X'jidhirlek mill-Konċilju Dun Ġorġ?" *"Il-Papa jrid ikollu metodi differenti biex jiġbed lill-Ingliżi, lix-Xiżmatiċi u l-pagani..."* Imma moħħu kien fl-Ingilterra, *"...u x'Nazzjon dak!... kif ma jikkonvertux?... kif hux?..."* Nellie għamlet sinjal lis-soru biex tieqaf. Dun Ġorġ kien jidher imqanqal ħafna, u baqa' jgħid, *"L-Ingliżi... l-Ingliżi... kif ma jikkonvertux...?"*

Dun Ġorġ kellu qalbu tad-deheb. Ir-rikonoxxenza tiegħu kienet tassew kbira. Ma felaħx jara lis-sorijiet imqajmin bil-lejl. *"Sor, emminni li tikkonfonduni narakom imqajmin"*. Il-ħin kollu kien jirripeti hekk. *"Ara, jaħasra... morru mteddu."*

Kull meta kellu bżonn xi servizz naturali ma kien isofri ebda misħija mis-sorijiet, anzi kien qisu tifel kif qalu s-sorijiet stess. Waħda minnhom staqsietu: "Kos, kif ġejt jien Dun Ġorġ?" *Il-Provvidenza... il-Provvidenza... Din tagħkom hija vera vokazzjoni... Santa Giovanna Antida... kemm sofriet..."* u bit-tbissima fuq fommu *"Eh, eh... il-fundaturi kollha sofrew..."* Bla dubju kien qed jiftakar fis-Soċjetà għażiża tiegħu. Ftakar meta s-Soċjetà tiegħu għal tliet darbiet kienet waslet fit-tmiem u hu kemm sofra u talab għaliha biex jiddefendiha, biex ma jħallix min igerfixlu fiha. Ftakar kemm swietlu sagrifiċċju, imma issa kien kuntent għax ħassu jtemm il-missjoni li Alla kien tah.

Dun Ġorġ beda jiksaħ u l-għaraq ixoqq għalih. Lanqas bl-ossiġenu ma seta' jieħu n-nifs. Kien dieħel fl-agunija. Dun Ġorġ kien tiela' l-Kalvarju tiegħu.

Fil-ħemda tal-kamra tiegħu, li kienet saret qisha post imqaddes, instama' leħnu bħal dak ta' Kristu li ħass l-abbandun tal-Missier: *"Xi dwejjaq"... xi dwejjaq!... X'jaf min ma jġarrabx!..."* Il-lejl kollu ma raqadx. Tawh l-injections tan-narkotiċi. Fl-4 ta' fil-għodu riedu jsejħu lis-sorijiet. Dun Ġorġ qabeż, avolja fi bżonn kbir, *"Ħalluhom, tiddisturbawhomx dalħin"*. Kien tant jobgħod idejjaq innies u meta xi ħadd kien jagħmillu pjaċir ma kienx joqgħod bi kwietu qabel ma jpattihulu b'qalb l-aktar ġeneruża.

Sebaħ is-26 ta' Lulju, il-Ħamis, festa ta' Santa Anna li tagħha kien tant devot u li kien isejħilha n-Nanna tal-Bambin. Kellu jkun l-aħħar jum ta' Dun Ġorġ fil-Gżira tagħna. Fil-għodu kmieni tqarben, l-aħħar tgħanniqa ma' Ġesù qabel ma jarah wiċċ imb'wiċċ. Malli tqarben siket. Dam għaxar minuti f'silenzju profond. Ħadd ma ssogra jikser dak is-skiet tas-sema li kien hemm f'dik il-kamra. F'daqqa waħda nstema' Dun Ġorġ: *Gloria in excelsis Deo et in*



*terra pax hominibus... Quoniam Tu so'us Sanctus... Tu solus Dominus... Jesu Criste...*" kien l-aħħar Innu ta' glorja lil Kristu. Ħajtu kienet glorja waħda lil Alla u issa li waslet biex tispiċċa, biex tibda l-glorja ta' dejjem fis-sema, quddiem Dun Ġorġ bdiet għaddejja ħajtu u wara ftit reġa' nfexx f'ringrazzjament lil Alla: "*Te Deum laudamus... te Dominum confitemur...*" U l-aħħar tislima lil Dik li f'ħajtu kien isejħilha l-"Benedicta", l-Verġni Mbierka: "*Magnificat anima mea Dominum... Deposuit potentes de sede et exaltavit humiles...*" "*Ave Maris Stella... Monstra te esse Matrem...* "Wara qalu sitt Pater u Ave u Gloria biex jirbħu l-indulġenzi u reġa' nxteħet fil-kwiet u l-kalma tiegħu. Qabad il-Kurċifiss u biesu b'imħabba kbira. Is-soru staqsietu: "Dun Ġorġ għaliex bistlu riġlejh?" Dun Ġorġ ħares lejn il-Kurċifiss u qal: "*O quam speciosi pedes evangelizantium pacem, evangelizantium bona.*" (O kemm huma sbieħ ir-riġlejn ta' dawk li jħabbru l-paċi, ta' dawk li jħabbru t-tajjeb).

Għal xi l-10 ta' fil-għodu tqalleb, ġabar l-aħħar forzi u qam għar-rkobbtejh. Bdew igħinuh. "*Issa ġġibu lil ħadd*", qallhom, u beda: "*Ġesù... jiena naċċetta... kull xorta ta' mewt... li jogħġbok tibgħatli...*"

Ma fe'aħx ikompli iżjed u s-soru bdiet tgħid il-kumplament tat-talba, u Dun Ġorġ iwieġeb: *Iva... iva*" X'ħin ratu hekk f'dik is-sura Nellie staqsietu mbikkija: "Mela se tmut?" "*Mela aħna tfal, Nellie? Tardare si', scappare no.*" "U fejn se tqaddisha l-Quddiesa li wegħedt?" "*Ma tafx li jiena Sacerdos in aeternum?*" Talbuh imbagħad li jberikhom, u waħda waħda Dun Ġorġ berikhom b'qalbu kollha.

Bagħtu mbagħad għall-Kappillani tal-Ħamrun u ta' Santa Venera, għall-Konfessur, u għas-superjuri tal-M.U.S.E.U.M. Wara nofs in-nhar reġgħu bdew l-affanni kbar ta' qtiegħ ta' nifs "*Is-sinjur Alla qiegħed jippurifikani bid-dwejjaq...*" F'daqqa waħda sserja ħafna, fetaħ għajnejh beraħ, ħares lejn il-lemin u b'sebgħu l-werrej beda juri l-ġenb qisu qed ikeċċi 'l xi ħadd. U mbagħad dar lejn in-naħa l-oħra u għamel l-istess. F'xi waqtiet instama' jgħid aktar minn darba: "*Għal ħajti u għal wara mewti.*" Kien qed jirriferi għall-Att Erojku li bih kien offra l-parti satisfatorja ta' l-opri kollha tajba ta' ħajtu u s-suffraġji li jsirulu wara mewtu għall-erwieħ tal-Purgatorju.

Ġie l-Konfessur u kellmu waħdu. Għal xi s-siegħa qallhom: "*Għandi l-għatx.*" Nellie ġabitlu tazza ilma, berikha, iżda ma xorobhiex. Forsi ftakar f'Ġesù li wkoll miet bil-għatx. Huwa kien tant iħobb jagħmel dan l-eżerċizzju. Waħda mis-sorijiet li assistiet lil Dun Ġorġ qalet: "Meta qaluli biex immur nassisti ma' Dun Ġorġ jiena fraħt għax ħsibt li se nara xi mewt mimlija bi ħwejjeġ tas-sema, iżda minflok rajt lil Dun Ġorġ jagonizza bi tbatija kbira bħal Ġesù". Għax tabilħaqq kull min ra lil Dun Ġorġ fl-aħħar sigħat ta' ħajtu tħassru għat-tbatijiet li kien isofri. Dun Ġorġ żgur f'dawk il-waqtiet kien qed jiftakar f'Ġesù fuq is-Salib. Dan għamlu matul ħajtu kollha. Hu kien dejjem igħallem lis-soċji tiegħu biex iqabblu l-ħajja tagħhom ma' dik ta' Ġesù bl-Eżerċizzju Memorjali. Fetaħ idejh beraħ bħal Kristu Msallab. Is-soru kienet iżżomm idu waħda u Nellie l-oħra u Dun Ġorġ kien joffri ruħu lil Alla. Għat-tieni darba Dun Ġorġ reġa' beda jħares lejn il-lemin u x-xellug u jipponta subgħajh lejn il-ġenb. Ħadd ma jaf x'kienet din. Xi wħud tħassbu li forsi kienet xi tentazzjoni biex jitkabbar u Dun Ġorġ keċċa bl-akbar qawwa lix-xitan. L-affanni komplew żdiedu, u kien jidher li qed ibati ħafna. Is-Sinjur Alla li ħalla lil Ibnu l-Maħbub jixrob sa l-anqas qatra l-kalċi u ma ħelsux middwejjaq kbar fir-ruħ Tiegħu, ried ukoll lil Dun Ġorġ, li f'ħajtu tant xtaq jimita f'kollox lil Ġesù, igħaddi wkoll l-aħħar sigħat tiegħu fi tbatijiet kbar. Dawk ta' madwaru semgħuh igħid bl-ilfiq u l-kommozzjoni, "*Alla, aħfirli!*" Aktarx il-ħsieb tal-ġustizzja t'Alla kien iġiegħlu jgħid hekk.

Meta fil-għaxija żdiedu bil-bosta l-affanni, tant li ġieb ħniena lil kull min kien jarah, qegħdulu l-inkwatru ta' San Mikiel, li lejh Dun Ġorġ kellu devozzjoni kbira, ħdejn rasu,

iżda hu riedu ħdejn saqajh biex ikun jista' jarah.

Kienu s-sebgħa u nofs ta' fil-għaxija, fis-sajf, kollox kalma u sħana. Ix-xemx kienet għadha kemm niżlet. Malta kollha kienet tistaqsi: "Kif għadda Dun Ġorġ?" Kien il-Ħamis, l-istess ġurnata li fiha kien fetaħ l-ewwel dar il-Ħamrun. Malta kollha kienet titlob għal Dun Ġorġ. Uliedu, li kull wieħed u waħda minnhom xtaqu li jkunu preżenti maġenbu biex igħidulu l-aħħar kelma u jagħtihom l-aħħar barka, kienu nġabru f'kull parroċċa ta' Malta u organizzaw Ora Santa għall-bżonnijiet tal-Fundatur tagħhom. Il-poplu kollu kien ingħaqad magħhom fit-talb. Anki s-Saċerdoti ta' Malta kienu miġburin f'irtir u f'dik il-ġabra ta' kwiet fuq l-għolja tal-Virtù, fejn Dun Ġorġ ilaqqa' l-membri tiegħu biex igħaddu flimkien il-lejl ta' San Mikiel, waslet l-aħbar. "Dun Ġorġ qed imut." Il-wiċċ kalm tiegħu kien jixhed il-qawwa ta' ruħu. Hekk waslet l-aħbar minn maġenb is-sodda tiegħu. F'mewtu Dun Ġorġ ġabar lil Malta f'Ora Santa waħda quddiem Ġesù Ewkaristija.

Bdew il-Litaniji tal-moribondi. Dun Ġorġ kien għadu f'sensih u jwieġeb magħhom. Sidru kien tiela' u nieżel bil-kemm jista' jieħu n-nifs. Għamel l-aħħar sforz, refa' rasu jħares lejn San Mikiel biex bħallikieku jitolbu jiddefendih fl-aħħar taqbida. Imbagħad l-aħħar ħarsa lejn Dik li qablu għaddiet minn fuq il-Kalvarju, id-Duluri, u l-aħħar bewsa kollha mħabba lill-"Verbum Dei". Dun Ġorġ kien diġà qed jisma' s-sentenza: "Bravu, serv tajjeb u fidil, idħol fil-ferħ ta' Sidek."

Ix-xemx issa kienet niżlet, l-Ora Santa spiċċat, u Dun Ġorġ spiċċa wkoll. Fis-7.45 p.m. il-ħajja tiegħu fuq l-art intemmet biex tibda fis-sema. Il-ħajja nbidlet u ma ntemmitx. Malta dak in-nhar kienet bagħtet ġawhra fis-sema. F'Malta kien intefa dawl biex jiddi għal dejjem fl-eternità. Mingħajr ma missu ħadd, Dun Ġorġ għalaq għajnejh waħdu u strieħ fil-Mulej. Kellu 82 sena.

L-aħbar ta' mewtu malajr ġriet ma' Malta kollha. Kull parroċċa kienet iddoqq trapassjoni biex tħabbar lill-poplu li miet Dun Ġorġ tal-M.U.S.E.U.M. Ma' kullimkien twaħħlu l-karti "Luttu għal Dun Ġorġ" "Miet il-Fundatur tal-M.U.S.E.U.M." Dik il-għaxija stess in-nies bdiet sejra d-dar tiegħu biex issellimlu. Xi wħud irnexxilhom jidħlu, iżda l-folla kibret wisq. Kellhom jibgħatu għall-Pulizija biex joqogħdu mal-bieb. Ħadd ma seta' jidħol ħlief il-Patrijiet u s-Sorijiet.

Dun Ġorġ xtaq funeral sempliċi. Din kienet ix-xewqa ta' dan il-mudell ta' l-umiltà. Iżda mhux dan kien id-dover ta' wliedu. Xtaqu li jagħmlulu funeral kif kien jixraqlu, u Malta kollha kienet tistenna li tagħti kif kien jixraqlu l-aħħar tislima lil dan il-Benefattur kbir tagħha. Huma xtaqu li jkabbruh f'mewtu. Xtaqu jerfgħuh, ibusuh, iwassluh għall-aħħar darba sal-post fejn kien igħallimhom u jniżżluh biex jistrieħ fid-dar tagħhom biex ta' spiss ikunu jistgħu jżuruh u jitolbuh.



Il-Ġimgħa fil-għodu, 27 ta' Lulju, is-Superjur Ġenerali, E. Borg, mar jagħti l-aħħar tislima lill-Fundatur fid-dar tiegħu f'Santa Vennera. Qabel ma Dun Ġorġ tqiegħed fit-tebut, is-Sup. Ġenerali u s-Superjura Ġenerali tawh l-aħħar bewsa.

Hekk rawh dawk il-ftit li daħlu d-dar qabel ittieħed għall-Parroċċa ta' San Gejtanu nhar is-27 ta' Lulju fil-għodu.

**JUM TA' LUTTU**

L-għada ta' mewtu, il-Ġimgħa, sebħet ġurnata sabiħa, iżda mhux għas-soċji tal-M.U.S.E.U.M. li malli fetħu għajnejhom ftakru li kienu orfni. Kull fejn tħares kont tilmaħ bandieri mezz'asta, faxex u ċfuf suwed.

Kien dover għall-istampa Maltija li tagħti dik l-importanza lil dan il-bniedem li għadda ħajtu jikteb kotba u artikoli.

Il-gazzetti kollha taw l-aħbar b'tipi kbar u f'post prominenti. Uħud iddedikaw fuq Dun Ġorġ l-editorjal tagħhom. "Miet Dun Ġorġ tal-Museum..." Ma hawnx Malti żgur li ma nħasadx għal din il-bxara... "Malta tilfet Benefattur kbir" — "Dun Ġorġ ħalla warajh vojt kbir" — "Miet il-Bniedem t'Alla" — "Miet il-Pijunier tal-Appostolat tas-Sekulari." Dawn, u ħafna kummenti, juru kemm Dun Ġorġ kien f'qalb kulħadd. Malta kollha tqanqlet għall aħbar tal-mewt ta' Dun Ġorġ, għaliex hu, minkejja tiegħu nnifsu, kien ilu li sar figura nazzjonali. In-nies li ġew biex jarawh kienu minn Malta kollha u ta' kull kundizzjoni. Fil-għodu ħaduh mid-dar tiegħu li kellha l-isem 'San Gejtanu' fil-limiti ta' Santa Venera għall-Knisja ta' San Gejtanu l-Ħamrun f'tebut mikxuf, li tahulu bħala rigal wieħed ħabib mill-Belt. Fil Knisja ħadd ma seta' jsib tarf tan-nies: kellha tiġi l-Pulizija u ddawwar il-katavru bil-ħadid. In-nies bdew jidħlu wara xulxin u jagħtu fi kwiet perfett l-aħħar tislima. Xi wħud iħarsu lejh, igħidu talba f'qalbhom, u minn għajnejhom taqbżilhom demgħa.

**Kif il-katavru daħal fil-Parroċċa ta' San Gejtanu l-Ħamrun folol kbar daru miegħu biex isellmulu għall-aħħar darba.**



Folol ta' nies minn kull taqsima tal-ħajja riedu jarawh għall-aħħar darba.



Barra mill-Knisja kulħadd kellu xi storja x'jirrakkonta jew xi ħaġa xi jgħid. "Dil-kuruna hu berikhieli — Lili għamilli profezija — Lil oħti hu fejjaqha — Kemm kien iqarar sabiħ! Kien jaqralek qalbek! — Qatt ma rajtu jitkabbar — Jiena għandi ittra minn tiegħu — U jien għandi domna tahieli hu..." u l-bqija. Veru li f'mewtu Dun Ġorġ inkixef dwar il-ġid li kien jagħmel bil-moħbi.

Ħafna bdew joħorġu l-kuruni tar-Rużarju jmissuhom miegħu. Hekk baqgħet miftuħa l-Knisja sa fil-għaxija fit-tard ħafna, sakemm kellhom ikeċċu n-nies biex jagħilqu l-bieb. Sbieħ is-Sibt, 28 ta' Lulju, il-katavru ta' Dun Ġorġ ġie ssiġillat fiż-żingu.



Il-Pulizija kellha ddawwar it-tebut bil-ħadid biex torganizza l-folol kbar li marru jaraw lil Dun Ġorġ mejjet.



Rappreżentant tal-Arċisqof, Mons. A. Bonnici, flimkien ma' Mons. Mifsud, is-Sup. Ġenerali u t-tabib kuranti ta' Dun Ġorġ jattendu għall-Quddiesa Funebri li saret fil-knisja ta' San Ġejtanu.

L-Isqof Galea jagħti l-aħħar assoluzzjoni lill-katavru.





Minħabba l-eluf ta' nies li marru jagħtu l-aħħar tislima lil Dun Ġorġ il-pulizija kellha tagħmel protezzjoni kbira madwar it-tebut.

Is-Sibt fil-għodu l-Knisja kienet maħnuqa għall-Quddiesa solenni li saret mill-Vigarju Ġenerali Monsinjur Isqof Emm. Galea fil-parroċċa li tant ħabb, ta' San Gejtanu. L-Isqof Galea għamel ukoll id-diskors funebri li fih faħħar b'mod speċjali l-umiltà u s-sempliċità ta' Dun Ġorġ. Il-kant tal-Quddiesa kien immexxi minn Dun Ġużepp Cachia. It-tebut ta' Dun Ġorġ baqa' espost fil-Knisja sa wara nofs in-nhar meta sarlu funeral solenni. Kien tabilħaqq funeral kbir. Malta kollha ħadet sehem. Il-katavru ta' Dun Ġorġ ittieħed, merfugħ fuq l-ispallejn tas-soċji tal-M.U.S.E.U.M., mill-Knisja Parrokkjali għall-Kripta tal-Kappella tad-Dar Ċentrali tal-M.U.S.E.U.M. fil-Blata l-Bajda.

Barra n-numru kbir ta' dawk li ħadu sehem fil-korteo, it-toroq kienu mimlija nies li ġew minn kull rokna biex jagħtuh l-aħħar tislima. Il-funeral mexxih il-Kappillan tal-Ħamrun, u jżommu l-faldrappa kien hemm erba' kappillani: tal-Furjana, ta' Tas-Sliema (San Girgor), ta' Santa Venera, u ta' Ħaż-Żebbuġ. F'żewġ linji, waħ-



Is-Superjura Ġenerali qed tagħti l-aħħar tislima lill-Fundatur fid-dar tiegħu nhar is-27 ta' Lulju 1962.



da kull naħa tat-tebut, imxew il-Membri tal-Korp Bon Ordni taż-żewġ sezzjonijiet tas-Soċjetà u wara t-tebut kien hemm rappreżentant ta' l-Arċisqof, l-Aġent Prim Ministru, l-Assistent Ekklesjastiku tas-Soċjetà, membri tal-familja tiegħu, is-Superjur Ġenerali bil-Kunsill Privat tiegħu u numru bla għadd ta' membri tal-M.U.S.E.U.M. u ta' Għaqdiet oħra.

Meta t-tebut wasal ħdejn il-bieb tad-Dar Ċentrali tqiegħed f'nofs il-bieb biex kulħadd ikun jista' jarah għall-aħħar darba. U hawn deher ċar kemm Dun Ġorġ kien f'qalb il-poplu. Kulħadd ipprova jmur qrib lejh biex ibus it-tebut tiegħu jew imiss ħwejjeġ għeżież mat-tebut. Aktar tard imbagħad it-tebut ġie midfun fil-Kripta taħt il-Kappella tal-Madonna tal-Midalja Mirakoluża, fejn minn dak in-nhar sal-lum il-qabar tiegħu dejjem baqa' frekwentat minn nies ta' kull kondizzjoni u ta' kull età.

**Dun Ġorġ, mis-Sema, ibierek l-għaqda tiegħu, l-isbaħ monument li ħalla warajh.**



Dun Ġorġ mhux biss kien, imma hu.

Dun Ġorġ miet, iżda għadu ħaj, forsi aktar minn ħafna nies li għadhom igħixu fil-ġisem. Tabilħaqq "mhux kulħadd imut". Dun Ġorġ ma kienx sempliċi qassis fl-istorja ta' Malta, li taqra fuqu u tinsa wara ftit żmien, imma qassis li ħalla warajh l-ispirtu tiegħu. Dun Ġorġ għadu ħaj fl-Għaqda li huwa waqqaf; Dun Ġorġ għadu ħaj f'uliedu. Ta' kull sena, żgħażagħ ġodda, ġuvintur u xebbiet fl-aħjar tal-ħajja tagħhom, mimlijin b'entużjażmu tal-ġenerożità taż-żogħżija, jaħilfu li ħajjithom iridu jfassluha fuq ħajtu, li ruħhom iridu jsalvawha fuq il-pariri u t-tagħlim tiegħu.

Dun Ġorġ kien realista kbir. L-ideal li hu poġġa quddiem uliedu għadu hemm, u ma' Malta kollha, kull fil-għaxijà, sajf u xitwa, l-opra ta' Dun Ġorġ tiftaħ il-frieghi tagħha biex tilqa' l-eluf ta' tfal li jiġu fi ħdanha biex jisimgħu l-kelma ta' Kristu. Is-siġra ta' Dun Ġorġ għadha tikber u saħansitra għadha tiftaħ il-frieghi tagħha 'l barra mix-xtut tal-Mediterran.

Imma x'ried jagħmel sewwa Dun Ġorġ bl-Għaqda tiegħu? X'inhi s-sejħa tagħhom dal-mijiet ta' ġuvintur u xebbiet li Dun Ġorġ saħħarhom għal warajh?

Lil dawn iż-żgħażagħ Dun Ġorġ la riedhom jiżżewġu u lanqas jidħlu reliġjużi. Riedhom jibqgħu fid-dinja bla ma jkunu tad-dinja. Iżda lanqas ma kellhom jibqgħu ġuvintur weħidhom fid-dinja — dix-xorta ta' ħajja ma togħġobhomx. Persważi li Alla ma jridhomx jaħdmu s-salvazzjoni tagħhom b'dan il-mod, xtaqu jagħmlu xi ħaġa speċjali għal Kristu b'ħajjithom. Huma wkoll kienu joħolmu b'futur sabiħ mingħajr ma kienu jafu kif se jsibuh jew jilħquh.

Dun Ġorġ issodisfahom — u nibtet il-vokazzjoni ġdida, forma ġdida ta' ħajja ta' perfezzjoni fis-seklu. Dil-forma ta' ħajja evanġelika hija l-aktar mod ġdid u reċenti kif wieħed jimxi fuq il-pariri ta' Kristu u jsir appostlu. Hija mezz l-aktar modern biex inbiddlu d-dinja. Din kienet il-ħajja ġdida li ħoloq Dun Ġorġ għaż-żgħażagħ tiegħu u l-Knisja berkitha.

Dun Ġorġ xtaq li jilħaq l-ideal għoli ta' San Benedittu, ta' San Duminku, ta' Sant'Injazju, mingħajr ma jġiegħel liż-żgħażagħ jidħlu f'kunvent. Dawn in-nies qed igħixu taħt Regola mingħajr ma joqogħdu flimkien (għalkemm min irid jista' joqgħod ma' sħabu f'dar apposta), mingħajr ma jħeħħu l-libsa ta' sekulari, jibqgħu jaħdmu fl-istess post tax-xogħol, skrivan, teacher, mechanic, eċċ. Iżda huma nies dedikati għall-ideal li Dun Ġorġ poġġa quddiemhom: Kristu u l-Knisja tiegħu. L-għajta tagħhom hija: Li nirbħu d-dinja għal Kristu (*Magister, Utinam Sequatur Evangelium Universus Mundus*). Dawn huma s-suldati ta' Kristu b'a uniformi u bla unuri, għalkemm ir-rebħiet tagħhom huma kbar. Din hi l-armata siekta ta' Kristu.

Il-ħajja li tahom Dun Ġorġ liż-żgħażagħ tiegħu hija tal-għaġeb. Meta tħares lejhom minn barra forsi tista' ma tifhimx is-sejħa ta' dawn il-ġuvintur, iżda meta tagħmilha intimament magħhom tara x'ħajja ta' paċi qegħdin igħixu f'din l-art.

L-Għaqda ta' Dun Ġorġ turi l-ispirtu ta' Alla li kien fih. Għaliex min kien jasal li jirbaħ għal warajh għadd hekk kbir ta' żgħażagħ ta' kull kondizzjoni, iċaħħadhom mill-pjaċiri li toffrilhom id-dinja, jagħtihom ħajja li ma tafx b'mistrieħ, li ma tfittixx ħlas f'din l-art, li ma tridx taf x'igħidu n-nies tad-dinja, imma ħsiebhom biss fi Kristu u l-ħwejjeġ tiegħu?

Min jidħol fl-Għaqda ta' Dun Ġorġ irid ikun ta' karattru ta' l-azzar — irid igħix il-ħajja reliġjuża bla ma għandu l-vantaġġi ta' din il-ħajja. Fuq ix-xogħol, fil-familja, irid igħix ħajja ta' perfezzjoni — ftit diffiċli u min ma jkunx ta' karattru ma jipperseverax f'sejħa tant kbira mdawwra b'tant perikoli.

Dan kollu jirrifletti bil-qawwa l-ħila ta' Dun Ġorġ. Kien jixraq illum, wara mewtu, li nikxfu ftit mill-monument li ħalla warajh għall-glorja t'Alla u l-ġid tal-erwieħ. Dan hu l-kobor ta' Dun Ġorġ.



# Ritratt ta' Kristu

## Mill-Kitba ta' Dun Ġorġ

*L-imħabba u esperjenza li Dun Ġorġ kellu tal-Persuna ta' Kristu ħalliha miktuba, b'mod speċjali, f'wieħed mill-kitba tiegħu, li hu semmih:* Is-Sakrarju ta' l-Ispirtu ta' Kristu. *F'dan il-ktieb, Dun Ġorġ jagħti ritratt tal-pinna dwar Ġesù, u dan huwa biżżejjed biex jurina kif Dun Ġorġ kien jifli bir-reqqa l-persuna ta' Kristu u jibni l-imġieba tiegħu kollha kemm hi fuq l-ispirtu ta' "dan l-Imgħallem Wieħed tal-bnedmin":*

"Kristu kien raġel twil — wiċċu ta' żagħżugħ — la magħlub, lanqas smin — kulur ismar bajdani — moħħu għoli — għajnejh suwed u dejjem baxxi lejn l-art. Kien sabiħ, kif kien jixraq lill-Iben t'Alla magħmul bniedem — bla ebda difett f'ġismu — xagħru twil la Nazzarena — kulur qastni bħall-baffi u l-mustaċċi tiegħu. Il-mixja tiegħu kienet devota u ppawsata — jiġifieri ma kienx jimxi jgħaġġel. Il-ħarsa tiegħu kienet gravi u serja b'mod li l-pajżani tiegħu rawh iva jibki, iżda qatt jidħaq. — Il-vuċi tiegħu soda u ċara u skond iċ-ċirkustanzi ħelwa jew ta' qilla. — Meta kien joqgħod bilqiegħda, kien jispira majesta' bil-pożizzjoni deċenti tiegħu. — Fommu sieket — kliemu tagħlim, faraġ, twiddib jew korrezzjoni — theddid kontra l-faċċoli. — Kien jaf jaqra u jikteb mingħajr ma kellu min igħallmu — kien jiġbed in-nies lejh minħabba fil-mirakli u fl-għerf tiegħu, u fit-temperamenti tiegħu kalm u kwiet. — Ma kienx iwarrab u lanqas ikeċċi 'l bogħod minnu lil min kien javviċinah. — Kien juri affezzjoni lejn kulħadd — imma lejn il-baxxi, lejn iż-żgħar, u lejn l-injuranti kien juri preferenza ta' ħbiberija. — Ma kienx jinxtara dwar il-ġustizzja u dwar il-verita', b'ebda rigal, b'ebda mod ieħor. — Kien kuraġġuż għal kull persekuzzjoni — kien ta' rettitudni kbira, ma kienx juri li jibża' minn ebda bniedem potenti. — Ma' dawk li kienu jittrattaw Miegħu, ta' spiss kien iżomm dixxiplina daqqa bil-ħlewwa u daqqa bil-virga — la kien jimpurtah minn unuri u lanqas minn disprezzi. — Kien juri għaxqa meta miegħu kienu jduru n-nies biex jisimgħuh. — Qatt ma kien igħallem xejn bla ma jsaħħaħ bl-eżempju l-kelma tiegħu . — L-għerf tiegħu mixhud mill-paċenzja tiegħu kien igħaġġeb l-aqwa dutturi tal-liġi. — Għad-doni tiegħu kien miżmum b'oġġett ta' għejra u, b'danakollu, kien juża magħhom mogħdrija. — Kienet tidher fih mira waħda u din lejn Alla li lejh kien juri venerazzjoni kbira, u ħerqa għal-liġi tiegħu, u difensjoni għall-ġieħ divin tiegħu. — Kien jidher fih spirtu ta' sagrifiċċju, ta' mħabba u ta' umiljazzjoni b'mibegħda kbira lejn is-sentimenti tas-suppervja. — Bi nhar fost il-folol tan-nies li kienu jfittxuh għall-ġid tagħhom tant spiritwali kemm ukoll temporali. — Kien iħobb tant lil Ommu, mara armla, li mis-salib waqt mewtu irrakkomandaha lil wieħed mill-appostli tiegħu biex jieħu ħsiebha." (Passus XCII).

